// Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 315

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 60

30 ta' Novembru 2017

Werrej

I *Atti leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament (UE) 2017/2107 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1936/2001, (KE) Nru 1984/2003 u (KE) Nru 520/2007** ..... 1

DIRETTIVI

★ **Direttiva (UE) 2017/2108 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 li temenda d-Direttiva 2009/45/KE dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri** ([1]) ..... 40

★ **Direttiva (UE) 2017/2109 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 98/41/KE dwar ir-reġistrazzjoni ta' persuni li jbaħħru abbord vapuri tal-passiġġieri li joperaw lejn jew minn portijiet tal-Istati Membri tal-Komunità u d-Direttiva 2010/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-formalitajiet ta' rappurtar għal bastimenti li jaslu fi u/jew jitilqu minn portijiet tal-Istati Membri** ..... 52

★ **Direttiva (UE) 2017/2110 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 dwar sistema ta' spezzjonijiet għall-operazzjoni bla periklu ta' vapuri ro-ro tal-passiġġieri u inġenji ta' veloċità għolja għall-passiġġieri f'servizz regolari u li temenda d-Direttiva 2009/16/KE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 1999/35/KE** ([1]) ..... 61

**Rettifika**

★ **Rettifika tar-Regolament (UE) Nru 98/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prekursuri tal-isplussivi** (ĠU L 39, 9.2.2013) ..... 78

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

**MT**

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

I

*(Atti leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT (UE) 2017/2107 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tal-15 ta' Novembru 2017**

**li jistabbilixxi l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1936/2001, (KE) Nru 1984/2003 u (KE) Nru 520/2007**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) L-għan tal-politika komuni tas-sajd (PKS), kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), huwa li tiżgura li jsir sfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi marini li jipprovdi sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali għal żmien twil.

(2) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/392/KE ([4]), l-Unjoni approvat il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar, li *inter alia*, fiha l-prinċipji u r-regoli għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi ħajjin marini. Fil-qafas tal-obbligi internazzjonali aktar ġenerali tagħha, l-Unjoni tieħu sehem fl-isforzi li jsiru fl-ibħra internazzjonali għall-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut.

(3) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/238/KEE ([5]), l-Unjoni ilha Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku ("il-Konvenzjoni tal-ICCAT") mill-14 ta' Novembru 1997.

([1]) ĠU C 34, 2.2.2017, p. 142.

([2]) Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Ottubru 2017 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2017.

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/392/KE tat-23 ta' Marzu 1998 li tirrigwarda l-konklużjoni mill-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-Liġi tal-Baħar u l-Ftehim tat-28 ta' Lulju 1994 li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni tal-Parti XI tagħha (ĠU L 179, 23.6.1998, p. 1).

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/238/KEE tad-9 ta' Ġunju 1986 dwar l-Adeżjoni tal-Komunità fil-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku, kif emendata bil-Protokoll mehmuż mal-Att Finali tal-Konferenza tal-Plenipotenzjari tal-Istati li jifformaw Parti mill-Konvenzjoni ffirmata f'Pariġi fl-10 ta' Lulju 1984 (ĠU L 162, 18.6.1986, p. 33).

(4) Il-Konvenzjoni tal-ICCAT tipprovdi qafas għall-kooperazzjoni reġjonali dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni tat-tonn u ta' speċijiet li jixbhu lit-tonn fl-Oċean Atlantiku u fl-ibħra ta' madwaru permezz tat-twaqqif ta' Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT).

(5) L-ICCAT hija awtorizzata li tadotta deċiżjonijiet obbligatorji (rakkomandazzjonijiet) għall-konservazzjoni u l-ġestjoni taż-żoni tas-sajd fil-kompetenza tagħha, li huma vinkolanti għall-Partijiet Kontraenti. Dawk ir-rakkomandazzjonijiet huma essenzjalment indirizzati lill-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-ICCAT, iżda jinkludu wkoll l-obbligi għall-operaturi privati (eż. il-kaptani tal-bastimenti). Ir-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT jidħlu fis-seħħ sitt xhur wara l-adozzjoni tagħhom u fil-każ tal-Unjoni, iridu jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni malajr kemm jista' jkun.

(6) Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni ([1]) ser jipprevedi li dak ir-Regolament japplika mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet fil-liġi tal-Unjoni li jimplimentaw id-dispożizzjonijiet adottati mill-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMOs) li għalihom l-Unjoni hija Parti Kontraenti.

(7) L-aħħar implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet għall-konservazzjoni u għall-infurzar tal-ICCAT saret permezz tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1936/2001 ([2]) u (KE) Nru 520/2007 ([3]).

(8) Ir-rakkomandazzjoni tal-ICCAT għal pjan pluriennali għall-irkupru tat-Tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, ġiet implimentata permezz tar-Regolament (UE) 2016/1627 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]). Dan ir-Regolament ma jkoprix tali pjan pluriennali għall-irkupru.

(9) Jenħtieġ li meta jimplimentaw dawk ir-rakkomandazzjonijiet, l-Unjoni u l-Istati Membri jagħmlu ħilithom biex jippromwovu attivitajiet ta' sajd kostali u l-użu ta' rkaptu u tekniki tas-sajd li jkunu selettivi u li jkollhom impatt ambjentali mnaqqas, inklużi t-tagħmir u t-tekniki użati f'sajd tradizzjonali u artiġjanali, biex b'hekk jikkontribwixxu għal livell ġust ta' għajxien għall-ekonomiji lokali.

(10) Jenħtieġ li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni sempliċiment timplementa r-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT sabiex tpoġġi s-sajjieda tal-Unjoni u ta' pajjiżi terzi fuq l-istess livell u tiżgura li r-regoli jistgħu jiġu aċċettati minn kulħadd.

(11) Jenħtieġ li l-atti delegati u l-atti ta' implimentazzjoni previsti f'dan ir-Regolament ikunu mingħajr preġudizzju għall-implementazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet futuri tal-ICCAT fil-liġi tal-Unjoni permezz tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

(12) Biex l-emendi futuri tar-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT jiġu implimentati mingħajr dewmien fil–liġi tal-Unjoni, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-emendar tal-Annessi ta' dan ir-Regolament. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti,u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([5]). B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(13) Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]).

([1]) Numru ta' proċedura 2015/0289 (COD), għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1936/2001 tas-27 ta' Settembru 2001 li jistabbilixxi miżuri ta' kontroll applikabbli għas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut li jpassi ħafna (ĠU L 263, 3.10.2001, p. 1).
([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 520/2007 tas-7 ta' Mejju 2007 li jistabbilixxi ċerti miżuri tekniċi għall-konservazzjoni ta' ċerti ħażniet ta' speċi li jpassu ħafna u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 973/2001 (ĠU L 123, 12.5.2007, p. 3).
([4]) Ir-Regolament (UE) 2016/1627 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar pjan pluriennali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 1).
([5]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.
([6]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(14) Biex tkun żgurata l-konformità mal-PKS, ġiet adottata leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tistabbilixxi sistema ta' kontroll, spezzjoni u infurzar li tinkludi l-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU). B'mod partikolari, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 ([1]) jistabbilixxi sistema ta' kontroll, spezzjoni u infurzar tal-Unjoni b'approċċ globali u integrat biex jiżgura l-konformità mar-regoli kollha tal-PKS. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 ([2]) jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 ([3]) jistabbilixxi sistema Komunitarja li tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina s-sajd IUU. Dawk ir-Regolamenti diġà qegħdin jimplimentaw għadd ta' dispożizzjonijiet stipulati fir-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT. Għalhekk, mhuwiex meħtieġ li dawk id-dispożizzjonijiet jiddaħħlu f'dan ir-Regolament.

(15) Ir-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT, kif jinqraw flimkien mar-regoli applikabbli stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1224/2009, jippermettu li l-bastimenti kbar tas-sajd pelaġiku bil-konz jittrażbordaw fuq il-baħar f'ilmijiet mhux tal-Unjoni fiż-żona tal-ICCAT. Madankollu, jenħtieġ li l-Unjoni tindirizza b'mod komprensiv u sistematiku dik il-kwistjoni fil-qafas tal- RFMOs bil-għan li testendi l-projbizzjoni tal-Unjoni dwar it-trażbord fil-baħar fl-ilmijiet tal-Unjoni għall-ilmijiet kollha.

(16) L-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 introduċa obbligu tal-ħatt l-art li japplika mill-1 ta' Jannar 2015 għas-sajd pelaġiku, fuq skala żgħira u kbira, għas-sajd bi skopijiet industrijali u għas-sajd tas-salamun fil-baħar Baltiku. Madankollu, skont l-Artikolu 15(2) ta' dak ir-Regolament, l-obbligu tal-ħatt l-art huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, bħal dawk li ġejjin mir-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT. Skont din l-istess dispożizzjoni, il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati biex timplimenta dawn l-obbligi internazzjonali fil-liġi tal-Unjoni, fosthom, b'mod partikulari, id-derogi mill-obbligu tal-ħatt l-art. Għaldaqstant, il-qbid skartat minn xi sajd pelaġiku fuq skala żgħira u kbira u mis-sajd għal skopijiet industrijali huwa permess f'ċerti sitwazzjonijiet li huma stabbiliti fir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/98 ([4]).

(17) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1984/2003 ([5]) jistabbilixxi programmi ta' dokumenti statistiċi dwar il-pixxispad u t-tonn obeż f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ICCAT. Billi l-ICCAT adotta dispożizzjonijiet ġodda dwar il-programmi statistiċi b'rabta mat-trażbordar fuq il-baħar, jixraq li r-Regolament (KE) Nru 1984/2003 jiġi emendat biex jimplimenta dawk id-dispożizzjonijiet fil-liġi tal-Unjoni.

(18) F'dawn l-aħħar snin ħafna mir-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT inbidlu jew tħassru. Għalhekk, għall-fini taċ-ċarezza, tas-simplifikazzjoni u taċ-ċertezza legali, jixraq li r-Regolamenti (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 520/2007 jiġu emendati,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU I

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

### Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar il-ġestjoni, il-konservazzjoni u l-kontroll marbuta mas-sajd ta' speċijiet ta' ħut li jpassu ħafna ġestiti mill-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT).

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 112, 30.4.2011, p. 1).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

([4]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/98 tat-18 ta' Novembru 2014 dwar l-implimentazzjoni tal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, taħt il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku u tal-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali Futura dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (ĠU L 16, 23.1.2015, p. 23).

([5]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1984/2003 tat-8 ta' April 2003 li jintroduċi sistema għall-monitoraġġ ta' statistika tal-kummerċ fit-pixxispad u tonn alalunga fi ħdan il-Komunità (ĠU L 295, 13.11.2003, p. 1).

*Artikolu 2*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Dan ir-Regolament japplika għal:

(a) Bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, u bastimenti tal-Unjoni involuti fis-sajd rikreattiv, li jaħdmu fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT, u fil-każ tat-trażbord, barra ż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT ukoll, jekk dawn jittrażbordaw speċijiet li jinqabdu f'dik iż-żona;

(b) bastimenti ta' pajjiżi terzi li jkunu spezzjonati fil-portijiet tal-Istati Membri, u li jkunu qed iġorru speċijiet jew prodotti tas-sajd li joriġinaw minn tali speċijiet li qatt qabel ma nħattu jew ġew ittrażbordati fil-portijiet;

(c) bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi u bastimenti ta' pajjiżi terzi involuti fis-sajd rikreattiv li joperaw fl-ilmijiet tal-Unjoni.

*Artikolu 3*

**Rabta ma' atti oħrajn tal-Unjoni**

Dan ir-Regolament japplika mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet stipulati f'Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni ([1]) u fir-Regolament (UE) 2016/1627.

Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament japplikaw flimkien ma' dawk previsti fir-Regolamenti (KE) Nru 1005/2008 u (KE) Nru 1224/2009.

*Artikolu 4*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "speċijiet tal-ICCAT" tfisser l-ispeċijiet elenkati fl-Anness I;

(2) "tonn tropikali" tfisser it-tonn obeż, it-tonna safra u l-palamit;

(3) "bastiment tas-sajd" tfisser kwalunkwe bastiment mgħammar għall-isfruttament kummerċjali ta' riżorsi bijoloġiċi tal-baħar jew nassa tat-tonn;

(4) "bastiment tal-qbid" tfisser bastiment tas-sajd użat bl-għan tal-qbid ta' riżorsi bijoloġiċi tal-baħar;

(5) "bastiment tas-sajd tal-Unjoni" tfisser bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru u rreġistrat fl-Unjoni;

(6) "awtorizzazzjoni tas-sajd" tfisser awtorizzazzjoni maħruġa fir-rigward ta' bastiment tas-sajd tal-Unjoni, li tagħtih id-dritt li jwettaq attivitajiet tas-sajd speċifiċi tul perijodu speċifikat, f'żona partikolari jew għal sajd partikolari f'kundizzjonijiet speċifiċi;

(7) "awtorizzazzjoni tas-sajd speċjali" tfisser awtorizzazzjoni maħruġa fir-rigward ta' bastiment tas-sajd tal-Unjoni, li tagħtih id-dritt li jwettaq attivitajiet tas-sajd speċifiċi bl-użu ta' tagħmir speċifiku, tul perijodu speċifikat, f'żona partikolari jew għal sajd partikolari f'kundizzjonijiet speċifiċi;

(8) "trażbord" tfisser il-ħatt minn bastiment għal fuq bastiment ieħor ta' parti mill-prodotti tas-sajd jew tal-prodotti tas-sajd kollha;

(9) "sajd rikreattiv" tfisser attivitajiet ta' sajd mhux kummerċjali li jisfruttaw ir-riżorsi akkwatiċi bijoloġiċi għar-rikreazzjoni, għat-turiżmu jew għall-isport;

(10) "*data* tal-Kompitu I" tfisser id-*data* ddefinita bħala l-Kompitu I mill-ICCAT fil-manwal tagħha tal-qasam għall-istatistika u t-teħid tal-kampjuni tat-tonn tal-Atlantiku u tal-ħut li jixbah lit-tonn, imsejjaħ "Field manual for statistics and sampling Atlantic tunas and tuna-like fish";

(11) "*data* tal-Kompitu II" tfisser id-*data* ddefinita bħala l-Kompitu II mill-ICCAT fil-manwal tal-qasam għall-istatistika u t-teħid tal-kampjuni tat-tonn tal-Atlantiku u tal-ħut li jixbah lit-tonn, bit-titlu "Field manual for statistics and sampling Atlantic tunas and tuna-like fish";

(12) "PKK" tfisser il-partijiet kontraenti tal-Konvenzjoni tal-ICCAT u l-partijiet, l-entitajiet jew l-entitajiet tas-sajd mhux kontraenti tagħha li jikkooperaw magħha;

(13) "iż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT" tfisser l-ilmijiet kollha tal-Oċean Atlantiku u tal-ibħra ta' madwaru;

([1]) Numru ta' proċedura 2015/0289 (COD), għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali.

(14) "ftehim ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli" tfisser ftehim internazzjonali kif iddefinit fil-punt 37 tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(15) "it-tul ta' bastiment" tfisser it-tul li jitkejjel f'linja dritta mill-punt ta' quddiem nett tal-pruwa sal-punt ta' wara nett tal-poppa;

(16) "bastiment kbir tas-sajd pelaġiku bil-konz" tfisser bastiment tas-sajd pelaġiku bil-konz li minn tarf għall-ieħor ikun fih tul ta' iżjed minn 24 metru;

(17) "bastiment kbir tas-sajd" tfisser bastiment tas-sajd li minn tarf għall-ieħor ikun fih tul ta' iżjed minn 20 metru;

(18) "bastiment kbir tal-qbid" tfisser bastiment tas-sajd li minn tarf għall-ieħor ikun fih tul ta' iżjed minn 20 metru;

(19) "ir-reġistru tal-ICCAT tal-bastimenti kbar tas-sajd" tfisser il-lista, li jżomm is-Segretarjat tal-ICCAT, tal-bastimenti l-kbar tas-sajd li huma awtorizzati jistadu l-ispeċijiet tal-ICCAT fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT;

(20) "bastiment ta' appoġġ" tfisser bastiment li mhuwiex opra tal-baħar li tinġarr abbord li mhux mgħammar b'tagħmir tas-sajd li jista' jitħaddem u li jiffaċilita, jgħin jew iħejji l-attivitajiet tas-sajd, inkluż billi jipprovdi bastiment tal-qbid;

(21) "bastiment tal-ġarr" tfisser bastiment ta' appoġġ li jintuża għat-trażbordar u t-tagħbija fuqu ta' speċijiet tal-ICCAT minn fuq bastiment tas-sajd bil-konz pelaġiku kbir;

(22) "reġistru tal-ICCAT tal-bastimenti tal-ġarr" tfisser il-lista, li jżomm is-Segretarjat tal-ICCAT, tal-bastimenti li huma awtorizzati biex jirċievu t-trażbordar fuq il-baħar minn bastimenti kbar tas-sajd pelaġiku bil-konz fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT;

(23) "reġistru tal-ICCAT tal-bastimenti awtorizzati għas-sajd tat-tonn tropikali" tfisser il-lista li jżomm is-Segretarjat tal-ICCAT, tal-bastimenti kbar tas-sajd li huma awtorizzati jistadu t-tonn tropikali, iżommuh abbord, jittrażbordawh, jipproċessawh jew iħottuh l-art fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT;

(24) "tagħmir biex jinġabar il-ħut' (FAD)" tfisser kwalunkwe tagħmir li joqgħod f'wiċċ il-baħar u jintuża bl-iskop li jattira l-ħut;

(25) "sajd IUU" tfisser attivitajiet tas-sajd definiti fil-punt 1 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008;

(26) "lista tal-IUU tal-ICCAT" tfisser il-lista ta' bastimenti meqjusa mill-ICCAT li wettqu attivitajiet tas-sajd IUU;

(27) "konzijiet" tfisser tagħmir tas-sajd li jinkludi lett prinċipali b'ħafna snanar fuq lettijiet sekondarji iqsar imdendlin minnha (brazzoli) ta' tul u spazjar varjabbli skont l-ispeċijiet fil-mira;

(28) "tartaruni tal-borża" tfisser kull xibka tat-tidwir li t-tarf ta' isfel tagħha huwa miġbur permezz ta' xlief tat-tartarun li tgħaddi minn sensiela ta' ħoloq ma' tul il-ħabel tal-qiegħ u li tippermetti li x-xibka tinġabar flimkien u tingħalaq;

(29) "sunnara" tfisser virga tal-azzar mgħawġa u ttemprata.

TITOLU II

## MIŻURI TA' ĠESTJONI, TA' KONSERVAZZJONI U TA' KONTROLL GĦAL ĊERTI SPEĊIJIET

*KAPITOLU I*

### ***Tonn tropikali***

*Artikou 5*

### Restrizzjonijiet fuq l-għadd ta' bastimenti kbar tas-sajd tal-Unjoni li jistadu għat-tonn obeż

L-għadd u l-kapaċità totali f'tunnellaġġ gross (TG) ta' bastimenti tas-sajd kbar tal-Unjoni li jistadu għat-tonn obeż fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT għandhom jiġu ddeterminati:

(a) bħala l-għadd medju u l-kapaċità f'TG tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li kienu jistadu għat-tonn obeż fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT bejn l-1991 u l-1992; u

(b) abbażi tar-restrizzjoni fuq l-għadd ta' bastimenti tal-Unjoni li kienu jistadu għat-tonn obeż fl-2005 kif innotifikat lill-ICCAT fit-30 ta' Ġunju 2005.

*Artikolu 6*

**Awtorizzazzjonijiet speċifiċi għall-bastimenti kbar li jistadu għat-tonn tropikali u għall-bastimenti ta' appoġġ**

1. L-Istati Membri għandhom joħorġu awtorizzazzjonijiet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni ([1]), għall-bastimenti kbar tal-qbid li jtajru l-bandiera tagħhom li jistadu għat-tonn tropikali fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT.

2. L-Istati Membri għandhom joħorġu awtorizzazzjonijiet għall-bastimenti ta' appoġġ li jtajru l-bandiera tagħhom li jintużaw għal kwalunkwe tip ta' appoġġ għall-bastimenti msemmijin fil-paragrafu 1.

*Artikolu 7*

**Reġistru tal-ICCAT tal-bastimenti awtorizzati biex jistadu għat-tonn tropikali**

1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, mingħajr dewmien u mhux aktar tard minn 30 jum, wara kwalunkwe okkorrenza li tkun teħtieġ żieda jew modifika fir-reġistru tal-ICCAT tal-bastimenti awtorizzati li jistadu għat-tonn tropikali, jew xi tneħħija minnu. Il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien u mhux aktar tard minn 45 jum mid-data ta' tali okkorrenza, tgħaddi din l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT.

2. Bastimenti kbar tas-sajd li ma jkunux imniżżlin fir-reġistru tal-ICCAT tal-bastimenti awtorizzati li jistadu għat-tonn tropikali ma għandhomx jitħallew jistadu fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT, jew iżommu abbord, jittrażbordaw, jittrasportaw, jittrasferixxu, jipproċessaw jew iħottu tonn tropikali li jkun ġej minn din iż-żona. L-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 ma għandux japplika f'dawn il-każijiet.

*Artikolu 8*

**Lista ta' bastimenti li jistadu għat-tonn tropikali f'sena partikolari**

L-Istati Membri għandhom, sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena, jibagħtu lill-Kummissjoni l-lista tal-bastimenti awtorizzati li jtajru l-bandiera tagħhom u li jkunu stadu għat-tonn tropikali fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT fis-sena kalendarja preċedenti. Il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Lulju ta' kull sena, tinnotifika lill-ICCAT bil-listi li tkun irċeviet mingħand l-Istati Membri.

*Artikolu 9*

**Pjanijiet ta' ġestjoni fir-rigward ta' tagħmir biex jinġabar il-ħut**

1. Fir-rigward ta' bastimenti li jistadu għat-tonn tropikali bit-tartarun tal-borża u bid-dgħajjes tas-sajd bil-lixka flimkien mat-tagħmir biex jinġabar il-ħut (FAD), l-Istati Membri għandhom, sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena, jippreżentaw lill-Kummissjoni l-pjanijiet ta' ġestjoni tagħhom għall-użu ta' dawn il-FADs mill-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dak it-tagħrif lis-Segretarjat tal-ICCAT sal-31 ta' Jannar tas-sena ta' wara.

2. L-għan tal-pjanijiet ta' ġestjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkun li:

(a) jiżdied l-għarfien dwar il-karatteristiċi tal-FAD, dwar il-karatteristiċi tal-bagi, dwar is-sajd bil-FADs, inkluż l-isforz tas-sajd, u dwar l-impatti relatati fuq l-ispeċijiet fil-mira u fuq dawk mhux fil-mira;

(b) issir ġestjoni effikaċi tat-tqegħid u tal-irkupru tal-FADs u tas-sinjali, u l-possibbiltà li dawn jintilfu;

(c) jitnaqqsu u jiġu limitati l-impatti tal-FADs u tas-sajd permezz tas-sajd bil-FAD fuq l-ekosistema, anki billi, fejn ikun jixraq, tittieħed azzjoni fuq il-komponenti differenti li huma kaġun tal-mortalità mis-sajd (eż. fuq l-għadd ta' FADs li jintużaw, inkluż l-għadd ta' settijiet tal-FAD skont il-bastimenti li jużaw it-tartarun tal-borża, skont il-kapaċità tas-sajd, skont l-għadd ta' bastimenti ta' appoġġ).

3. Il-pjanijiet ta' ġestjoni msemmijin fil-paragrafu 1 għandu jkun fihom l-informazzjoni stabbilita fl-Anness II.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma jkunux qed jintużaw aktar minn 500 baga strumentali fl-istess ħin għal kull bastiment li jistad bit-tartarun tal-borża li jtajjar il-bandiera tagħhom u li jistad għat-tonn tropikali flimkien mal-FADs.

([1]) Numru ta' proċedura 2015/0289 (COD), għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali.

*Artikolu 10*

**Rekwiżiti għall-FADs**

1. Il-FADs għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) il-parti tal-istruttura tal-FAD li tkun f'wiċċ il-baħar għandha jew ma tkunx mgħottija minn ebda materjal jew tkun mgħottija biss b'materjal li jkollu l-inqas riskju li jitħabblu fih speċijiet li ma jkunux fil-mira; u

(b) il-komponenti ta' taħt il-wiċċ għandhom ikunu magħmulin biss minn materjal li ma jistgħux jitħabblu fih l-ispeċijiet mhux fil-mira.

2. Fl-iddisinjar tal-FADs, għandhom, jekk ikun possibbli, jingħataw prijorità l-materjali bijodegradabbli bil-ħsieb li l-FADs li mhumiex bijodegradabbli jitnaqqsu gradwalment u ma jintużawx iżjed sal-2018.

3. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni bħala parti mir-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 71, dwar il-miżuri li jittieħdu biex tkun żgurata l-konformità mal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT.

*Artikolu 11*

**Informazzjoni dwar il-FADs ippreżentata mill-bastimenti**

1. Għal kull FAD li jitqiegħed, il-bastimenti tal-Unjoni li jistadu bit-tartarun tal-borża u bil-lixka u l-bastimenti ta' appoġġ tal-Unjoni, għandhom jiġbru u jirrappurtaw l-informazzjoni u d-*data* elenkata hawn taħt:

(a) il-pożizzjoni tal-FAD;

(b) id-data tat-tqegħid tal-FAD;

(c) it-tip ta' FAD (FAD ankrat, FAD artifiċjali għawwiem);

(d) l-identifikatur tal-FAD (jiġifieri marka fuq il-FAD jew ID tas-sinjal, it-tip ta' baga – eż. baga sempliċi jew baga marbuta ma' ekosonda), u kwalunkwe informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni ta' sid il-FAD;

(e) il-karatteristiċi tad-disinn tal-FAD (id-daqs u l-materjal li minnu tkun magħmula l-parti li żżomm fil-wiċċ tal-istruttura li tiddendel taħt wiċċ il-baħar, u l-parti tal-istruttura li tħabbel).

2. Għal kull żjara fuq FAD, kemm jekk dan ikun segwita minn sett, kif ukoll jekk ma jkunx, il-bastimenti tal-Unjoni li jistadu bit-tartarun tal-borża u bil-lixka u l-bastimenti ta' appoġġ tal-Unjoni, għandhom jiġbru u jirrappurtaw l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-iskop taż-żjara (tqegħid fil-baħar, ġbir, intervent fuq it-tagħmir elettroniku);

(b) il-pożizzjoni tal-FAD;

(c) id-data ta' żjara;

(d) it-tip ta' FAD (FAD ankrat, FAD naturali għawwiem, FAD artifiċjali għawwiem);

(e) l-identifikatur tal-FAD (jiġifieri marka fuq il-FAD jew ID tas-sinjal) jew kwlunkwe informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni ta' sid il-FAD;

(f) jekk wara ż-żjara jsir sett, ir-riżultati tas-sett f'termini tal-qbid u l-qbid aċċessorju, kemm jekk dan jinżamm jew jiġi skartat, ikunx ħaj jew mejjet, jew, jekk iż-żjara ma tkunx segwita minn sett, ir-raġuni għal din id-deċiżjoni (pereżempju m'hemmx biżżejjed ħut jew ħut żgħir wisq).

3. Għal kull FAD li jintilef, il-bastimenti tal-Unjoni li jistadu bit-tartarun tal-borża u bil-lixka u l-bastimenti ta' appoġġ tal-Unjoni għandhom jiġbru u jirrappurtaw l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-aħħar pożizzjoni rreġistrata;

(b) id-data tal-aħħar pożizzjoni rreġistrata;

(c) l-identifikatur tal-FAD (jiġifieri marka fuq il-FAD jew ID tas-sinjal) jew kwalunkwe informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni ta' sid il-FAD.

4. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom iżommu lista tal-FADs li tqegħdu, li tiġi aġġornata kull tliet xhur, li jkun fiha għallinqas l-informazzjoni stipulata fl-Anness III.

*Artikolu 12*

**Informazzjoni dwar il-FADs ippreżentata mill-Istati Membri**

L-Istati Membri għandhom jibagħtu, kull sena, lill-Kummissjoni, 15-il jum qabel id-data ta' skadenza stabbilita mill-ICCAT għal dik is-sena, din l-informazzjoni biex tkun disponibbli għas-Segretarjat tal-ICCAT:

(a) l-għadd tal-FADs li realment tqiegħdu, kull tliet xhur, skont it-tip ta' FAD, b'indikazzjoni tal-preżenza jew in-nuqqas ta' sinjal/baga jew ta' ekosonda assoċjati mal-FAD;

(b) l-għadd u t-tip ta' sinjali/bagi (eż. baga b'sinjalazzjoni bir-radju, baga b'ekosonda) li realment tqiegħdu, kull tliet xhur;

(c) l-għadd medju ta' sinjali/bagi attivi, kull tliet xhur, li ġew segwiti minn kull bastiment;

(d) l-għadd medju ta' FADs attivi li ntilfu, kull tliet xhur;

(e) għal kull bastiment ta' appoġġ, l-għadd ta' ġranet li dak ikun għamel ibaħħar, għal kull grad tal-grilja, kull xahar u kull Stat Membru tal-bandiera.

*Artikolu 13*

**Ġurnali ta' abbord**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) il-ġurnali tas-sajd kemm dawk tal-karta, kif ukoll dawk elettroniċi, u l-ġurnali tal-FAD, fejn japplika, jinġabru fil-pront u jingħataw lix-xjenzjati tal-Unjoni;

(b) id-*data* tal-Kompitu II li tintbagħat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 50 ikun fiha l-informazzjoni li tkun inġabret mill-ġurnali tas-sajd jew tal-FAD, fejn japplika.

*Artikolu 14*

**Għeluq marbut ma' perijodi ta' żmien u ma' żoni b'rabta mal-ħarsien ta' ħut li jkun għadu qed jikber**

1. Is-sajd jew l-attivitajiet ta' appoġġ tas-sajd bil-mira li jinqabad it-tonn tropikali flimkien ma' oġġetti li jistgħu jaffettwaw l-aggregazzjoni tal-ħut, fosthom il-FADs, għandhom jiġu pprojbiti:

(a) mill-1 ta' Jannar sat-28 ta' Frar ta' kull sena; u

(b) fiż-żona indikata kif ġej:

— Il-limitu tat-Tramuntana — il-Parallel 5° fil-latitudni tat-Tramuntana,

— Il-limitu tan-Nofsinhar — il-Parallel 4° fil-latitudni tan-Nofsinhar,

— Il-limitu tal-Punent — il-Meridjan 20° fil-lonġitudni tal-Punent,

— Il-limitu tal-Lvant — il-kosta tal-Afrika.

2. Il-projbizzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi:

(a) l-illanċjar ta' kull oġġett li joqgħod f'wiċċ il-baħar, kemm permezz ta' bagi, kif ukoll mingħajrhom;

(b) is-sajd madwar, taħt, jew b'rabta ma' oġġetti artifiċjali, inklużi l-bastimenti;

(c) is-sajd madwar, taħt, jew b'rabta ma' oġġetti naturali;

(d) l-irmunkar ta' oġġetti li joqogħdu fil-wiċċ minn ġoż-żona għal barra miż-żona.

3. Kull Stat Membru li l-bastimenti tiegħu jistadu fiż-żona ġeografika fejn hemm għeluq marbut ma' perijodi ta' żmien u ma' żoni għandu:

(a) jieħu l-azzjoni xierqa biex jiżgura li l-bastimenti kollha li jtajru l-bandiera tiegħu, inklużi l-bastimenti ta' appoġġ, jkollhom osservatur abbord meta jkunu qegħdin iwettqu attivitajiet tas-sajd waqt l-għeluq marbut ma' perijodi ta' żmien u ma' żoni msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Il-programm ta' osservazzjoni għandu jikkonforma mal-Anness IV għal dan ir-Regolament, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 73 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

(b) jissottometti l-informazzjoni li tkun inġabret mill-osservaturi msemmija fil-punt (a), kull sena sat-30 ta' Ġunju, lill-Kummissjoni, li għandha tinnotifika lill-ICCAT sal-31 ta' Lulju;

(c) jieħu azzjoni xierqa kontra l-bastimenti tas-sajd li jkunu qegħdin itajru l-bandiera tiegħu u li ma jikkonformawx mal-għeluq marbut ma' perijodi ta' żmien u ma' żoni msemmi fil-paragrafu 1;

(d) jissottometti rapport dwar il-konformità mal-għeluq marbut ma' perijodi ta' żmien u ma' żoni lill-Kummissjoni bħala parti mir-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 71.

*Artikolu 15*

**Sajd tat-tonn tropikali f'ċertu ilmijiet tal-Portugall**

Għandu jkun ipprojbit li tinżamm kwalunkwe kwantità ta' tonn tropikali li jkun inqabad bit-tartarun tal-borża fl-ilmijiet li huma taħt is-sovranità jew taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Portugall fis-sottożona X tal-ICES li tinsab aktar 'il fuq minn 36°30′ N jew fiż-żoni tal-CECAF aktar 'il fuq minn 31° N u aktar lejn il-Lvant minn 17°30′ W, jew li din l-ispeċi tinżamm fil-mira għas-sajd bl-użu ta' dak it-tagħmir. L-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 ma għandux japplika f'dawn il-każijiet.

*Artikolu 16*

**Identifikazzjoni tas-sajd IUU**

Jekk is-Segretarju Eżekuttiv tal-ICCAT jinnotifika lill-Kummissjoni dwar possibbiltà ta' ksur minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni tal-Artikolu 7(2) u l-Artikolu 14(1) u (2), il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tgħarraf lill-Istat Membru li tkun qed tittajjar il-bandiera tiegħu kkonċernat. Dak l-Istat Membru għandu minnufih jinvestiga l-każ u, jekk il-bastiment ikun qed jistad b'rabta ma' oġġetti li jistgħu jaffettwaw l-aggregazzjoni tal-ħut, fosthom il-FADs, għandu jeżiġi li l-bastiment jieqaf mis-sajd u, jekk ikun hemm bżonn, jitlaq minn dik iż-żona mingħajr dewmien. L-Istat Membru tal-bandiera kkonċernat għandu, mingħajr dewmien, jirrapporta lill-Kummissjoni r-riżultati tal-investigazzjoni tiegħu u l-miżuri korrispondenti li jkunu ttieħdu. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lill-Istat kostali u lis-Segretarju Eżekuttiv tal-ICCAT.

KAPITOLU II

***Alonga tat-Tramuntana tal-Atlantiku***

*Artikolu 17*

**Restrizzjonijiet fuq l-għadd ta' bastimenti**

L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jkollhom fil-mira l-alonga tat-Tramuntana tal-Atlantiku fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT għandu jkun iddeterminat bħala l-għadd medju ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li kienu qegħdin jistadu bil-mira li jaqbdu l-alonga tat-Tramuntana tal-Atlantiku fil-perijodu ta' bejn l-1993 u l-1995.

KAPITOLU III

***Pixxispad***

Taqsima 1

**Pixxispad fl-Atlantiku**

*Artikolu 18*

**Pjanijiet ta' ġestjoni tal-pixxispad tat-Tramuntana tal-Atlantiku**

L-Istati Membri li jkunu ġew allokati kwota u li l-bastimenti tagħhom jkunu qed jistadu għall-pixxispad tat-Tramuntana tal-Atlantiku għandhom jippreżentaw il-pjanijiet ta' ġestjoni tagħhom lill-Kummissjoni sal-15 ta' Awwissu ta' kull sena. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi din l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT sal-15 ta' Settembru ta' kull sena.

*Artikolu 19*

**Daqs minimu għall-pixxispad tat-Tramuntana tal-Atlantiku**

1. Is-sajd immirat, iż-żamma abbord jew it-trażbord, il-ħatt l-art, it-trasportazzjoni, il-ħżin, il-wiri jew l-offerta għall-bejgħ, il-bejgħ jew il-kummerċjalizzazzjoni ta' pixxispad li ħaj ikun jiżen inqas minn 25 kg, jew, b'mod alternattiv, li t-tul tax-xedaq ta' taħt tiegħu jkun inqas minn 125 cm, għandu jiġi pprojbit. L-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 ma għandux japplika f'dawn il-każijiet.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, jistgħu jinżammu abbord, jiġu ttrażbordati, ittrasferiti, jinħattu l-art, jiġu ittrasportati, maħżuna, mibjugħa, murija jew offruti għall-bejgħ, massimu ta' 15 % tal-qabdiet inċidentali ta' pixxispad li ħaj ikun jiżen inqas minn 25 kg, jew li jkollu tul tax-xedaq ta' taħt inqas minn 125 cm.

3. It-tolleranza ta' 15 % msemmi fil-paragrafu 2 għandha tiġi kkalkulata fuq il-bażi tan-numru ta' pixxispad tal-qabda totali ta' pixxispad li jagħmel il-bastiment kull ħatt l-art.

Taqsima 2

## Pixxispad fil-Mediterran

*Artikolu 20*

### Bastimenti awtorizzati li jistadu għall-pixxispad tal-Mediterran

1. L-Istati Membri għandhom joħorġu awtorizzazzjonijiet, skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni ([1]) għas-sajd tal-pixxispad tal-Mediterran bħala speċi fil-mira.

2. Sat-8 ta' Jannar ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni fil-format stabbilit fil-Linji gwida għas-sottomissjoni tad-*data* u tal-informazzjoni meħtieġa mill-ICCAT:

(a) lista tal-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom li huma awtorizzati li jistadu għall-pixxispad tal-Mediterran bħala speċi fil-mira;

(b) lista tal-bastimenti li huma awtorizzati minnhom li jistadu għall-pixxispad tal-Mediterran bħala speċi fil-mira waqt is-sajd rikreattiv.

3. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi l-informazzjoni msemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 2 lis-Segretarjat tal-ICCAT sal-15 ta' Jannar ta' kull sena.

4. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, mingħajr dewmien u mhux iktar tard minn 30 jum, b'kull żieda, tnaqqis, jew tibdil fil-listi tal-bastimenti msemmija fil-punt (a) u (b) tal-paragrafu 2. Il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien u mhux aktar tard minn 45 jum mid-data taż-żieda, tat-tnaqqis jew tat-tibdil ta' dawk il-listi, tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT.

*Artikolu 21*

### Qabdiet aċċessorji

Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li ma jkunux fil-lista msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 20(2) ma għandhomx ikunu awtorizzati li jaqbdu, iżommu abbord, jittrażbordaw, jittrasportaw, jipproċessaw jew iħottu l-art aktar minn 5 % tal-qabda totali tal-pixxispad li jkun abbord, skont il-piż u/jew l-għadd ta' ħutiet.

*Artikolu 22*

### Awtorizzazzjoni tas-sajd speċjali

1. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni elenkati fil-lista msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 20(2) u li jużaw il-ħarpun jew il-konz għandu jkollhom awtorizzazzjoni speċjali għas-sajd.

2. Sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni b'mod elettroniku l-lista tal-awtorizzazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 u li jkunu ngħataw fis-sena ta' qabel. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT sal-31 ta' Lulju ta' kull sena.

*Artikolu 23*

### Staġuni magħluqin għas-sajd

1. Il-pixxispad tal-Mediterran ma għandux jinqabad (la bħala speċi fil-mira, u lanqas bħala qabda aċċessorja), jinżamm abbord, jiġi ttrażbordat jew jinħatt l-art matul il-perijodi mill-1 sal-31 ta' Marzu u mill-1 ta' Ottubru sat-30 ta' Novembru ta' kull sena.

2. L-Istati Membri għandhom jissorveljaw l-effikaċja tal-perijodu ta' għeluq u għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni sal-15 ta' Awwissu ta' kull sena l-informazzjoni rilevanti kollha dwar il-kontrolli u l-ispezzjonijiet xierqa li jkunu twettqu biex tiġi żgurata l-konformità mal-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT mill-inqas xahrejn qabel il-laqgħa annwali tal-ICCAT.

*Artikolu 24*

### Id-daqs minimu għall-pixxispad tal-Mediterran

1. Jista' jinżamm abbord, jiġi ttrażbordat, jinħatt l-art u jiġi ttrasportat biss ħut tal-pixxispad sħiħ, li ma tkun tneħħietlu ebda parti esterna, jew ħut li jkunu tneħħewlu l-garġi u l-vixxri.

([1]) Numru ta' proċedura 2015/0289 (COD), għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali.

2. Għandu jkun ipprojbit il-qbid, iż-żamma abbord, it-trażbordar, il-ħatt l-art, it-trasportazzjoni, il-ħżin, il-wirja jew l-offerta għall-bejgħ ta' pixxispad tal-Mediterran li jkollu x-xedaq ta' taħt iqsar minn 90cm, jew, b'mod alternattiv, li jkollu piż ta' inqas minn 10kg sħiħ jew 9kg wara li jitnaddaf mill-garġi u mill-vixxri, jew 7,5kg ta' piż wara l-ipproċessar (wara li jkunu tneħħewlu l-garġi, il-vixxri, il-pinen, parti mir-ras).

3. B'deroga mill-paragrafu 2, il-qabdiet aċċessorji tal-pixxispad tal-Mediterran li jkun iżgħar mid-daqs minimu stipulat f'dak il-paragrafu jista' jinżamm abbord, jiġi ttrażbordat, jinħatt l-art, ittrasportat, maħżun, jintwera jew jiġi offrut għall-bejgħ jekk ma jkunx aktar minn 5 % tal-piż jew tal-għadd ta' ħutiet għal kull ħatt l-art, tal-qabda totali abbord il-bastiment, tal-pixxispad tal-Mediterran li jkun inqabad.

*Artikolu 25*

**Speċifikazzjonijiet tekniċi tat-tagħmir tas-sajd għall-bastimenti awtorizzati li jistadu għall-pixxispad tal-Mediterran**

1. B'deroga mill-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 ([1]), l-għadd massimu ta' snanar li jistgħu jiġu kalati jew jittieħdu abbord il-bastimenti li jistadu għall-pixxispad tal-Mediterran għandu jkun iffissat għal 2 800 sunnara.

2. Minbarra l-għadd massimu msemmi fil-paragrafu 1, jista' jinżamm abbord sett ieħor ta' snanar armati fil-każ ta' vjaġġi li jkunu itwal minn jumejn, sakemm dan jintrabat kif suppost u jinżamm fil-gverta ta' taħt biex ma jintużax faċilment.

3. Id-daqs tas-snanar ma għandux ikun inqas minn 7 cm fit-tul.

4. It-tul tal-konzijiet pelaġiċi ma għandux ikun aktar minn 30 mil nawtiku (55,56 km).

*Artikolu 26*

**Obbligi ta' rappurtar dwar il-pixxispad tal-Mediterran**

1. L-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni, sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena, l-informazzjoni li ġejja dwar il-bastimenti tas-sajd li jtajjru l-bandiera tagħhom li kienu awtorizzati li jistadu għall-pixxispad tal-Mediterran bil-konz pelaġiku jew bil-ħarpun fis-sena ta' qabel:

(a) l-informazzjoni dwar il-bastiment tas-sajd:

(i) isem il-bastiment (jekk il-bastiment ma jkollux isem, għandu jingħata n-numru tar-reġistrazzjoni mingħajr l-inizjali tal-pajjiż);

(ii) in-numru tar-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni kif inhu ddefinit fl-Anness I għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/218 ([2]);

(iii) in-numru fir-reġistru tal-ICCAT;

(b) informazzjoni marbuta mal-attivitajiet tas-sajd, ibbażata fuq il-kampjunar jew fuq il-flotta kollha:

(i) il-perijodu/ii tas-sajd u l-għadd totali ta' jiem annwali ta' sajd tal-bastiment, skont l-ispeċi fil-mira u ż-żona;

(ii) iż-żoni ġeografiċi, skont ir-rettangoli statistiċi tal-ICCAT, għall-attivitajiet tas-sajd li jwettaq il-bastiment, skont l-ispeċi fil-mira u ż-żona;

(iii) it-tip ta' bastiment, skont l-ispeċi fil-mira u ż-żona;

(iv) l-għadd ta' snanar li uża l-bastiment, skont l-ispeċi fil-mira u ż-żona;

(v) l-għadd ta' unitajiet tal-konzijiet li uża l-bastiment, skont l-ispeċi fil-mira u ż-żona;

(vi) it-tul kollu tal-unitajiet ta' konzijiet li għandu l-bastiment, skont l-ispeċi fil-mira u ż-żona;

(c) *data* dwar il-qabdiet, fl-iżgħar unità possibbli temporali/spazjali:

(i) id-distribuzzjonijiet tad-daqs u, jekk possibbli, tal-età tal-qabdiet;

(ii) il-qabdiet u l-kompożizzjoni tal-qabdiet ta' kull bastiment;

(iii) l-isforz tas-sajd (l-għadd medju ta' jiem ta' sajd għal kull bastiment, l-għadd medju tas-snanar għal kull bastiment, l-għadd medju ta' unitajiet ta' konzijiet għal kull bastiment, it-tul medju kollu tal-konzijiet għal kull bastiment).

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha titressaq fil-format stabbilit mill-ICCAT.

3. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 lis-Segretarjat tal-ICCAT sal-31 ta' Lulju ta' kull sena.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2847/93 u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1626/94 (ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11).

([2]) Ir-Regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/218 dwar ir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni (ĠU L 34, 9.2.2017, p. 9).

*KAPITOLU IV*

***Marlin blu u marlin abjad fl-Atlantiku***

*Artikolu 27*

**Ir-rilaxx tal-marlin blu u tal-marlin abjad li jinqabad ħaj**

1. B'deroga mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, meta l-kwota tagħhom tkun qed tiġi eżawrita, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom jeħilsu l-marlin blu (Makaira nigricans) u l-marlin abjad (Tetrapturus albidus) kollu li jkun għadu ħaj sa ma jittella' fil-bastiment.

2. L-Istati Membri msemmijin fil-paragrafu 1 għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw li l-marlin blu u l-marlin abjad jinħelsu b'mod li jimmassimizzaw iċ-ċansijiet tagħhom li jibqgħu ħajjin.

*Artikolu 28*

**Il-ħatt l-art ta' qabdiet ta' marlin blu u marlin abjad iżjed mill-opportunitajiet ta' sajd**

Meta Stat Membru jkun eżawrixxa l-kwota tiegħu, dak l-Istat Membru għandu jiżgura li l-marlin blu u l-marlin abjad mejjet li jinħatt l-art mill-bastiment ma jitqiegħedx għall-bejgħ jew jiġi kkummerċjalizzat. Tali ħatt l-art m'għandux jgħodd kontra l-limiti tal-qbid ta' dak l-Istat Membru kif stipulat fil-paragrafu 1 tar-Rakkomandazzjoni 2015-05 tal-ICCAT, sakemm tali projbizzjoni tkun spjegata b'mod ċar fir-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 71 ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 29*

**Sajd rikreattiv tal-marlin blu u l-marlin abjad**

1. L-Istati Membri li jkollhom bastimenti li jieħdu sehem fis-sajd rikreattiv għall-qbid tal-marlin blu u l-marlin abjad għandhom iżommu programm ta' osservazzjoni xjentifika ta' 5 % tal-ħatt l-art tal-kompetizzjonijiet tal-marlin blu u l-marlin abjad.

2. Fis-sajd rikreattiv tal-marlin blu għandu japplika daqs ta' referenza minimu tat-tul tax-xedaq ta' taħt ta' 251 cm.

3. Fis-sajd rikreattiv tal-marlin abjad għandu japplika daqs ta' referenza minimu tat-tul tax-xedaq ta' taħt ta' 168 cm.

4. Għandu jkun ipprojbit li l-karkassi sħaħ jew partijiet mill-karkassi tal-marlin blu jew tal-marlin abjad li jinqabad f'sajd rikreattiv jinbiegħ jew jiġi offrut għall-bejgħ.

*KAPITOLU V*

***Klieb il-baħar***

*Artikolu 30*

**Dispożizzjonijiet ġenerali**

1. Fl-attivitajiet tas-sajd li ma jkollhomx il-klieb il-baħar fil-mira, il-klieb il-baħar ħajjin li jkunu qabda inċidentali u li ma jintużawx għall-ikel jew bħala mezz ta' għajxien, għandhom jintelqu lura fil-baħar.

2. L-Istati Membri għandhom, fejn possibbli, iwettqu riċerka dwar l-ispeċijiet ta' klieb il-baħar li jinqabdu fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT biex tittejjeb l-għażla tat-tagħmir tas-sajd, biex jiġu identifikati żoni potenzjali tat-tkabbir u biex jiġi previst għeluq marbut ma' perijodi ta' żmien jew ma' żoni u miżuri oħrajn, kif ikun xieraq. Din ir-riċerka għandha tipprovdi informazzjoni dwar il-parametri ewlenin bijoloġiċi u ekoloġiċi, dwar il-grajja tul il-ħajja u l-karatteristiki tal-imġiba, kif ukoll dwar l-identifikazzjoni ta' żoni potenzjali ta' tagħmir, twelid u tkabbir.

*Artikolu 31*

**Pixxiplamtu (*Lamna nasus*)**

1. Iż-żamma abbord, it-trażbord jew il-ħatt l-art ta' kwalunkwe parti jew il-karkassa sħiħa ta' pixxiplamtu maqbud flimkien mas-sajd tal-ICCAT għandu jiġi projbit.

2. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom minnufih jeħilsu, mingħajr ma jweġġgħu, il-pixxiplamtu li jinqabad b'rabta mal-attivitajiet tas-sajd tal-ICCAT meta dawn jinġibdu qrib il-bastiment.

*Artikolu 32*

**Pixxivolpi għajnu kbira (*Alopias superciliosus*)**

1. Għandu jkun ipprojbit li l-karkassi sħaħ jew partijiet mill-karkassi tal-pixxivolpi għajnu kbira li jinqabad b'rabta ma' attivitajiet tas-sajd fiż-żoni tal-ICCAT jinżammu abbord, jiġu ttrażbordati jew jinħattu l-art.

2. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom minnufih jeħilsu, mingħajr ma jweġġgħu, il-pixxvolpi għajnu kbira li jinqabad b'rabta mal-attivitajiet tas-sajd tal-ICCAT meta dawn jinġibdu qrib il-bastiment.

*Artikolu 33*

**Pixxitondu (*Isurus oxyrinchus*)**

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex inaqqsu l-mortalità fl-attivitajiet tas-sajd li jkollhom fil-mira l-pixxitondu, u għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni, bħala parti mir-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 71, dwar il-progress li jkun sar.

*Artikolu 34*

**Kelb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniku (*Carcharhinus longimanus*)**

1. Għandu jkun ipprojbit li l-karkassi sħaħ jew kwalunkwe parti mill-karkassi tal-klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniċi li jinqabdu b'rabta ma' attivitajiet tas-sajd fiż-żoni tal-ICCAT jinżammu abbord, jiġu ttrażbordati jew jinħattu l-art.

2. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom minnufih jeħilsu, mingħajr ma jweġġgħu, il-kelb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniku li jinqabad b'rabta mal-attivitajiet tas-sajd tal-ICCAT meta dawn jinġibdu qrib il-bastiment.

*Artikolu 35*

**Kurazzi**

1. Għandu jkun ipprojbit li l-karkassi sħaħ jew partijiet mill-karkassi tal-kurazzi tal-familja Sphyrnidae (minbarra s-Sphyrna tiburo) li jinqabdu b'rabta ma' attivitajiet tas-sajd fiż-żoni tal-ICCAT jinżammu abbord, jiġu ttrażbordati jew jinħattu l-art.

2. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom minnufih jeħilsu, mingħajr ma jweġġgħu, il-kurazzi li jinqabdu b'rabta mal-attivitajiet tas-sajd tal-ICCAT meta dawn jinġibdu qrib il-bastiment.

*Artikolu 36*

**Kelb il-baħar ħariri (*Carcharhinus falciformis*)**

1. Għandhom ikunu pprojbiti ż-żamma abbord, it-trażbord jew il-ħatt l-art ta' kwalunkwe parti jew tal-karkassa sħiħa tal-kelb il-baħar ħariri maqbuda fis-sajd tal-ICCAT.

2. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jeħilsu minnufih, mingħajr ma jweġġgħu, il-kelb il-baħar ħariri b'rabta mas-sajd tal-ICCAT, mhux aktar tard minn qabel ma l-qabda titqiegħed fl-istivi tal-ħut, filwaqt li titqies kif xieraq is-sikurezza tal-membri tal-ekwipaġġ.

3. Il-bastimenti li jużaw it-tartarun tal-borża tal-Unjoni li jieħdu sehem f'attivitajiet tas-sajd tal-ICCAT għandhom jwettqu miżuri addizzjonali biex iżidu r-rata ta' sopravvivenza tal-kelb il-baħar ħariri li jkun inqabad b'mod inċidentali. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni, bħala parti mir-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 71, dwar il-progress li jkun sar.

*Artikolu 37*

**Il-kampjunar ta' speċijiet ta' kelb il-baħar minn osservaturi xjentifiċi u minn individwi oħra awtorizzati**

1. B'deroga mill-projbizzjoni li jinżammu abbord il-pixxiplamtu, il-pixxivolpi għajnu kbira, il-kelb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniku, il-kurazza (tal-familja Sphyrnidae, minbarra s-Sphyrna tiburo), u l-kelb il-baħar ħariri, kif stipulat fl-Artikoli 31, 32, 34, 35 u 36, il-ġbir ta' kampjuni bijoloġiċi waqt attivitajiet tas-sajd kummerċjali minn osservaturi xjentifiċi jew minn individwi awtorizzati mill-PKK biex jieħdu kampjuni bijoloġiċi, għandu jkun permess skont il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-kampjuni bijoloġiċi jittieħdu biss minn annimali li jkunu mejtin meta jittellgħu x-xbieki;

(b) il-kampjuni bijoloġiċi jittieħdu fil-qafas ta' proġett ta' riċerka li jkun innotifikat lill-Kumitat Permanenti dwar ir-Riċerka u l-Istatistika tal-ICCAT u li jkun ġie żviluppat b'kont meħud tal-prijoritajiet rakkomandati għar-riċerka ta' dak il-Kumitat. Il-proġett ta' riċerka jenħtieġ li jinkludi dokument dettaljat li jiddeskrivi l-objettiv tal-proġett, il-metodoloġiji li għandhom jintużaw, in-numru u t-tip ta' kampjuni li għandhom jinġabru u l-ħin u ż-żona tal-kampjunar;

(c) il-kampjuni bijoloġiċi jinżammu abbord sakemm il-bastiment jasal fil-port tal-ħatt l-art jew sat-trażbord; u

(d) l-awtorizzazzjoni tal-Istat Membru tal-bandiera jew, fil-każ ta' bastimenti noleġġati, tal-PKK noleġġatur u tal-Istat Membru tal-bandiera, trid takkumpanja l-kampjuni kollha li jinġabru f'konformità ma' dan l-Artikolu sal-port tal-aħħar ħatt l-art. Dawn il-kampjuni u partijiet oħra tal-eżemplari mill-klieb il-baħar li jkunu ttieħdu ma għandhomx jinbiegħu jew jiġu kkummerċjalizzati.

2. Il-kampjuni bijoloġiċi msemmija fil-paragrafu 1 jista' jinkludi, b'mod partikolari, il-vertebri, it-tessut, is-sistema riproduttiva, l-istonku, il-kampjuni tal-ġilda, il-valvijiet spirali, ix-xedaq, ħut sħiħ jew skeletri, għal studji tat-tassonomija u għall-inventarji tal-fawna.

3. Il-kampanja tal-kampjunar tista' tibda biss ladarba tinħareġ l-awtorizzazzjoni mill-Istat Membru kkonċernat.

*KAPITOLU VI*

## *Għasafar tal-baħar*

*Artikolu 38*

### Miżuri ta' mitigazzjoni għall-għasafar tal-baħar fiż-żona bejn l-20° fin-Nofsinhar u l-25° fin-Nofsinhar

1. Il-bastimenti kollha li jistadu bejn l-20° u l-25° fin-Nofsinhar għandhom iġorru magħhom u jużaw il-lettijiet bin-naffara (lettijiet tori) u arbli għal-lettijiet bin-naffara (arbli tori) li jissodisfaw ir-rekwiżiti u l-linji gwida Supplementari stabbiliti fl-Anness V.

2. Il-lettijiet tori dejjem għandhom jintefgħu qabel ma jiġu kalati l-konzijiet.

3. Fejn prattiku, għandu jintuża t-tieni arblu tori u lett tori meta jkun hemm abbundanza kbira ta' għasafar jew ħafna attività mill-għasafar.

4. Għandhom jinġarru lettijiet tori ta' riżerva mill-bastimenti kollha u dawn għandhom ikunu lesti għal użu immedjat.

5. Il-bastimenti li jistadu bil-konzijiet li jkollhom fil-mira l-pixxispad u jużaw tagħmir tal-konz monofilament għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżiti tal-paragrafi 1, 2, u 3, sakemm jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-konzijiet jiġu ssettjati billejl, u l-lejl huwa ddefinit bħala dak il-ħin bejn l-inżul tax-xemx/iż-żerniq nawtiku kif inhu mniżżel fl-almanakk nawtiku tal-inżul tax-xemx/iż-żerniq għall-pożizzjoni ġeografika fejn isir is-sajd; u

(b) jużaw piż minimu ta' tornikett ta' 60 g mqiegħed mhux aktar minn 3 m mis-sunnara biex jintlaħqu rati ottimi ta' għarqa.

L-Istati Membri tal-bandiera tal-bastimenti soġġetti għall-eżenzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bis-sejbiet xjentifiċi tagħhom li jirriżultaw mill-programmi ta' osservazzjoni tagħhom ta' dawk il-bastimenti.

*Artikolu 39*

### Miżuri ta' mitigazzjoni għall-għasafar tal-baħar fiż-żona fin-Nofsinhar ta' 25° fin-Nofsinhar

Il-bastimenti li jużaw il-konzijiet għandhom japplikaw għallinqas tnejn mill-miżuri ta' mitigazzjoni li jidhru hawn taħt, f'konformità mar-rekwiżiti u l-linji gwida supplementari stabbiliti fl-Anness V:

(a) l-issettjar billejl bl-inqas dawl possibbli fuq il-gverta;

(b) lettijiet bin-naffara (lettijiet tori);

(c) żieda ta' ċombi mal-lett.

*Artikolu 40*

### Obbligi ta' rappurtar dwar l-għasafar tal-baħar

1. Il-bastimenti li jużaw il-konzijiet għandhom jiġbru u jipprovdu lill-Istati Membri tal-bandiera tagħhom l-informazzjoni dwar l-interazzjonijiet mal-għasafar tal-baħar, fosthom meta dawn ikunu parti mill-qabda inċidentali. L-Istati Membri għandhom jgħaddu dik l-informazzjoni lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT mingħajr dewmien.

2. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti fl-Artikoli 38 u 39 u dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-Unjoni biex jitnaqqas il-qbid inċidentali ta' għasafar tal-baħar fit-tagħmir tas-sajd.

*KAPITOLU VII*

***Fkieren tal-baħar***

*Artikolu 41*

**Dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-fkieren tal-baħar**

1. Il-bastimenti li jużaw it-tartarun tal-borża għandhom jevitaw li jaqbdu lill-fkieren tal-baħar fil-borża u għandhom jeħilsu l-fkieren tal-baħar li jinqabdu jew jitħabblu fix-xbieki, anki fuq il-FADs. Għandhom jirrapportaw l-interazzjonijiet bejn it-tartaruni tal-borża jew il-FADs u l-fkieren tal-baħar lill-Istat Membru tal-bandiera tagħhom.

2. Il-bastimenti pelaġiċi tas-sajd bil-konz għandhom iġorru u jużaw tagħmir li jippermetti li l-fkieren tal-baħar jinqabdu mingħajr ma ssirilhom ħsara, jitneħħewlhom ix-xbieki li jkunu tħabblu fihom u jinħelsu b'mod li jimmassimizzaw iċ-ċansijiet tagħhom li jibqgħu ħajjin.

3. Is-sajjieda ta' fuq il-bastimenti pelaġiċi tas-sajd bil-konz għandhom jużaw it-tagħmir imsemmi fil-paragrafu 2, f'konformità mal-Anness VI, sabiex jimmassimizzaw il-probabbiltà li l-fkieren jibqgħu ħajjin.

4. L-Istati Membri għandhom iħarrġu lis-sajjieda fuq bastimenti pelaġiċi tas-sajd bil-konz fit-tekniki tal-qbid bl-idejn u l-ħelsien tal-fkieren.

*Artikolu 42*

**Obbligi ta' rappurtar dwar il-fkieren tal-baħar**

1. L-Istati Membri għandhom jiġbru u jgħaddu lill-Kummissjoni, sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena, l-informazzjoni dwar l-interazzjonijiet tal-bastimenti tagħhom mal-fkieren tal-baħar fl-attivitajiet tas-sajd b'rabta mal-ICCAT, skont it-tipi ta' tagħmir. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT sal-31 ta' Lulju ta' kull sena. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi:

(a) ir-rati tal-qbid, il-karatteristiċi tat-tagħmir, il-ħinijiet u ż-żoni, l-ispeċijiet fil-mira u l-istat tal-fkieren meta jinħelsu (jiġifieri mejtin u skartati jew meħlusa ħajjin);

(b) diżaggregazzjoni tal-interazzjonijiet tal-fkieren tal-baħar skont l-ispeċi; u

(c) kif inqabdu b'sunnara jew b'xibka (inklużi l-FAD), it-tip ta' lixka, id-daqs u t-tip ta' sunnara, u d-daqs tal-annimal.

2. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni, bħala parti mir-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 71, dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 41 u dwar azzjonijiet rilevanti oħrajn li jkunu twettqu biex jimplimentaw, fir-rigward tal-attivitajiet tas-sajd tal-ICCAT, il-Linji Gwida għat-tnaqqis tal-mortalità tal-fkieren waqt attivitajiet tas-sajd ippubblikati fl-2010 mill-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO).

*KAPITOLU VIII*

***Opportunitajiet tas-sajd għat-tonn u għall-pixxispad***

*Artikolu 43*

**Prinċipju ġenerali**

F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, meta jallokaw l-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet tat-tonn u tal-pixxispad disponibbli għalihom, l-Istati Membri għandhom jużaw kriterji trasparenti u oġġettivi, inkluż dawk ta' natura ambjentali, soċjali u ekonomika, u għandhom jagħmlu wkoll ħilithom biex iqassmu l-kwoti nazzjonali b'mod ġust bejn id-diversi sezzjonijiet tal-flotta b'kunsiderazzjoni speċjali għas-sajd tradizzjonali u artiġjanali, u biex jipprovdu inċentivi għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jużaw irkaptu selettiv tas-sajd jew li jużaw tekniki tas-sajd b'impatt ambjentali mnaqqas.

TITOLU III

**MIŻURI TA' KONTROLL KOMUNI**

*KAPITOLU I*

***Awtorizzazzjonijiet***

*Artikolu 44*

**Reġistru tal-ICCAT ta' bastimenti tas-sajd kbar**

1. L-Istati Membri għandhom joħorġu awtorizzazzjonijiet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni ([1]), għall-bastimenti tas-sajd kbar li jtajru l-bandiera tagħhom u li iwettqu sajd immirat, iżommu abbord, jittrażbordaw jew iħottu l-art l-ispeċijiet tal-ICCAT fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT.

([1]) Numru ta' proċedura 2015/0289 (COD), għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali.

2. Fiż-żmien tal-awtorizzazzjoni, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni l-listi tal-bastimenti tas-sajd kbar awtorizzati skont il-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha mingħajr dewmien tressaq dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT biex tiddaħħal fir-reġistru tal-ICCAT tal-bastimenti tas-sajd il-kbar.

3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, mingħajr dewmien u mhux aktar tard minn 30 jum, bi kwalunkwe okkorrenza li tkun teħtieġ żieda, tnaqqis jew modifikazzjoni fir-reġistru tal-ICCAT tal-bastimenti tas-sajd il-kbar. Il-Kummissjoni għandha, mhux aktar tard minn 45 jum mid-data ta' tali okkorrenza, tgħaddi dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT.

4. Bastimenti kbar li ma jkunux imniżżlin fir-reġistru tal-ICCAT tal-bastimenti l-kbar tas-sajd ma għandhomx jitħallew iwettqu sajd immirat, iżommu abbord, jittrażbordaw, jew iħottu l-art l-ispeċijiet tal-ICCAT miż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT. L-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 ma għandux japplika f'dawn il-każijiet.

*KAPITOLU II*

***Noleġġ***

*Artikolu 45*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Dan il-Kapitolu għandu japplika għall-arranġamenti tan-noleġġ, minbarra n-noleġġ ta' bastimenti mingħajr ekwipaġġ, bejn il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u dawk tal-PKK, meta l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni kkonċernati ma jibdlux il-bandiera tagħhom.

*Artikolu 46*

**Dispożizzjonijiet ġenerali**

1. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandu jkollhom il-permess li jipparteċipaw f'arranġament ta' noleġġ mal-PKK biss bħala bastimenti noleġġati, soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-bastimenti noleġġati għandu jkollhom awtorizzazzjoni tas-sajd maħruġa mill-PKK noleġġatur u ma għandhomx ikunu fil-lista tal-IUU tal-ICCAT;

(b) il-bastimenti noleġġati ma għandhomx ikunu awtorizzati li jistadu b'iktar minn arranġament tan-noleġġ wieħed fl-istess ħin;

(c) il-qabdiet tal-bastimenti noleġġati għandhom jinħattu biss fil-portijiet tal-PKK noleġġaturi, sakemm ma jkunx hemm stipulat mod ieħor fl-arranġament tan-noleġġ; u

(d) il-kumpanija tan-noleġġ għandha tkun stabbilita legalment fil-PKK noleġġatur.

2. Kwalunkwe trażbord li jsir fuq il-baħar għandu jkun debitament awtorizzat minn qabel mill-PKK noleġġatur u għandu jikkonforma mal-Kapitolu IV ta' dan it-Titolu.

*Artikolu 47*

**Notifika**

1. Meta jsir l-arranġament tan-noleġġ, l-Istat Membru tal-bandiera għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bil-kunsens tiegħu dwar l-arranġament tan-noleġġ.

2. Jekk, fi żmien 15-il jum kalendarju wara li tintbagħat lill-Kummissjoni n-notifika msemmija fil-paragrafu 1, din ma tkunx talbet aktar informazzjoni, il-bastiment noleġġat jista' jibda bl-attivitajiet tas-sajd ikkonċernati.

3. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jinforma lill-Kummissjoni mingħajr dewmien bit-tmiem ta' kull noleġġ.

4. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi mingħajr dewmien l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 3 lis-Segretarjat tal-ICCAT.

*KAPITOLU III*

***Kontroll tal-qabdiet***

*Artikolu 48*

**Konformità mal-kwoti u mar-rekwiżiti dwar id-daqsijiet minimi**

1. Sal-20 ta' Awwissu ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw l-informazzjoni lill-Kummissjoni dwar il-qabdiet tal-ispeċijiet tal-ICCAT matul is-sena ta' qabel li kienu soġġetti għall-kwoti u dwar il-konformità mad-daqsijiet minimi.

2. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT sal-15 ta' Settembru ta' kull sena.

*Artikolu 49*

**Kampjunar tal-qabdiet**

1. Il-kampjunar tal-qabdiet biex jittejjeb l-għarfien dwar il-bijoloġija tal-ispeċi tal-ICCAT rilevanti, u biex jiġu stmati l-parametri meħtieġa għall-evalwazzjoni tagħhom, għandu jitwettaq f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1251 ([2]) u l-"Field manual for statistics and sampling Atlantic tunas and tuna-like fishes" ippubblikat fl-1990 mill-ICCAT.

2. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rekwiżiti dettaljati għall-kampjunar tal-qabdiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 75(2).

*Artikolu 50*

**Notifika dwar il-qabdiet u l-isforz tas-sajd**

1. Sakemm ma jiġix stabbilit mod ieħor mill-Kummissjoni biex jintlaħqu l-limiti taż-żmien annwali stipulati mill-ICCAT, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni, sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena, id-*data* li ġejja (*data* tal-Kompitu I):

(a) informazzjoni dwar il-karatteristiċi tal-flotta tagħhom għas-sena ta' qabel;

(b) stimi tad-*data* tal-qabda nominali annwali (inkluża d-*data* dwar il-qabdiet aċċessorji u dwar il-qbid skartat) li tikkonċerna l-ispeċijiet tal-ICCAT għas-sena ta' qabel.

2. Sakemm ma jiġix stabbilit mod ieħor mill-Kummissjoni biex jintlaħqu l-limiti taż-żmien annwali stipulati mill-ICCAT, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni, sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena, id-*data* li ġejja (id-*data* tal-Kompitu II) għall-ispeċijiet tal-ICCAT:

(a) *data* tal-qabda u tal-isforz tas-sajd għas-sena ta' qabel, b'diżaggregazzjoni dettaljata skont l-ispazju u ż-żmien; dik id-*data* għandha tinkludi l-istimi tal-qabdiet skartati u tar-rilaxxi, flimkien ma' indikazzjoni tal-istat tal-ħut (kienx ħaj jew mejjet);

(b) kwalunkwe *data* li jkollhom dwar il-qabdiet tas-sajd rikreattiv għas-sena ta' qabel.

3. Il-Kummissjoni għandha tibgħat l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 lis-Segretarjat tal-ICCAT mingħajr dewmien.

4. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rekwiżiti dettaljati għad-*data* tal-Kompiti I u II imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu rispettivament. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 75(2).

*KAPITOLU IV*

***Trażbord***

*Artikolu 51*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan il-Kapitolu għandu japplika għall-operazzjonijiet ta' trażbord li ġejjin:

(a) l-operazzjonijiet ta' trażbord imwettqa fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT fir-rigward ta' speċijiet tal-ICCAT u ta' speċijiet oħra li jinqabdu b'rabta ma' dawk l-ispeċijiet; u

(b) l-operazzjonijiet tat-trażbord imwettqa barra miż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT fir-rigward ta' speċijiet tal-ICCAT u ta' speċijiet oħra li jinqabdu b'rabta ma' dawk l-ispeċijiet li nġabru fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT.

([1]) Ir-Regolament (UE) 2017/1004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-istabbiliment ta' qafas tal-Unjoni għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' *data* fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 (ĠU L 157, 20.6.2017, p. 1).

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1251 tat-12 ta' Lulju 2016 li tadotta programm multiannwali tal-Unjoni għall-ġbir, għall-ġestjoni u għall-użu ta' dejta fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakoltura għall-perjodu 2017-2019 (ĠU L 207, 1.8.2016, p. 113).

2. B'deroga mill-punt (b) tal-paragrafu 1, dan il-Kapitolu ma għandux japplika għat-trażbordi ta' ħut li jinqabad fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT fuq il-baħar barra miż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT, meta dan it-trażbord ikun suġġett għal programm ta' trażbordar stabbilit minn RFMO oħra tat-tonn.

3. Dan il-Kapitolu ma għandux japplika għall-bastimenti tas-sajd bil-ħarpun li jkunu qegħdin jittrażbordaw il-pixxispad frisk fuq il-baħar.

*Artikolu 52*

**Trażbord f'port**

1. L-operazzjonijiet ta' trażbordar kollha għandhom jitwettqu f'portijiet magħżulin, minbarra dawk li jitwettqu minn bastimenti tas-sajd bil-konz pelaġiċi kbar, skont l-Artikoli 53 sa 60.

2. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jikkonformaw mal-obbligi stipulati fl-Anness VII meta jkunu qegħdin iwettqu t-trażbordar f'port.

3. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 17 sa 22 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u l-Artikoli 4, 6, 7 u 8 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008.

*Artikolu 53*

**Trażbord fuq il-baħar**

It-trażbord fuq il-baħar minn bastimenti tas-sajd bil-konz pelaġiċi kbar għandhom jitwettqu f'konformità mal-Artikoli 54 sa 60.

*Artikolu 54*

**Reġistru tal-ICCAT tal-bastimenti tal-ġarr**

1. L-Istati Membri għandhom joħorġu awtorizzazzjonijiet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni ([1]), għall-bastimenti tal-ġarr biex jirċievu t-trażbordi fuq il-baħar minn bastimenti tas-sajd bil-konz pelagiċi kbar fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT.

2. Fiż-żmien tal-awtorizzazzjoni, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni l-listi tal-bastimenti tal-ġarr awtorizzati skont il-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha mingħajr dewmien tressaq dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT biex tiddaħħal fir-reġistru tal-ICCAT tal-bastimenti tal-ġarr.

3. L-Istati Membri tal-bandiera għandhom minnufih jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe żieda, tnaqqis jew modifika fil-listi tagħhom tal-bastimenti tal-ġarr. Il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tgħaddi dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT.

4. In-notifika msemmija fil-paragrafi 2 u 3 għandha tirrifletti l-format u t-tqassim stabbilit mis-Segretarjat tal-ICCAT u għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

— isem il-bastiment, numru fir-reġistru,

— in-numru tar-reġistrazzjoni tal-ICCAT (jekk hemm),

— in-numru tal-IMO (jekk hemm),

— l-isem ta' qabel (jekk hemm),

— il-bandiera ta' qabel (jekk hemm),

— id-dettalji tat-tħassir ta' qabel minn reġistri oħrajn (jekk hemm),

— is-sinjal tas-sejħa internazzjonali bir-radju,

— it-tip ta' bastiment, it-tul, it-tunnellaġġ gross irreġistrat u l-kapaċità tal-ġarr,

— l-isem u l-indirizz tal-proprjetarju/i u l-operatur(i),

— iż-żmien awtorizzat għat-trażbordar.

5. It-trażbordi fuq il-baħar imsemmijin fl-Artikolu 53 jistgħu jittieħdu biss minn bastimenti tal-ġarr li jkunu elenkati fir-reġistru tal-ICCAT tal-bastimenti tal-ġarr.

([1]) Numru ta' proċedura 2015/0289 (COD), għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali.

*Artikolu 55*

**Awtorizzazzjoni għall-bastimenti tas-sajd bil-konz pelaġiċi kbar li jittrażbordaw fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT**

1. L-Istati Membri għandhom joħorġu l-awtorizzazzjonijiet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni ([1]), għall-bastimenti tas-sajd bil-konz pelaġiċi kbar li jtajru l-bandiera tagħhom li jittrażbordaw fuq il-baħar.

2. Fiż-żmien tal-awtorizzazzjoni, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni l-listi tal-bastimenti tas-sajd bil-konz pelaġiċi kbar awtorizzati skont il-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tgħaddi dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT.

3. L-Istati Membri tal-bandiera għandhom minnufih jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe żieda, tnaqqis jew modifika fil-listi tagħhom tal-bastimenti tas-sajd bil-konz pelaġiċi kbar li huma awtorizzati jittrażbordaw fuq il-baħar. Il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tgħaddi dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT.

4. In-notifika msemmija fil-paragrafi 2 u 3 għandha tirrifletti l-format u t-tqassim stabbilit mis-Segretarjat tal-ICCAT u għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

— isem il-bastiment, numru fir-reġistru,

— in-numru tar-reġistrazzjoni tal-ICCAT,

— iż-żmien awtorizzat għat-trażbordar fuq il-baħar,

— il-bandiera/bnadar, l-isem/ismijiet u n-numru/numri tar-reġistrazzjoni tal-bastiment(i) tal-ġarr awtorizzati biex jintużaw mill-bastiment(i) tas-sajd bil-konz pelaġiċi kbar.

*Artikolu 56*

**Awtorizzazzjonijiet minn qabel għat-trażbord fuq il-baħar**

1. It-trażbordar minn bastimenti tas-sajd bil-konz pelaġiċi kbar f'ilmijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' PKK huma suġġetti għal awtorizzazzjoni minn qabel mingħand dik il-PKK. Għandu jinżamm l-oriġinal, jew tinżamm kopja ta' dik l-awtorizzazzjoni fuq il-bastiment u meta tintalab mill-osservatur reġjonali tal-ICCAT tingħatalu.

2. Il-bastimenti tas-sajd bil-konz pelaġiċi kbar ma għandhomx jithallew jittrażbordaw fuq il-baħar, sakemm ma jkunux kisbu awtorizzazzjoni minn qabel mill-Istat Membru li tiegħu tittajjar il-bandiera. Għandu jinżamm l-oriġinal, jew tinżamm kopja tad-dokumenti ta' dik l-awtorizzazzjoni fuq il-bastiment u meta tintalab mill-osservatur reġjonali tal-ICCAT tingħatalu.

3. Biex jirċievu l-awtorizzazzjonijiet minn qabel imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, il-kaptan jew il-proprjetarju tal-bastiment tas-sajd bil-konz pelaġiku kbir għandu, mill-inqas 24 siegħa qabel it-trażbordar ippjanat, jinnotifika lill-awtoritajiet tal-Istat Membru tal-bandiera tiegħu u lill-PKK tal-kosta dwar l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem tal-bastiment tas-sajd bil-konz pelaġiku kbir u n-numru tiegħu fir-reġistru tal-ICCAT tal-bastimenti tas-sajd bil-konz pelaġiċi kbar li huma awtorizzati biex jittrażbordaw fuq il-baħar;

(b) l-isem tal-bastiment tal-ġarr u n-numru tiegħu fir-reġistru tal-ICCAT tal-bastimenti tal-ġarr;

(c) il-prodott li ser jiġi ttrażbordat, skont l-ispeċi, fejn din tkun magħrufa, u, jekk inhu possibbli, skont l-istokk;

(d) il-kwantitajiet ta' speċijiet tal-ICCAT li ser jiġu ttrażbordati, fejn hu possibbli, skont l-istokk;

(e) il-kwantitajiet ta' speċijiet oħrajn li jkunu nqabdu mal-ispeċijiet tal-ICCAT li ser jiġu ttrażbordati, skont l-ispeċi, jekk din tkun magħrufa;

(f) id-data u l-post tat-trażbord;

(g) il-pożizzjoni ġeografika tal-qabdiet, skont l-ispeċi u, fejn rilevanti, skont l-istokk, li hija konsistenti maż-żoni statistiċi tal-ICCAT.

*Artikolu 57*

**Dikjarazzjoni tat-trażbord tal-ICCAT**

1. Il-kaptan jew il-proprjetarju tal-bastiment tas-sajd bil-konz pelaġiku kbir għandu, mhux aktar tard minn 15-il jum wara t-trażbord, jimla d-dikjarazzjoni tat-trażbordar tal-ICCAT u jibgħatha lill-Istat Membru tal-bandiera tiegħu u lill-PKK tal-kosta.

([1]) Numru ta' proċedura 2015/0289 (COD), għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali.

2. Il-kaptan tal-bastiment tal-ġarr li jkun qed jirċievi l-konsenja għandu, fi żmien 24 siegħa mit-tlestija tat-trażbord, jimla d-dikjarazzjoni tat-trażbordar tal-ICCAT u jibgħatha lis-Segretarjat tal-ICCAT, lill-PKK tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd bil-konz pelaġiku kbir u lill-Istat Membru tal-bandiera tiegħu, flimkien man-numru tiegħu tar-reġistru tal-ICCAT tal-bastimenti tal-ġarr.

3. Il-kaptan tal-bastiment tal-ġarr li jkun qed jirċievi l-konsenja għandu, mill-inqas 48 siegħa qabel il-ħatt l-art, jibgħat id-dikjarazzjoni tat-trażbord tal-ICCAT lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat fejn ser isir il-ħatt l-art, flimkien man-numru tal-bastiment tiegħu tar-reġistru tal-ICCAT tal-bastimenti tal-ġarr.

4. L-ispeċijiet kollha tal-ICCAT u kwalunkwe speċi oħra li tkun inqabdet flimkien ma' dawk l-ispeċijiet li jinħattu l-art, jew li jiġu importati fiż-żona jew fit-territorju ta' PKK, kemm jekk ma jkunux ipproċessati, kif ukoll jekk ikunu ġew ipproċessati abbord, u li jkunu ġew ittrażbordati fuq il-baħar, għandu jkollhom magħhom id-dikjarazzjoni tat-trażbordar tal-ICCAT sakemm isir l-ewwel bejgħ tagħhom.

*Artikolu 58*

**Programm ta' osservazzjoni reġjonali tal-ICCAT għat-trażbord fuq il-baħar**

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-bastimenti tal-ġarr kollha li jittrażbordaw fuq il-baħar ikollhom osservatur reġjonali tal-ICCAT abbord, skont il-programm ta' osservazzjoni reġjonali tal-ICCAT għat-trażbordar fuq il-baħar, kif stipulat fl-Anness VIII.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 73 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, l-osservatur reġjonali tal-ICCAT għandu jkollu l-kompitu li jivverifika l-konformità ma' dan il-Kapitolu, u, b'mod partikolari, li l-kwantitajiet trażbordati jkunu konsistenti mal-qabda rrappurtata fid-dikjarazzjoni tat-trażbord tal-ICCAT u mal-qabdiet irreġistrati fil-ġurnal ta' abbord tal-bastiment tas-sajd.

3. Il-bastimenti għandhom ikunu pprojbiti milli jibdew jew ikomplu t-trażbord fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT jekk ma jkunx hemm osservatur reġjonali tal-ICCAT abbord, minbarra f'każijiet ta' force majeure li jkunu ġew debitament innotifikati lis-Segretarjat tal-ICCAT.

*Artikolu 59*

**Obbligi ta' rappurtar**

1. L-Istat Membru tal-bandiera ta' bastimenti tas-sajd bil-konz pelaġiċi kbar li jkunu ttrażbordaw u l-Istat Membru tal-bandiera ta' bastimenti tal-ġarr li jkunu rċevew it-trażbordi fis-sena ta' qabel għandu jibgħat lill-Kummissjoni sal-15 ta' Awwissu ta' kull sena:

(a) il-kwantitajiet ta' qabdiet tal-ispeċijiet tal-ICCAT, skont l-ispeċi u, jekk ikun possibbli, skont l-istokk, li jkunu ġew ittrażbordati fis-sena ta' qabel;

(b) il-kwantitajiet ta' speċijiet oħrajn li jkunu nqabdu mal-ispeċijiet tal-ICCAT skont l-ispeċi, fejn din tkun magħrufa, li jkunu ġew ittrażbordati fis-sena ta' qabel;

(c) il-lista tal-bastimenti tas-sajd bil-konz pelaġiċi kbar li jkunu ttrażbordaw fis-sena ta' qabel;

(d) rapport komprensiv li jivvaluta l-kontenut u l-konklużjonijiet tar-rapporti tal-osservaturi reġjonali tal-ICCAT assenjati għall-bastimenti tal-ġarr li jkunu rċevew it-trażbordi mill-bastimenti tas-sajd bil-konz pelaġiċi kbar.

2. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi l-informazzjoni li tirċievi lis-Segretarjat tal-ICCAT sal-15 ta' Settembru ta' kull sena skont il-paragrafu 1.

*Artikolu 60*

**Konsistenza tad-data rrappurtata**

L-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd bil-konz pelaġiku kbir li jkun qed iwettaq it-trażbordi fuq il-baħar għandu jeżamina l-informazzjoni li jkun irċieva skont dan ir-Regolament sabiex jiddetermina li hemm konsistenza bejn il-qabdiet irrappurtati, it-trażbordi u l-ħatt l-art ta' kull bastiment, anki b'kooperazzjoni mal-Istat fejn ser isir il-ħatt l-art kif ikun meħtieġ. Dik il-verifika għandha titwettaq b'mod li jiżgura li l-bastiment ikollu l-inqas interferenza u inkonvenjenza possibbli, u li jiġi evitat deterjorament tal-kwalità tal-ħut.

*KAPITOLU V*

***Programmi ta' Osservazzjoni Xjentifika***

*Artikolu 61*

**Twaqqif ta' programmi nazzjonali ta'osservazzjoni xjentifika**

1. L-Istati Membri għandhom iwaqqfu programmi nazzjonali ta' osservazzjoni xjentifika li jiżguraw dawn li ġejjin:

(a) kopertura minima ta' osservazzjoni ta' 5 % tal-isforz tas-sajd f'kull wieħed minn dawn is-setturi tas-sajd: bil-konzijiet pelaġiċi, bit-tartarun tal-borża, u bil-lixka;

(b) għall-bastimenti nolleġġati, b'deroga mill-punt (a), kopertura minima ta' osservazzjoni ta' 10 % tal-isforz tas-sajd f'kull wieħed minn dawn is-setturi tas-sajd: bil-konzijiet pelaġiċi, bit-tartarun tal-borża, u bil-lixka;

(c) kopertura rappreżentattiva taż-żmien u tal-ispazju tat-tħaddim tal-flotta biex ikun żgurat il-ġbir ta' *data* adegwata u rilevanti, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi tal-flotot u tal-attivitajiet tas-sajd;

(d) il-ġbir tad-*data* dwar kull aspett tal-operazzjoni tas-sajd, inkluż dak tal-qabda, kif speċifikat fl-Artikolu 63(1).

2. Il-kopertura ta' osservazzjoni msemmija fil-punt (a) u (b) tal-paragrafu 1(a) u (b) għandha tiġi kkalkulata kif ġej:

(a) l-għadd ta' settijiet jew vjaġġi għall-attivitajiet tas-sajd bit-tartarun tal-borża;

(b) skont l-għadd ta' jiem ta' sajd, l-għadd ta' settijiet jew vjaġġi għall-attivitajiet tas-sajd bil-konz pelaġiku; jew

(c) skont l-għadd ta' jiem ta' sajd għall-attivitajiet ta' sajd bil-lixka.

3. B'deroga mill-punt (a) tal-paragrafu 1, għall-bastimenti b'tul totali ta' inqas minn 15-il metru, fejn ikun hemm tħassib straordinarju dwar is-sikurezza li jipprekludi li jkun hemm osservatur abbord il-bastiment, Stat Membru jista' juża metodu alternattiv għall-monitoraġġ xjentifiku. Dak il-metodu alternattiv għandu jiżgura kopertura ta' osservazzjoni li tkun taqbel ma' dik speċifikata fil-punt (a) tal-paragrafu 1 u ma' ġbir ekwivalenti ta' *data*. L-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta d-dettalji tal-metodu alternattiv lill-Kummissjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta d-dettalji tal-metodu alternattiv imsemmi fil-paragrafu 3 lill-Kumitat Permanenti dwar ir-Riċerka u l-Istatistika tal-ICCAT għall-evalwazzjoni. Il-metodi alternattivi għandhom ikunu suġġetti għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni tal-ICCAT fil-laqgħa annwali tal-ICCAT qabel ma jiġu applikati.

*Artikolu 62*

**Kwalifiki tal-osservaturi xjentifiċi**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-osservaturi jkunu segwew it-taħriġ meħtieġ, ikunu kwalifikati kif xieraq u li jkunu approvati qabel ma jiġu assenjati. L-osservaturi għandu jkollhom il-kwalifiki li ġejjin:

(a) għarfien u esperjenza biżżejjed biex ikunu jistgħu jidentifikaw l-ispeċijiet u jiġbru l-informazzjoni dwar konfigurazzjonijiet differenti ta' tagħmir tas-sajd;

(b) biżżejjed għarfien tal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tal-ICCAT;

(c) il-kapaċità li josservaw u jirreġistraw b'mod preċiż id-*data* li trid tinġabar skont il-programm;

(d) il-kapaċità li jiġbru l-kampjuni bijoloġiċi;

(e) ma għandhomx ikunu membri tal-ekwipaġġ tal-bastiment tas-sajd li jkun qed jiġi osservat; u

(f) ma għandhomx ikunu impjegati tal-kumpanija tal-bastimenti tas-sajd involuta fl-attività tas-sajd li qed tiġi osservata.

*Artikolu 63*

**Responsabbiltajiet tal-osservaturi xjentifiċi**

1. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu mill-osservaturi li:

(a) jirreġistraw u jirrappurtaw informazzjoni dwar l-attività tas-sajd li għandha tinkludi, mill-inqas dawn li ġejjin:

(i) id-*data* dwar it-total tal-qabda fil-mira, tal-qabda aċċessorja u tal-iskart (dan jinkludi l-klieb il-baħar, il-fkieren tal-baħar, il-mammiferi marini u l-għasafar tal-baħar), il-kompożizzjoni tad-daqsijiet, dak li jsir minnhom (jiġifieri, miżmumin, skartati mejta, meħlusa ħajjin), u kampjuni bijoloġiċi għall-istudji tal-ġrajja tal-ħajja (eż. gonadi, otoliti, xewk, skalji);

(ii) informazzjoni dwar l-operazzjonijiet tas-sajd, li tinkludi ż-żona tal-qbid skont il-latitudni u l-lonġitudni, informazzjoni dwar l-isforz tas-sajd (eż. l-għadd ta' settijiet, l-għadd ta' snanar, eċċ.) id-*data* ta' kull operazzjoni tas-sajd, li tinkludi, skont ir-rilevanza, il-ħinijiet tal-bidu u tat-tmiem tal-attività tas-sajd;

(b) josservaw u jirreġistraw l-użu ta' miżuri ta' mitigazzjoni tal-qabdiet aċċessorji u informazzjoni rilevanti oħra;

(c) jippreżentaw kwalunkwe proposta li jqisu li tkun xierqa biex isiru iżjed effiċjenti l-miżuri għall-konservazzjoni u tal-monitoraġġ xjentifiku.

2. L-Istati Membri għandhom jaċċertaw li jintużaw protokolli għall-ġbir tad-*data* li jkunu robusti, u fejn hemm bżonn, jintużaw ukoll il-kameras u r-ritratti.

3. Il-kaptani tal-bastimenti għandhom jiggarantixxu l-aċċess xieraq għall-bastiment u għall-operazzjonijiet tiegħu biex l-osservaturi jkunu jistgħu jwettqu xogħlhom b'mod effettiv.

*Artikolu 64*

**Preżentazzjoni tal-informazzjoni miġbura**

Sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni li tkun inġabret fil-programmi nazzjonali ta' osservazzjoni xjentifika. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi din l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT sal-31 ta' Lulju ta' kull sena.

*KAPITOLU VI*

***Kontroll ta' bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi fil-portijiet tal-Istati Membri***

*Artikolu 65*

**Obbligi ta' rappurtar dwar portijiet u punti ta' kuntatt magħżulin**

1. L-Istati Membri li jkunu jixtiequ jagħtu aċċess għall-portijiet tagħhom lil bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin iġorru speċijiet tal-ICCAT jew prodotti tas-sajd li joriġinaw minn dawn l-ispeċijiet li ma jkunux għadhom inħattu l-art jew ġew ittrażbordati f'portijiet għandhom:

(a) jagħżlu l-portijiet tagħhom li għalihom il-bastimenti ta' pajjiżi terzi jkunu jistgħu jitolbu l-aċċess skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008;

(b) jagħżlu punt ta' kuntatt fejn ikunu jistgħu jirċievu avviż minn qabel skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008;

(c) jagħżlu punt ta' kuntatt minn fejn ikunu jistgħu jibagħtu r-rapporti tal-ispezzjonijiet tal-portijiet, skont l-Artikolu 66 ta' dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni kwalunkwe bidla fil-lista tal-portijiet u tal-punti ta' kuntatt magħżulin mill-inqas 30 jum qabel ma jsiru effettivi t-tibdiliet. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT mill-inqas 14-il jum qabel ma jsiru effettivi t-tibdiliet.

*Artikolu 66*

**Obbligi ta' rappurtar rigward l-ispezzjonijiet tal-portijiet**

1. L-Istat Membru li jkun qed iwettaq l-ispezzjoni għandu jitrażmetti lill-Kummissjoni kopja tar-rapport dwar l-ispezzjoni tal-port imsemmi fl-Artikolu 10(3) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 mhux aktar tard minn 10 ijiem wara li titlesta l-ispezzjoni. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT mhux aktar tard minn 14-il jum wara d-data tat-tlestija tal-ispezzjoni.

2. Jekk ir-rapport tal-ispezzjoni tal-port ma jkunx jista' jiġi trażmess fil-perijodu ta' 10 ijiem imsemmi fil-paragrafu 1, l-Istat Membru li jkun qed iwettaq l-ispezzjoni għandu jinnotifika lill-Kummissjoni f'dak il-perijodu dwar ir-raġunijiet għad-dewmien, u jinfurmaha meta ser jitressaq ir-rapport.

3. Jekk l-informazzjoni li tkun inġabret waqt l-ispezzjoni tagħti x'jifhem li bastiment ta' pajjiż terz għamel xi ksur tal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni tal-ICCAT, għandu japplika l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008.

*KAPITOLU VII*

***Infurzar***

*Artikolu 67*

**Każijiet ta' ksur allegat li jiġu rrappurtati mill-Istati Membri**

1. Barra mir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 48(4) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni, mill-inqas 140 jum qabel il-laqgħa annwali tal-ICCAT, kwalunkwe informazzjoni dokumentata li tindika l-possibbiltà ta' nuqqas ta' konformità min-naħa ta' PKK mal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tal-ICCAT. Il-Kummissjoni għandha teżamina dik l-informazzjoni u, jekk ikun jixraq, tibgħatha lis-Segretarjat tal-ICCAT mill-inqas 120 jum qabel il-laqgħa annwali tal-ICCAT.

2. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni l-lista tal-bastimenti tas-sajd b'tul totali ta' 12-il metru jew aktar, tal-bastimenti fejn jiġu pproċessati l-ħut, tal-laneġ tal-irmonk, tal-bastimenti li jagħmlu t-trażbordar, u tal-bastimenti tal-għajnuna li jkun allegat dwarhom li qegħdin iwettqu sajd IUU fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT fis-sena attwali u fis-sena ta' qabilha, flimkien mal-evidenza li ssostni l-preżunzjoni tas-sajd IUU. Dik il-lista għandha tintbagħat mill-inqas 140 jum qabel il-laqgħa annwali tal-ICCAT. Il-Kummissjoni għandha teżamina dik l-informazzjoni u, jekk din tkun iddokumentata biżżejjed, tibgħatha lis-Segretarjat tal-ICCAT mill-inqas 120 jum qabel il-laqgħa annwali tal-ICCAT, biex jiġi stabbilit l-abbozz tal-lista tal-IUU tal-ICCAT.

*Artikolu 68*

**Abbozz tal-lista tal-IUU tal-ICCAT**

L-Istati Membri għandhom jissorveljaw mill-qrib il-bastimenti li jkunu mniżżlin fl-abbozz tal-lista tal-IUU tal-ICCAT li tiġi ċċirkolata mis-Segretarju Eżekuttiv tal-ICCAT, biex jiddeterminaw l-attivitajiet u l-bidliet possibbli fl-ismijiet, il-bnadar, jew il-proprjetarji rreġistrati ta' dawk il-bastimenti.

*Artikolu 69*

**Nuqqasijiet ta' konformità allegati li jiġu rrappurtati mis-Segretarju Eżekuttiv tal-ICCAT**

1. Jekk il-Kummissjoni tirċievi xi informazzjoni mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tal-ICCAT li tindika nuqqas ta' konformità ssuspettat ta' Stat Membru, il-Kummissjoni għandha mingħajr dwemien, tibgħat dik l-informazzjoni lill-Istat Membru kkonċernat.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jipprovdi lill-Kummissjoni, mill-inqas 45 jum qabel il-laqgħa annwali tal-ICCAT, bis-sejbiet ta' kwalunkwe investigazzjoni li ssir b'rabta mal-allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' konformità u kwalunkwe azzjoni li titwettaq biex tindirizza kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarju Eżekuttiv tal-ICCAT mill-inqas 30 jum qabel il-laqgħa annwali tal-ICCAT.

*Artikolu 70*

**Każijiet ta' ksur allegat li jiġu rrappurtati minn PKK**

1. L-Istati Membri għandhom jagħżlu punt ta' kuntatt fejn jistgħu jirċievu r-rapporti dwar l-ispezzjonijiet tal-portijiet mingħand PKK.

2. L-Istati Membri għandhom jitrażmettu lill-Kummissjoni kwalunkwe bidla għall-punt ta' kuntatt imsemmi fil-paragrafu 1 mill-inqas 30 jum qabel ma jsiru effettivi dawn il-bidliet. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT mill-inqas 14-il jum qabel ma jsiru effettivi t-tibdiliet.

3. Jekk il-punt ta' kuntatt magħżul minn Stat Membru jirċievi rapport dwar l-ispezzjoni ta' port mingħand PKK li jagħti l-evidenza li bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' dak l-Istat Membru jkun ikkommetta ksur tal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni tal-ICCAT, l-Istat Membru għandu minnufih jinvestiga l-ksur u, fi żmien 160 jum minn meta jkun irċieva tali rapport dwar l-ispezzjoni ta' port, jinforma lill-Kummissjoni dwar l-istatus tal-investigazzjoni u b'kwalunkwe azzjoni ta' infurzar li tkun twettqet.

4. Jekk l-Istat Membru tal-bandiera ma jkunx jista' jlaħħaq mal-iskadenza msemmija fil-paragrafu 3, dan għandu jagħti r-raġunijiet għal dan id-dewmien lill-Kummissjoni u jinfurmaha meta ser iressaq ir-rapport dwar l-istatus tal-investigazzjoni.

5. Il-Kummissjoni għandha tibgħat din l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT fi żmien 180 jum wara li tirċievi r-rapport dwar l-ispezzjoni ta' port u fir-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 71, għandha tinkludi l-informazzjoni dwar l-istatus tal-investigazzjoni u dwar kwalunkwe azzjoni ta' infurzar li jkun wettaq l-Istat Membru tal-bandiera.

TITOLU IV

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 71*

**Rapport annwali**

1. Sal-20 ta' Awwissu ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw rapport annwali lill-Kummissjoni dwar is-sena kalendarja preċedenti, li jkun fih l-informazzjoni dwar is-sajd, ir-riċerka, l-istatistika, il-ġestjoni, l-attivitajiet ta' spezzjoni u ta' prevenzjoni tas-sajd IUU u kwalunkwe informazzjoni oħra, jekk rilevanti.

2. Ir-rapport annwali għandu jinkludi l-informazzjoni dwar il-miżuri li jkunu ttieħdu għall-mitigazzjoni tal-qbid inċidentali u biex jitnaqqas l-iskart, u informazzjoni dwar kull riċerka rilevanti f'dak il-qasam.

3. Il-Kummissjoni għandha tiġbor l-informazzjoni li tirċievi skont il-paragrafu 1 u 2 u għandha tibgħatha lis-Segretarjat tal-ICCAT mingħajr dewmien.

4. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-regoli dettaljati għall-format tar-rapport annwali msemmi f'dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 75(2).

*Artikolu 72*

**Kunfidenzjalità**

Id-*data* li tinġabar u tinqasam fil-qafas ta' dan ir-Regolament għandha tiġi ttrattata skont ir-regoli applikabbli dwar il-kunfidenzjalità skont l-Artikoli 112 u 113 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

*Artikolu 73*

**Proċedura għall-emendi**

1. Meta jkun meħtieġ, sabiex timplimenta fil-liġi tal-Unjoni l-emendi għar-rakkomandazzjonijiet eżistenti tal-ICCAT, li jsiru vinkolanti għall-Unjoni, u sakemm l-emendi għal-liġi tal-Unjoni ma jmorrux lil hinn mir-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT, il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 74 għall-fini li temenda:

(a) l-Annessi II sa VIII;

(b) il-limiti taż-żmien stipulati fl-Artikolu 7(1), fl-Artikolu 8, fl-Artikoli 9(1) u 10(2), fl-Artikolu 14(1) u (3), fl-Artikolu 18, fl-Artikolu 20(2), (3) u (4), fl-Artikolu 22(2), fl-Artikolu 23(1) u (2), fl-Artikolu 26(1) u (3), fl-Artikoli 40(1), 42(1), 44(3) u 47(2), fl-Artikolu 48(1) u (2), fl-Artikolu 50(1) u (2), fl-Artikolu 56(3), fl-Artikolu 57(1), (2) u (3), fl-Artikolu 59(1) u (2), fl-Artikolu 64, fl-Artikolu 65(2), fl-Artikolu 66(1) u (2), fl-Artikolu 67(1) u (2), fl-Artikolu 69(2), fl-Artikolu 70(2), (3) u (5), u fl-Artikolu 71(1);

(c) iż-żona stipulata fil-punt (b) tal-Artikolu 14(1);

(d) id-daqsijiet minimi stipulati fl-Artikolu 19(1) u (2), fl-Artikolu 24(2) u fl-Artikolu 29(2) u (3);

(e) it-tolleranzi stipulati fl-Artikolu 19(2) u (3), fl-Artikolu 21, u fl-Artikolu 24(3);

(f) l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-snanar u tal-konzijiet stipulati fl-Artikoli 25 u l-punt (b) tal-Artikolu 38(5);

(g) il-kopertura tal-osservazzjoni xjentifika stipulata fl-Artikoli 29(1), u l-punti (a) u (b) tal-Artikolu 61(1);

(h) it-tip ta' informazzjoni u *data* stipulati fl-Artikolu 11(1), (2) u (3), fl-Artikolu 12, fl-Artikoli 20(2), 26(1) u 42(1), fl-Artikolu 50(1) u (2), u l-Artikoli 54(4), 55(4), 56(3) u 59(1);

(i) l-għadd massimu ta' bagi strumentali stipulat fl-Artikolu 9(4).

2. Kwalunkwe emenda adottata f'konformità mal-paragrafu 1 għandha tkun strettament limitata għall-implimentazzjoni tal-emendi għar-rakkomandazzjoni tal-ICCAT ikkonċernata fil-liġi tal-Unjoni.

*Artikolu 74*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 73 hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin mit-3 ta' Diċembru 2017. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 73 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti maħtura minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 73 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu jiġi estiż b'xahrejn b'inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 75*

**Proċedura fil-kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura stabbilit bl-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 76*

**Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1936/2001**

Fir-Regolament (KE) Nru 1936/2001, l-Artikoli 4, 5, 6, 6(a), 7, 8a, 8b, 8c, 9, 9a u 10 sa 19 huma mħassra.

*Artikolu 77*

**Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1984/2003**

Ir-Regolament (KE) Nru 1984/2003 huwa emendat kif ġej:

(a) fl-Artikolu 3, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(g) bastiment tas-sajd kbir: bastiment tas-sajd b'tul totali ta' 20 metru jew iżjed;

(h) bastiment tas-sajd bil-konz pelaġiku kbir: tfisser bastiment tas-sajd bil-konz pelaġiku b'tul totali ta' 24 metru jew iżjed.";

(b) fl-Artikolu 4(2), jiżdied il-punt li ġej:

"(c) jekk is-sajd ikun sar minn bastiment tas-sajd kbir, jista' jiġi aċċettat biss jekk dak il-bastiment ikun elenkat fir-reġistru tal-bastimenti tal-ICCAT.";

(c) fl-Artikolu 5(2), jiżdied il-punt li ġej:

"(c) jekk is-sajd ikun sar minn bastiment tas-sajd kbir, jista' jiġi vvalidat biss jekk dak il-bastiment ikun elenkat fir-reġistru tal-bastimenti tal-ICCAT.";

(d) fil-Kapitolu 2, tiżdied it-Taqsima li ġejja:

"Taqsima 4

***Rekwiżiti fuq l-Istati Membri rigward il-prodotti trażbordati fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT***

*Artikolu 7a*

**Dokumenti ta' statistika u rappurtaġġ**

1. Meta jkun qed jivvalida d-dokumenti tal-istatistika, l-Istat Membru tal-bandiera ta' bastimenti tas-sajd bil-konz pelaġiċi kbar għandhom jiżguraw li t-trażbordi jkunu konsistenti mal-ammont tal-qabda rrappurtat minn kull bastiment.

2. L-Istat Membru tal-bandiera tal-bastimenti tas-sajd bil-konz pelaġiċi kbar għandu jivvalida d-dokumenti tal-istatistika dwar il-ħut ittrażbordat, wara li jkun ikkonferma li t-trażbord ikun sar b'konformità mal-Artikoli 51 sa 58 tar-Regolament (UE) 2017/2107 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*). Dik il-konferma għandha tkun ibbażata fuq l-informazzjoni li tkun inġabret permezz tal-programm ta' osservazzjoni reġjonali tal-ICCAT għat-trażbordar fuq il-baħar.

3. L-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-ispeċijiet koperti mill-programmi ta' dokumentazzjoni statistika li jinqabdu minn bastimenti tas-sajd bil-konz pelaġiċi kbar fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT, meta jiġu impurtati fiż-żoni jew fit-territorji tagħhom, ikollhom magħhom id-dokumenti tal-istatistika vvalidati għall-bastimenti li huma elenkati fil-lista tal-bastimenti tas-sajd bil-konz pelaġiċi kbar awtorizzati li jittrażbordaw fuq il-baħar tal-ICCAT, u kopja tad-dikjarazzjoni tat-trażbord tal-ICCAT.

(*) Ir-Regolament (UE) 2017/2107 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1936/2001, (KE) Nru 1984/2003 u (KE) Nru 520/2007 (ĠU L 315, 30.11.2017, p. 1).".

*Artikolu 78*

**Emendi għar-Regolament (KE) Nru 520/2007**

Fir-Regolament (KE) Nru 520/2007, jitħassru l-Artikolu 4(1), it-Titolu II u l-Annessi II, III u IV.

*Artikolu 79*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, il-15 ta' Novembru 2017.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| A. TAJANI | M. MAASIKAS |

*ANNESS I*

**SPEĊI TAL-ICCAT**

| Familja | Isem bil-Latin | Isem Malti |
|---|---|---|
| *Scombridae* | *Acanthocybium solandri* | Pizzintun tal-istrixxi |
| | *Allothunnus fallai* | Tonn Irqiq |
| | *Auxis rochei* | Żgamirru |
| | *Auxis thazard* | Tumbrell |
| | *Euthynnus alletteratus* | Kubrita/Palamit iswed tal-Atlantiku |
| | *Gasterochisma melampus* | Tonn farfett |
| | *Katsuwonus pelamis* | Palamit |
| | *Orcynopsis unicolor* | Plamtu bla rigi |
| | *Sarda sarda* | Plamtu |
| | *Scomberomorus brasiliensis* | Kavall tal-Brażil |
| | *Scomberomorus cavalla* | Kavall irjali |
| | *Scomberomorus maculatus* | Kavall tat-tikek Scomberomorus regalis |
| | *Scomberomorus regalis* | Pizzintun irjali tal-Atlantiku |
| | *Scomberomorus tritor* | Kavall tal-Afrika tal-Punent |
| | *Thunnus alalunga* | Alonga |
| | *Thunnus albacares* | Tonna safra |
| | *Thunnus atlanticus* | Tonna sewda |
| | *Thunnus maccoyii* | Tonna tan-Nofsinhar |
| | *Thunnus obesus* | Tonn obeż |
| | *Thunnus thynnus* | Tonn |
| *Istiophoridae* | *Istiophorus albicans* | Pixxivela tal-Atlantiku |
| | *Makaira indica* | Marlin iswed |
| | *Makaira nigricans* | Marlin blu tal-Atlantiku |
| | *Tetrapturus albidus* | Marlin abjad tal-Atlantiku |
| | *Tetrapturus belone* | Pastardella |
| | *Tetrapturus georgii* | Pastardella imperjali |
| | *Tetrapturus pfluegeri* | Pastardella munqarha twil |
| *Xiphiidae* | *Xiphias gladius* | Pixxispad |
| *Alopiidae* | *Alopias superciliosus* | Pixxivolpi għajnu kbira |
| *Carcharhinidae* | *Carcharhinus falciformis* | Kelb il-baħar ħariri |
| | *Carcharhinus longimanus* | Kelb il-baħar tal-qarnuna bajda oċea-niku |
| | *Prionace glauca* | Ħuta Kaħla |

| Familja | Isem bil-Latin | Isem Malti |
|---|---|---|
| *Lamnidae* | *Isurus oxyrinchus* | Pixxitondu |
| | *Lamna nasus* | Pixxiplamtu |
| *Sphyrnidae* | *Sphyrna* spp. | Kurazza |
| *Coryphaenidae* | *Coryphaena hippurus* | Lampuka |

*ANNESS II*

**LINJI GWIDA GĦAT-TĦEJJIJA TAL-PJANIJIET TA' ĠESTJONI TAT-TAGĦMIR BIEX JINĠABAR IL-ĦUT (FAD)**

Il-pjan ta' ġestjoni tal-FAD għall-flotot tas-sajd tat-tartarun tal-borża u tas-sajd bil-lixka tal-PKK irid ikun fih dawn li ġejjin:

(1) Deskrizzjoni

(a) Tipi ta' FAD: AFAD = ankrati; DFAD = għawwiema

(b) Tip ta' sinjal/baga

(c) Għadd massimu ta' FAD li ser jitqiegħu għal kull tartarun tal-borża u għal kull tip ta' FAD

(d) Distanza minima bejn l-AFAD

(e) Politika għat-tnaqqis u għall-użu tal-qbid inċidentali

(f) Kunsiderazzjoni tal-interazzjoni ma' tipi oħra ta' tagħmir

(g) Dikjarazzjoni jew politika dwar "is-sjieda tal-FAD";

(2) Arranġamenti istituzzjonali

(a) Responsabbiltajiet istituzzjonali għall-pjan ta' ġestjoni tal-FAD

(b) Proċessi tal-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tqegħid tal-FAD

(c) Obbligi tal-proprjetarji u tal-kaptani tal-bastimenti fir-rigward tat-tqegħid u l-użu tal-FAD

(d) Politika ta' sostituzzjoni tal-FAD

(e) Obbligi addizzjonali tar-rappurtar minbarra dan ir-Regolament

(f) Politika ta' riżoluzzjoni ta' kunflitti fir-rigward tal-FADs

(g) Id-dettalji ta' kwalunkwe żona jew perijodu magħluqa, pereżempju: ilmijiet territorjali, korsiji tal-bastimenti, qrubija ma' żoni tas-sajd artiġjanali, eċċ.

(3) Speċifikazzjonijiet u rekwiżiti għall-bini tal-FAD

(a) Karatteristiċi tad-disinn tal-FAD (deskrizzjoni)

(b) Rekwiżiti tad-dawl

(c) Rifletturi tar-radar

(d) Distanza viżibbli

(e) Marki u identifikatur tal-FAD

(f) Marki u identifikaturi tal-bagi ta' sinjalazzjoni bir-radju (rekwiżit ta' numri tas-sensiela)

(g) Marki u identifikaturi tal-bagi b'ekosonda (rekwiżit ta' numri tas-sensiela)

(h) Riċetrażmettituri bis-satellita

(i) Riċerka li saret fuq FADs bijodegradabbli

(j) Prevenzjoni tat-telfa jew tal-abbandun tal-FADs

(k) Ġestjoni tal-irkupru tal-FADs;

(4) Perijodu applikabbli għall-pjan ta' ġestjoni tal-FAD

(5) Mezzi ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' ġestjoni tal-FAD.

*ANNESS III*

## LISTA TAL-FADS LI TQIEGĦDU FUQ BAŻI TA' KULL TLIET XHUR

| Identifikatur tal-FAD | | Tipi ta' FAD u ta' tagħmir elettroniku | | Karatteristiki tal-Arkitettura tal-FAD | | | | Osservazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marka tal-FAD | Identità tas-sinjal assoċjat | Tip ta' FAD | Tip ta' sinjal assoċjat u/jew ta' tagħmir elettroniku | Parti għawwiema tal-FAD | | Struttura tal-FAD imdendla taħt l-ilma | | |
| | | | | Dimensjonijiet | Materjali | Dimensjonijiet | Materjali | |
| (1) | (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (4) | (6) | (7) |
| … | … | … | … | … | … | … | … | … |
| … | … | … | … | … | … | … | … | … |

(1) Jekk il-marka tal-FAD u l-Identità tas-sinjal assoċjat ma jkunux hemm jew ma jkunux jistgħu jinqraw, semmi dan il-fatt u agħti l-informazzjoni kollha li għandek li tista' tgħin biex jiġi identifikat sid l-FAD.
(2) FAD ankrat, FAD naturali għawwiem, FAD artifiċjali għawwiem.
(3) Eż. GPS, sonda, eċċ. Jekk ma hemmx tagħmir elettroniku assoċjat mal-FAD, indika dan in-nuqqas ta' tagħmir.
(4) Eż. l-wisa', it-tul, l-għoli, il-fond, id-daqsijiet tat-toqob tax-xbieki, eċċ.
(5) Semmi b'liema materjali huma magħmula l-istruttura u l-qoxra ta' barraa, u għid humiex bijodegradabbli.
(6) Eż. xbieki, ħbula, weraq tal-palm, eċċ… u semmi l-karatteristiċi tal-materjal li jħabblu u/jew huma bijodegradabbli.
(7) F'din it-taqsima għandhom jiġu rrappurtati l-ispeċifikazzjonijiet tad-dawl, ir-rifletturi tar-radar u d-distanzi viżibbli.

*ANNESS IV*

**IR-REKWIŻITI GĦALL-PROGRAMM TA' OSSERVAZZJONI GĦALL-BASTIMENTI LI JISTADU GĦAT-TONN TROPIKALI FIŻ-ŻONI ĠEOGRAFIĊI FEJN HEMM GĦELUQ MARBUT MA' PERIJODU TA' ŻMIEN U MA' ŻONI**

1. L-osservaturi għandu jkollhom il-kwalifiki li ġejjin biex iwettqu l-kompiti tagħhom:

— esperjenza biżżejjed li jkunu jafu jidentifikaw l-ispeċijiet u t-tagħmir tas-sajd,

— biżżejjed għarfien tal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni tal-ICCAT attestat minn ċertifikat mogħti lilhom mill-Istat Membru u bbażat fuq il-linji gwida għat-taħriġ tal-ICCAT,

— il-kapaċità li josservaw u jirreġistraw b'mod preċiż,

— biżżejjed għarfien tal-lingwa tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment li qed ikun osservat.

2. L-osservaturi ma għandhomx ikunu membri tal-ekwipaġġ tal-bastiment tas-sajd li qed ikun osservat u għandhom:

(a) ikunu nattivi ta' waħda mill-PKK;

(b) ikunu kapaċi jwettqu l-kompiti stabbiliti fil-punt 3:

(c) ma jkollhomx interessi finanzjarji jew ta' xi benefiċċju attwali fis-sajd tat-tonn tropikali.

Kompiti tal-osservaturi

3. Il-kompiti tal-osservaturi għandhom ikunu, b'mod partikolari:

(a) li jissorveljaw il-konformità tal-bastiment tas-sajd mal-miżuri rilevanti ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni adottati mill-Kummissjoni tal-ICCAT.

B'mod partikolari, l-osservaturi għandhom:

(i) jirreġistraw l-attivitajiet tas-sajd li jitwettqu u jagħmlu r-rapporti dwarhom;

(ii) josservaw u jistmaw il-qabdiet u jivverifikaw l-entrati li jiddaħħlu fil-ġurnal ta' abbord;

(iii) josservaw u jniżżlu fir-reġistru bastimenti li jistgħu jkunu qegħdin jistadu b'mod li jkun kontraenti għall-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tal-ICCAT;

(iv) jivverifikaw il-pożizzjoni tal-bastiment waqt li dan ikun qed iwettaq l-attività tas-sajd;

(v) iwettqu ħidma xjentifika bħall-ġbir ta' *data* tal-Kompitu II meta jintalbu jagħmlu dan mill-ICCAT, abbażi ta' direttivi mill-Kumitat Permanenti tal-ICCAT dwar ir-Riċerka u l-Istatistika.

(b) li jirrappurtaw minnufih, filwaqt li joqogħdu attenti għas-sikurezza tal-osservatur, kwalunkwe attività ta' sajd b'rabta mal-FADs li jkun għamel il-bastiment f'dik iż-żona u waqt il-perijodu msemmi fl-Artikolu 11;

(c) li jistabbilixxu rapporti ġenerali fejn jikkompilaw l-informazzjoni li tkun inġabret skont dan il-punt 3 u joffru l-opportunità lill-kaptan biex idaħħlu fihom kwalunkwe informazzjoni rilevanti.

4. L-osservaturi għandhom jittrattaw l-informazzjoni kollha dwar l-operazzjonijiet ta' sajd u ta' trażbord tal-bastimenti bħala kunfidenzjali u jaċċettaw dan ir-rekwiżit bil-miktub bħala kundizzjoni tal-ħatra tagħhom bħala osservaturi.

5. L-osservaturi għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fil-liġijiet u fir-regolamenti tal-Istat Membru tal-bandiera li għandu l-ġuriżdizzjoni fuq il-bastiment li jkun assenjat għalih l-osservatur.

6. L-osservaturi għandhom jirrispettaw il-ġerarkija u r-regoli ġenerali tal-imġiba li japplikaw għall-membri tal-ekwipaġġ kollu, dejjem jekk dawn ir-regoli ma jostakolawx il-kompiti tal-osservatur f'dan il-programm, u bl-obbligi tiegħu stabbiliti fil-punt 7.

Obbligi tal-Istat Membru tal-bandiera

7. Ir-responsabbiltajiet rigward l-osservaturi tal-Istati Membri tal-bastimenti tas-sajd u tal-kaptani tagħhom għandhom jinkludu, b'mod partikolari, dan li ġej:

(a) l-osservaturi għandhom jingħataw aċċess għall-ekwipaġġ, għall-irkaptu u għat-tagħmir;

(b) jekk jitolbu dan, l-osservaturi għandhom jingħataw aċċess ukoll għat-tagħmir elenkat hawn taħt, jekk dan ikun fuq il-bastimenti li jkunu assenjati għalih, biex jiġi ffaċilitat it-twettiq tal-kompiti tagħhom stabbiliti fil-punt 3:

(i) tagħmir ta' navigazzjoni bis-satellita;

(ii) l-iskrins li juru r-radars meta dawn ikunu qed jintużaw;

(iii) il-mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi.

(c) l-osservaturi għandu jkollhom l-istess kumditajiet bħall-uffiċjali, li jinkludu l-akkomodazzjoni, l-ikel, u faċilitajiet sanitarji;

(d) l-osservaturi għandhom jingħataw post komdu fuq il-briġġ jew fil-kamra tat-tmunier biex jagħmlu x-xogħol klerikali, u spazju fuq il-gverta fejn ikunu jistgħu jwettqu xogħolhom ta' osservaturi; u

(e) l-Istat Membru tal-bandiera għandu jiżgura li l-kaptani, l-ekwipaġġ u s-sidien tal-bastimenti ma jostakolawx, ma jintimidawx, ma jindaħlux, ma jinfluwenzawx u ma jxaħħmux jew lanqas jippruvaw ixaħħmu lill-osservaturi waqt it-twettiq ta' xogħlhom.

*ANNESS V*

**STANDARDS TEKNIĊI MINIMI GĦALL-MIŻURI TA' MITIGAZZJONI**

| Miżuri ta' mitigazzjoni | Deskrizzjoni | Speċifikazzjoni |
|---|---|---|
| L-issettjar billejl bl-inqas dawl possibbli fuq il-gverta | Ma jsirx issettjar bejn is-sebħ nawtiku u l-inżul ix-xemx nawtiku. Id-dawl fuq il-gverta għandu jinżamm baxx kemm jista' jkun | L-inżul ix-xemx u s-sebħ nawtiċi huma ddefiniti skont kif stabbilit fit-tabelli fl-Almanakk Nawtiku għal-latitudni, għall-ħin lokali u għad-*data* rilevanti. Id-dawl minimu fuq il-gverta jeħtieġ li ma jmurx kontra l-istandards minimi tas-sikurezza u tan-navigazzjoni. |
| Lettijiet bin-naffara tal-għasafar (lettijiet tori) | Il-lettijiet bin-naffara tal-għasafar għandhom jiġu skjerati waqt il-kalar tal-konzijiet biex jiskoraġġixxu lill-għasafar milli javviċinaw il-brazzol | Għall-bastimenti li jkun fihom tul ta' 35 m jew iżjed:<br>— ikalaw mill-inqas lett bin-naffara wieħed. Fejn prattiku, il-bastimenti huma mħeġġa li jużaw arblu tori ieħor u lett bin-naffara ieħor fi żminijiet meta jkun hemm ħafna għasafar jew ħafna attività mill-għasafar; iż-żewġ lettijiet tori jeħtieġ li jintużaw fl-istess ħin, wieħed ma' kull naħa tal-konz li jkun qed jiġi kalat;<br>— l-għoli barra mill-ilma tal-lettijiet bin-naffara jrid ikun daqs 100 m jew iżjed;<br>— għandhom jintużaw ukoll naffara twal biżżejjed li jaslu sa wiċċ il-baħar meta dan ikun kalm;<br>— in-naffara t-twal iridu jitqiegħdu b'intervalli ta' mhux aktar minn 5 m.<br>Għall-bastimenti li jkun fihom inqas tul minn 35 m:<br>— ikalaw mill-inqas lett bin-naffara wieħed;<br>— l-għoli barra mill-ilma tal-lettijiet bin-naffara jrid ikun daqs 75 m jew iżjed;<br>— għandhom jintużaw naffara twal u/jew qosra (iżda itwal minn metru 1 m) u dawn iridu jitqiegħdu b'intervalli skont dan ta' hawn taħt:<br>— Qosra: intervalli ta' mhux aktar minn 2 m.<br>— Twal: intervalli ta' mhux aktar minn 5 m għall-ewwel 55 m tal-lett bin-naffara.<br>Linji gwida supplimentari għat-tfassil u l-iskjerar tal-lettijiet bin-naffara jinsabu hawn taħt fil-Linji Gwida Supplimentari dwar it-Tfassil u l-Iskjerar tal-lettijiet tori. |
| Żieda ta' piżijiet mal-lett | Piżijiet li jridu jitqiegħdu mal-brazzola qabel ma jiġi kalat il-lett | Li jkunu itqal minn total ta' 45 g marbutin mhux iżjed minn metru wieħed 'il bogħod mis-sunnara; jew<br>Li jkunu itqal minn total ta' 60 g marbutin mhux iżjed minn 3,5 m 'il bogħod mis-sunnara; jew<br>Li jkunu itqal minn total ta' 98 g marbutin mhux iżjed minn 4 m 'l bogħod mis-sunnara. |

**LINJI GWIDA SUPPLIMENTARI GĦAT-TFASSIL U T-TQEGĦID TAL-LETTIJIET TORI**

Preambolu

L-istandards tekniċi minimi għall-iskjerar tal-lettijiet tori jinsabu fit-Tabella aktar 'il fuq. Dawn il-linji gwida supplimentari huma maħsubin biex jgħinu għat-tħejjija u l-implimentazzjoni tar-regolamenti dwar il-lettijiet tori għall-bastimenti tas-sajd bil-konz. Filwaqt li dawn il-linji gwida huma relattivament espliċiti, hija mħeġġa l-esperimentazzjoni li żżomm mar-rekwiżiti tat-Tabella ta' fuq, bil-għan li tittejjeb l-effikaċja tal-lettijiet tori. Il-linji gwida jqisu l-varjabbli ambjentali u operazzjonali bħalma huma l-kundizzjonijiet tat-temp, il-veloċità tal-kalar, u d-daqs tal-bastiment, li kollha kemm huma jinfluwenzaw il-prestazzjoni tal-lettijiet tori u t-tfassil tagħhom biex jipproteġu l-lixki mill-għasafar. It-tfassil u l-użu tal-lettijiet tori jista' jinbidel biex iqis dawn il-varjabbli, dejjem jekk dan it-tibdil ma jikkompromettix il-prestazzjoni tal-lettijiet. Huwa ppjanat titjib kontinwu tat-tfassil tal-lettijiet tori u għaldaqstant jeħtieġ li jsir rieżami ta' dawn il-linji gwida fil-ġejjieni.

Tfassil tal-lettijiet tori

1. Armar xieraq li jiġi rmunkat mal-parti tal-lett tori li tkun fl-ilma jista' jgħin biex jgħolli l-parti 'l fuq mill-ilma.
2. Il-parti ta' taħt l-ilma msemmija hawn fuq jeħtieġ li tkun ħafifa biżżejjed biex il-movimenti tagħha ma jistgħux ikunu previsti, biex l-għasafar ma jidrawx il-movimenti, u tqila biżżejjed biex il-pożizzjoni tal-lett ma tiġix affettwata mir-riħ.
3. L-aħjar metodu huwa li l-lett jintrabat mal-bastiment permezz ta' tornikett ċilindriku b'saħħtu biex inaqqas it-tħabbil tal-lett.
4. In-naffara jeħtieġ li jkunu ta' materjal li jidher sew u li jiċċaqlaq ħafna u b'mod imprevedibbli (eż. ħabel irqiq imma b'saħħtu miksi b'tubu aħmar tal-poliuretan) marbutin ma' tornikett bi tliet fergħat b'saħħtu (li wkoll inaqqas it-tħabbil) li jkun marbut mal-lett tori.
5. Kull naffar jeħtieġ li jkun magħmul minn żewġ strixex jew iżjed.
6. Kull par naffara jeħtieġ li jkun jista' jinqala' permezz ta' klippa għall-effiċjenza tal-ħżin tal-lett.

Tqegħid tal-lettijiet tori

1. Il-lett jeħtieġ li jkun jiddendel minn arblu li jkun imwaħħal fuq il-bastiment. L-arblu tori jeħtieġ li jkun fl-ogħla pożizzjoni possibbli biex il-lett jipproteġi l-lixki fuq distanza kbira wara l-bastiment u ma jitħabbilx mat-tagħmir tas-sajd. Aktar ma jkun twil l-arblu, aktar jipproteġi l-lixki. Pereżempju, tul ta' madwar 7 m 'il fuq minn wiċċ l-ilma jista' jagħti madwar 100 m ta' protezzjoni lil-lixka.
2. Jekk il-bastimenti jużaw lett tori wieħed biss, dan jeħtieġ li jiġi kalat fin-naħa minn fejn ikun ġej ir-riħ lejn il-lixki mgħaddsa. Jekk is-snanar bil-lixka jkunu kalati 'l barra mit-tranja, il-punt fejn jintrabat il-lett tori mal-bastiment jeħtieġ li jkun għadd sew ta' metri 'l barra mill-ġenb tal-bastiment fejn ikunu tqiegħdu l-lixki. Jekk il-bastimenti jużaw żewġ lettijiet tori, is-snanar bil-lixki jeħtieġ li jitqiegħdu fiż-żona maż-żewġ lettijiet tori.
3. It-tqegħid ta' diversi lettijiet tori huwa mħeġġeġ biex tingħata saħansitra aktar protezzjoni tal-lixki mill-għasafar.
4. Billi hemm ċans li l-lettijiet jinqasmu jew jitħabblu, jeħtieġ li jkun hemm lettijiet tori żejda abbord biex jitpoġġew minflok il-lettijiet imħassra biex l-operazzjonijiet tas-sajd jibqgħu għaddejjin mingħajr interruzzjoni. Fil-lett tori jistgħu jiġu inkorporati partijiet li jinkisru faċilment biex jitnaqqsu l-problemi ta' sikurezza u problemi fl-operazzjoni jekk wieħed mis-sufruni tal-konz jitgħaqqad fil-parti ta' taħt l-ilma tal-lett tori jew jitħabbel fiha.
5. Meta s-sajjieda jużaw magna li tkala l-lixka (BCM), iridu jiżguraw li l-lett bil-brazzjoni u l-magna jkunu kkoordinati billi jiżguraw li BCM tixħet direttament taħt il-protezzjoni tal-linji tori. Meta jużaw BCM (jew għadd ta' BCMs) li jippermetti/u li jintefgħu lixkiet kemm fil-bord ix-xellug kemm fil-bord il-lemin, jeħtieġ li jintużaw żewġ lettijiet tori.
6. Meta jkunu qegħdin ikalaw il-lettijiet sekondarji bl-idejn, jeħtieġ li s-sajjieda jiżguraw li s-snanar bil-lixka u l-partijiet tal-lettijiet sekondarji li jitfgħu mkebbin jintefgħu taħt iż-żona ta' protezzjoni tal-lett tori filwaqt li jevitaw it-turbolenza tal-iskrun li tista' tnaqqas ir-rata ta' veloċità tagħhom biex jinżlu taħt il-baħar.
7. Is-sajjieda huma mħeġġa li jinstallaw xi winċijiet manwali, tal-elettriku jew idrawliċi biex iħeffu l-iskjerar u l-ġbid lura fuq il-bastiment tal-lettijiet tori.

*ANNESS VI*

**REKWIŻITI DETTALJATI GĦAR-RILAXX TAL-FKIEREN TAL-BAĦAR**

Dwar prattiki ta' trattament li ma jikkawżawx ħsara:

(i) Meta fekruna tal-baħar jkollha tittella' mill-ilma, għandhom jintużaw jew lift bil-qoffa xierqa jew xibka fuq manku twil biex jittellgħu fkieren tal-baħar li jkun nqabdu b'sunnara jew li jkunu tħabblu fix-xbieki. Fekruna tal-baħar qatt ma għandha tittella' minn ġol-ilma billi jinġibed il-lett li tkun imqabbda miegħu jew imħabbla fih. Jekk il-fekruna tal-baħar ma tkunx tista' tittella' mill-ilma mingħajr ma tiġi mweġġa', il-membri tal-ekwipaġġ jeħtieġ li jaqtgħu l-lett kemm jista' jkun qrib is-sunnara, mingħajr ma jweġġgħuha iżjed bla bżonn.

(ii) Fil-każijiet meta l-fkieren tal-baħar jittellgħu abbord, l-operaturi tal-bastiment jew il-membri tal-ekwipaġġ għandhom jivvalutaw il-kundizzjoni tal-fkieren tal-baħar li jkunu nqabdu jew tħabblu qabel ma jirrilaxxawhom. Il-fkieren tal-baħar li jsibu diffikultà biex jiċċaqilqu jew li ma jurux sinjali risponsivi għandhom jinżammu abbord kemm jista' jkun, u għandhom jingħataw il-kura biex ikollhom l-aktar ċans possibbli li jibqgħu ħajjin, qabel ma jiġu rrilaxxati. Dawk il-prattiki huma deskritti aktar fid-dettall fil-Linji Gwida tal-FAO għat-tnaqqis tal-mortalità tal-fkieren tal-baħar waqt l-operazzjonijiet tas-sajd.

(iii) Sakemm dan jista' jsir, il-fkieren tal-baħar li jintmissu waqt operazzjonijiet tas-sajd jew waqt programmi tal-osservaturi nazzjonali (eż. attivitajiet ta' mmarkar) għandhom jiġu ttrattati b'mod li jkun konsistenti mal-linji gwida tal-FAO għat-tnaqqis tal-mortalità tal-fkieren tal-baħar waqt attivitajiet tas-sajd.

Dwar l-użu ta' għodod għall-qtugħ tal-lettijiet:

(i) Il-bastimenti tas-sajd bil-konz għandu jkollhom abbord għodod għall-qtugħ tal-lettijiet li għandhom jintużaw meta ma jkunx possibbli li titneħħa s-sunnara mingħajr ma jitweġġgħu l-fkieren tal-baħar biex jiġu rrilaxxati.

(ii) Tipi oħra ta' bastimenti li jużaw tagħmir li jistgħu jitħabblu fih il-fkieren tal-baħar għandu jkollhom abbord għodod għall-qtugħ tal-lettijiet li jitħabblu l-fkieren tal-baħar fihom, u jużaw dawn l-għodod biex jaqilgħu l-lettijiet minn mal-fkieren tal-baħar u jeħilsuhom fil-baħar mingħajr danni.

Dwar l-użu ta' għodod biex jinqalgħu s-snanar:

(i) Il-bastimenti tas-sajd bil-konz għandu jkollhom abbord għodod li jaqilgħu s-snanar mill-fkieren tal-baħar.

(ii) Meta fekruna tal-baħar tkun belgħet sunnara, ħadd ma għandu jipprova jneħħi din is-sunnara. Minflok, il-lett għandu jinqata' kemm jista' jkun qrib is-sunnara mingħajr ma jsir iżjed dannu bla bżonn lill-fekruna tal-baħar.

*ANNESS VII*

**TRAŻBORD FIL-PORTIJIET**

1. It-trażbord fil-portijiet minn bastimenti tal-Unjoni jew f'portijiet tal-Unjoni ta' speċijiet ta' tonn jew ta' ħut li jixbah it-tonn, u ta' kwalunkwe speċi oħra li tinqabad flimkien ma' dawk l-ispeċijiet fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT għandu jsegwi l-proċeduri li ġejjin:

Obbligi tan-notifikar

2. Bastiment tas-sajd

2.1 Mill-inqas 48 siegħa qabel ma jinbdew l-operazzjonijiet tat-trażbordar, il-kaptan tal-bastiment tas-sajd għandu jagħti l-isem tal-bastiment tal-ġarr u d-data/l-ħin tat-trażbord lill-awtoritajiet Statali tal-port.

2.2 Fil-ħin tat-trażbord, il-kaptan ta' bastiment tas-sajd għandu jinforma lill-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment dwar dawn li ġejjin;

— il-kwantitajiet ta' tonn u ta' speċijiet li jixbħu lit-tonn, fejn hu possibbli skont l-istokk, li ser jiġu ttrażbordati,

— il-kwantitajiet ta' speċijiet oħrajn li jkunu nqabdu mal-ispeċijiet tat-tonn u dawk li jixbħu lit-tonn skont l-ispeċi, fejn din tkun magħrufa, li ser jiġu ttrażbordati,

— id-data u l-post tat-trażbord,

— l-isem, in-numru tar-reġistrazzjoni u l-bandiera tal-bastiment tal-ġarr li ser jirċievi l-ħut, u

— il-pożizzjoni ġeografika tal-qabdiet, skont l-ispeċi u, fejn rilevanti, skont l-istokk, li hija konsistenti maż-żoni statistiċi tal-ICCAT.

2.3 Il-kaptan tal-bastiment tas-sajd ikkonċernat għandu jimla u jibgħat id-dikjarazzjoni tat-trażbord tal-ICCAT lill-Istat Membru tal-bandiera tiegħu, flimkien mal-għadd ta' bastimenti tiegħu fir-reġistru tal-ICCAT tal-bastimenti tas-sajd, fejn hu applikabbli, sa mhux aktar minn 15-il jum wara t-trażbord.

3. Bastiment li jirċievi l-ħut

3.1 Mhux aktar tard minn 24 siegħa qabel ma jibda t-trażbord u fi tmiemu, il-kaptan tal-bastiment tal-ġarr li jkun qed jirċievi l-ħut għandu jinforma lill-awtoritajiet Statali tal-port bil-kwantitajiet tal-qabdiet tat-tonn u tal-ispeċijiet li jixbħu lit-tonn li jkunu ser jiġu jew li jkunu ġew ittrażbordati għal fuq il-bastiment tiegħu, u jimla u jibgħat id-dikjarazzjoni tat-trażbord lill-awtoritajiet kompetenti fi żmien 24 siegħa.

3.2 Mill-inqas 48 siegħa qabel il-ħatt l-art, il-kaptan tal-bastiment tal-ġarr li jkun qed jirċievi l-ħut għandu jimla u jibgħat id-dikjarazzjoni tat-trażbord tal-ICCAT lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn ser isir il-ħatt l-art.

Il-kooperazzjoni bejn l-Istat tal-Port u l-Istat fejn ser isir il-ħatt l-art

4. L-Istat tal-port u l-Istat fejn ser isir il-ħatt l-art imsemmijin fil-punti ta' hawn fuq għandhom jeżaminaw l-informazzjoni li jirċievu skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness, inkluż b'kooperazzjoni mal-PKK tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd, biex jiżguraw li jkun hemm konsistenza bejn il-qabdiet irrappurtati, it-trażbordi u l-ħatt l-art ta' kull bastiment. Dik il-verifika għandha titwettaq b'mod li jiżgura li l-bastiment ikollu l-inqas interferenza u inkonvenjenza possibbli u li ma jikkawżax deterjorament tal-kwalità tal-ħut.

Rappurtar

5. Fir-rapport annwali tiegħu lill-ICCAT, kull Stat Membru tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd għandu jinkludi d-dettalji tat-trażbordi tal-bastimenti tiegħu.

*ANNESS VIII*

**PROGRAMM TA' OSSERVAZZJONI REĠJONALI TAL-ICCAT GĦALL-OPERAZZJONIJIET TA' TRAŻBORDAR FUQ IL-BAĦAR**

1. L-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-bastimenti tal-ġarr li jkunu fir-reġistru tal-ICCAT ta' bastimenti awtorizzati biex jirċievu t-trażbordi fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT u li jittrażbordaw fuq il-baħar, ikollhom abbord osservatur tal-ICCAT matul kull operazzjoni ta' trażbordar li ssir fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT.

2. L-osservaturi għandhom jinħatru mill-ICCAT u għandhom ikunu abbord il-bastimenti tal-ġarr awtorizzati li jirċievu t-trażbordi fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT mingħand bastimenti tas-sajd bil-konz pelaġiċi kbar (LSPLVs) li jkunu jtajru l-bandiera tal-PKK li jimplimentaw il-programm ta' osservazzjoni reġjonali tal-ICCAT.

Ħatra tal-osservaturi

3. L-osservaturi maħtura għandu jkollhom il-kwalifiki li ġejjin biex iwettqu l-kompiti tagħhom:

— il-kapaċità ppruvata li jidentifikaw l-ispeċijiet tal-ICCAT u t-tagħmir tas-sajd u għandha tingħata preferenza qawwija lil dawk li jkollhom l-esperjenza bħala osservaturi fuq bastimenti tas-sajd bil-konz pelaġiċi kbar,

— għarfien sodisfaċenti tal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tal-ICCAT,

— il-kapaċità li josservaw u jirreġistraw b'mod preċiż,

— għarfien sodisfaċenti tal-lingwa tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment li qed ikun osservat.

Obbligi tal-osservaturi

4. L-osservaturi għandhom:

(a) ikunu temmew it-taħriġ tekniku meħtieġ skont il-linji gwida stabbiliti mill-ICCAT;

(b) ma jkollhomx in-nazzjonalità jew iċ-ċittadinanza tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment tal-ġarr li qed jirċievi;

(c) ikunu kapaċi jwettqu l-kompiti stabbiliti fil-punt 5;

(d) ikunu fil-lista tal-osservaturi li jżomm l-ICCAT;

(e) ma jkunux membri tal-ekwipaġġ tal-LSPLV jew tal-bastiment tal-ġarr jew impjegati tal-kumpanija tal-LSPLV jew tal-kumpanija tal-bastiment tal-ġarr.

5. L-osservatur għandu jissorvelja l-konformità tal-LSPLV u tal-bastiment tal-ġarr mal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni rilevanti adottati mill-ICCAT. Il-kompiti tal-osservaturi, b'mod partikolari, għandhom ikunu:

5.1 Iżuru l-LSPLV li jkun biħsiebu jittrażborda l-ħut fuq bastiment tal-ġarr, filwaqt li jqisu l-kwistjonijiet imsemmijin fil-punt 9, u li, qabel ma jsir it-trażbord:

(a) jivverifikaw il-validità tal-awtorizzazzjoni jew tal-liċenzja tas-sajd biex jaqbdu t-tonn u l-ispeċijiet li jixbħu lit-tonn li jinqabdu ma' dawk l-ispeċijiet fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT;

(b) jeżaminaw l-awtorizzazzjonijiet minn qabel mingħand il-PKK tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd, u fejn hu rilevanti, mingħand l-Istat tal-kosta, biex jittrażborda fuq il-baħar;

(c) jivverifikaw u jirreġistraw il-kwantità totali tal-qabda abbord skont l-ispeċi u, jekk ikun possibbli, skont l-istokk, u l-kwantitajiet li ser jiġu ttrażbordati għal fuq il-bastiment tal-ġarr;

(d) jivverifikaw li s-sistema ta' monitoraġġ tal-bastiment (VMS) tkun qed tiffunzjona u jeżaminaw il-ġurnal ta' abbord, u jekk ikun possibbli, jivverifikaw l-entrati li jkun fih;

(e) jivverifikaw jekk xi parti mill-qabda li jkun hemm abbord tkun ġiet permezz ta' trasferiment minn bastimenti oħrajn, u jivverifikaw id-dokumenti dwar dawn it-trasferimenti;

(f) jekk ikun hemm indikazzjoni li l-bastiment tas-sajd ikun għamel xi ksur, jirrappurtaw minnufih il-ksur lill-kaptan tal-bastiment tal-ġarr (filwaqt li joqogħdu attenti għas-sikurezza) u lill-kumpanija li tkun qed timplimenta l-programm ta' osservazzjoni, li minnufih għandhom jibagħtu din l-informazzjoni lill-awtoritajiet tal-PKK tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd; u

(g) jirreġistraw ir-riżultati ta' dawn il-kompiti fuq il-bastiment tas-sajd fir-rapport tal-osservatur.

5.2 Josservaw l-attivitajiet tal-bastiment tal-ġarr u:

(a) jirreġistraw l-attivitajiet ta' trażbordar li jitwettqu, u jagħmlu r-rapporti dwarhom;

(b) jivverifikaw il-pożizzjoni tal-bastiment waqt li dan ikun qed iwettaq l-attività tat-trażbordar;

(c) josservaw u jistmaw il-kwantitajiet ta' tonn u ta' speċijiet li jixbħu lit-tonn li jiġu ttrażbordati, skont l-ispeċi, jekk din tkun magħrufa, u, jekk ikun possibbli, skont l-istokk;

(d) josservaw u jistmaw il-kwantitajiet ta' speċijiet oħrajn li jkunu nqabdu mal-ispeċijiet tat-tonn u dawk li jixbhu lit-tonn, skont l-ispeċi, jekk din tkun magħrufa;

(e) jivverifikaw u jirreġistraw l-isem tal-LSPLV ikkonċernat u n-numru tiegħu fir-reġistru tal-ICCAT;

(f) jivverifikaw id-*data* fid-dikjarazzjoni tat-trażbord, inkluż permezz ta' qbil mal-ġurnal ta' abbord tal-LSPVL, jekk ikun possibbli;

(g) jiċċertifikaw id-*data* li tkun imniżżla fid-dikjarazzjoni tat-trażbord;

(h) jikkontrofirmaw id-dikjarazzjoni tat-trażbord; u

(i) josservaw u jistmaw il-kwantitajiet tal-prodotti skont l-ispeċi meta dawn jiġu żbarkati fil-port fejn ikun żbarka l-osservatur biex jivverifika l-konsistenza mal-kwantitajiet li jkun irċieva l-bastiment tal-ġarr waqt it-trażbordar fuq il-baħar.

5.3 Barra minn hekk, l-osservatur għandu:

(a) kuljum joħroġ rapport tal-attivitajiet ta' trażbordar tal-bastiment tal-ġarr;

(b) jikteb rapporti ġenerali fejn jikkompila l-informazzjoni li tkun inġabret skont il-kompiti tal-osservatur u joffri l-opportunità lill-kaptan biex idaħħal fihom kwalunkwe informazzjoni rilevanti;

(c) jippreżenta dawn ir-rapport ġenerali msemmija fil-punt (b) lis-Segretarjat tal-ICCAT fi żmien 20 jum mit-tmiem tal-perijodu tal-osservazzjoni;

(d) jeżerċita kwalunkwe funzjoni oħra ddefinita mill-ICCAT.

6. L-osservaturi għandhom jittrattaw l-informazzjoni kollha dwar l-operazzjonijiet tas-sajd tal-LSPLV u tal-proprjetarji tal-LSPLV bħala kunfidenzjali u jaċċettaw dan ir-rekwiżit bil-miktub bħala kundizzjoni tal-ħatra tagħhom bħala osservaturi.

7. L-osservaturi għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fil-liġijiet u fir-regolamenti tal-Istat Membru tal-bandiera, u fejn ikun rilevanti, tal-Istat tal-kosta, li jkollu l-ġuriżdizzjoni fuq il-bastiment li jkun assenjat għalih l-osservatur.

8. L-osservaturi għandhom jirrispettaw il-ġerarkija u r-regoli ġenerali tal-imġiba li japplikaw għall-membri tal-ekwipaġġ kollu, buil-kundizzjoni li dawn ir-regoli ma jostakolawx il-kompiti tal-osservatur f'dan il-programm u l-obbligi tal-persunal tal-bastiment stabbiliti fil-punt 9.

Responsabbiltajiet tal-Istati tal-bandiera tal-bastimenti tal-ġarr

9. Il-kundizzjonijiet assoċjati mal-implimentazzjoni tal-programm ta' osservazzjoni reġjonali fir-rigward tal-Istati Membri tal-bastimenti tal-ġarr u l-kaptani tagħhom jinkludu, b'mod partikolari, dawn li ġejjin:

(a) L-osservaturi għandhom jingħataw aċċess għall-ekwipaġġ, għad-dokumentazzjoni pertinenti, u għall-irkaptu u t-tagħmir.

(b) Jekk jitolbu dan, l-osservaturi għandhom jingħataw aċċess ukoll għat-tagħmir elenkat hawn taħt, jekk dan ikun fuq il-bastimenti li jkunu assenjati għalihom, biex jiġi ffaċilitat it-twettiq tal-kompiti tagħhom stabbiliti fil-punt 5:

(i) tagħmir ta' navigazzjoni bis-satellita;

(ii) l-iskrins li juru r-radars meta dawn ikunu qed jintużaw;

(iii) il-mezzi ta' komunikazzjoni elettronika; u

(iv) il-miżien li jintuża biex jintiżen il-prodott trażbordat.

(c) L-osservaturi għandhom jiġu pprovduti bl-akkomodazzjoni, inkluż fejn joqgħodu, ikel u faċilitajiet sanitarji xierqa, daqs dawk tal-uffiċjali.

(d) L-osservaturi għandhom jingħataw post komdu fuq il-briġġ jew fil-kamra tat-tmunier biex jagħmlu x-xogħol klerikali, u spazju adegwat fuq il-gverta fejn ikunu jistgħu jwettqu xogħolhom ta' osservaturi.

(e) L-osservaturi għandhom jingħataw l-opportunità li jiddeċiedu huma liema huma l-aħjar post u l-aħjar metodu biex isegwu l-operazzjonijiet tat-trażbordar u biex jistmaw l-ispeċijiet/l-istokkijiet u l-kwantitajiet ittrażbordati. F'dan ir-rigward, il-kaptan tal-bastiment tal-ġarr, filwaqt li joqgħod attent għal kwistjonijiet ta' sikurezza u għal kwistjonijiet prattiċi, għandu jissodisfa l-ħtiġijiet tal-osservaturi, u dan jinkludi li jekk l-osservatur jitlob hekk, ipoġġi l-prodott temporanjament fuq il-gverta tal-bastiment tal-ġarr biex l-osservaturi jkunu jistgħu jeżaminawh, u jagħti biżżejjed ħin lill-osservaturi biex iwettqu l-kompiti tagħhom. L-osservazzjonijiet għandhom jitwettqu b'mod li jnaqqas kemm jista' jkun l-interferenza u jevita kompromess fuq il-kwalità tal-prodotti ttrażbordati.

(f) Fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-punt 10, il-kaptan tal-bastiment tal-ġarr għandu jiżgura li l-osservatur jingħata l-għajnuna kollha li jkollu bżonn biex ikollu trasport sikur bejn il-bastimenti tal-ġarr u tas-sajd sakemm jippermettu l-kundizzjonijiet tat-temp u kundizzjonijiet oħra. u

(g) L-Istati Membri tal-bandiera għandhom jiżguraw li l-kaptani, l-ekwipaġġ u l-proprjetarji tal-bastimenti ma jostakolawx, ma jintimidawx, ma jindaħlux, ma jinfluwenzawx u ma jxaħħmux jew lanqas jippruvaw ixaħħmu lill-osservaturi waqt it-twettiq ta' xogħlhom.

Responsabbiltajiet tal-LSPLV waqt it-trażbordi

10. L-osservaturi għandhom jitħallew iżuru l-bastiment tas-sajd, jekk jippermettu l-kundizzjonijiet tat-temp u kundizzjonijiet oħrajn, u għandhom jingħataw aċċess għall-persunal, għad-dokumentazzjoni pertinenti kollha, u għażżoni kollha fuq il-bastiment, li jkunu meħtieġa biex iwettqu l-kompiti tagħhom stabbiliti fil-punt 5. Il-kaptan tal-bastiment tas-sajd għandu jiżgura li l-osservatur jingħata l-għajnuna kollha li jkollu bżonn biex ikollu trasport sikur bejn il-bastimenti tal-ġarr u tas-sajd. Jekk ikun hemm kundizzjonijiet li jikkawżaw riskju inaċċettabbli għas-sikurezza tal-osservatur li jipprevjenu li żjara fuq l-LSPLV tkun tista' ssir qabel ma jinbdew l-operazzjonijiet tat-trażbordar, dawn l-operazzjonijiet xorta waħda jistgħu jsiru.

Miżati tal-osservaturi

11. L-ispejjeż għall-implimentazzjoni ta' dan il-programm għandhom jitħallsu mill-PKK tal-bandiera tal-LSPLV li jkunu jridu jwettqu operazzjonijiet ta' trażbordar. Il-miżata għandha tiġi kkalkulata abbażi tal-ispejjeż totali tal-programm. Dik il-miżata għandha titħallas f'kont speċjali tas-Segretarjat tal-ICCAT u dan tal-aħħar għandu jamministra l-kont għall-implimentazzjoni tal-programm.

12. Kif meħtieġ skont il-punt 11, sakemm ma jkunux tħallsu l-miżati fir-rigward tiegħu, l-ebda LSPLV ma jista' jieħu sehem fil-programm tat-trażbord fuq il-baħar.

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA (UE) 2017/2108 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

### tal-15 ta' Novembru 2017

### li temenda d-Direttiva 2009/45/KE dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) Biex jinżamm livell għoli ta' sikurezza, u b'hekk il-fiduċja tal-passiġġieri, previsti mill-istandards komuni tas-sikurezza ddefiniti mid-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) u biex jiġu ppreservati kondizzjonijiet ekwi, jenħtieġ titjieb l-applikazzjoni ta' dik id-Direttiva. Jenħtieġ li d-Direttiva 2009/45/KE tapplika biss għall-vapuri tal-passiġġieri u l-inġenji tal-baħar li għalihom tfasslu l-istandards ta' sigurtà ta' dik id-Direttiva. Għalhekk jenħtieġ li għadd ta' tipi speċifiċi ta' vapuri jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva, u b'mod partikolari tenders, vapuri bil-qlugħ u vapuri li jittrasportaw, pereżempju lejn istallazzjonijiet offshore, il-persunal li ma huwiex involut fin-negozju tal-vapur.

(2) It-tenders li jinġarru fuq vapur jintużaw għat-trasferiment ta' passiġġieri minn vapuri tal-passiġġieri direttament lejn ix-xatt u lura, filwaqt li tittieħed l-iqsar rotta sikura tal-baħar. Dawn mhumiex adegwati, u jenħtieġ li ma jintużawx, għal tipi oħra ta' servizzi bħal eskursjonijiet għal veduti kostali. Tali eskursjonijiet jenħtieġ li jitwettqu minn vapuri li jissodisfaw ir-rekwiżiti għal vapuri tal-passiġġieri tal-Istat kostali, kif iddikjarat inter alia fil-linji gwida tal-OMI (MSC.1/Circ. 1417 dwar il-Linji Gwida għat-tenders tal-vapuri tal-passiġġieri). Jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jippromwovu diskussjoni fi ħdan l-OMI, bl-għan li jiġu rieżaminati l-linji gwida sabiex tiżdied is-sikurezza. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-ħtieġa li l-linji gwida jsiru obbligatorji.

(3) Id-Direttiva 2009/45/KE teskludi l-vapuri tal-passiġġieri li ma jitħaddmux b'mezzi mekkaniċi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Jenħtieġ li l-vapuri bil-qlugħ ma jiġux iċċertifikati f'konformità ma' dik id-Direttiva meta l-propulsjoni mekkanika tagħhom tkun maħsuba għall-użu awżiljarju u ta' emerġenza biss. Jenħtieġ, għalhekk, li l-Kummissjoni tivvaluta l-ħtieġa ta' rekwiżiti komuni Ewropej għal din il-kategorija ta' vapuri tal-passiġġieri sal-2020.

(4) L-installazzjonijiet offshore huma moqdija minn bastimenti li jittrasportaw lill-persunal industrijali. Dan il-persunal industrijali huwa meħtieġ itemm b'suċċess kors ta' taħriġ obbligatorju dwar is-sikurezza u jissodisfa ċerti kriterji obbligatorji fir-rigward tas-saħħa medika. Jenħtieġ, għalhekk, li dan il-persunal jiġi kopert minn regoli differenti u speċifiċi dwar is-sikurezza li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jappoġġjaw b'mod attiv il-ħidma tal-OMI li għaddejja fil-qasam tal-istandards ta' sikurezza għall-bastimenti fuq il-baħar flimkien mar-riżoluzzjoni MSC.418(97) tal-OMI.

---

([1]) ĠU C 34, 2.2.2017, p. 167.

([2]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Ottubru 2017 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2017.

([3]) Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri (ĠU L 163, 25.6.2009, p. 1).

(5) Il-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT) wera li mhux l-Istati Membri kollha jiċċertifikaw il-vapuri tal-aluminju skont id-Direttiva 2009/45/KE. Dan joħloq sitwazzjoni mhux ugwali li timmina l-għan tal-kisba ta' livell ta' sikurezza għoli, komuni għall-passiġġieri li jbaħħru b'mod domestiku fl-Unjoni. Biex tiġi evitata l-applikazzjoni mhux uniformi li tirriżulta minn interpretazzjonijiet differenti tad-definizzjoni ta' aluminju bħala materjal ekwivalenti u l-applikabbiltà tal-istandards korrispondenti għas-sikurezza kontra n-nirien, li jwassal għal interpretazzjonijiet differenti tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, jenħtieġ li tiġi ċċarata d-definizzjoni ta' "materjal ekwivalenti" fid-Direttiva 2009/45/KE. Jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jagħżlu miżuri aktar stretti għall-prevenzjoni tan-nirien f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar rekwiżiti ta' sigurtà addizzjonali.

(6) Numru sinifikanti ta' vapuri tal-passiġġieri mibnijin b'liga tal-aluminju jipprovdu konnessjonijiet marittimi regolari u frekwenti bejn portijiet differenti fi ħdan Stat Membru. Minħabba l-fatt li konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva jkollha konsegwenzi serji għal tali operazzjonijiet ta' trasport u l-kondizzjonijiet soċjoekonomiċi relatati kif ukoll implikazzjonijiet finanzjarji u tekniċi għal vapuri eżistenti u ġodda, jenħtieġ li dawk l-Istati Membri jkollhom il-possibilità li japplikaw, għal perijodu limitat ta' żmien, il-liġi nazzjonali għal tali vapuri tal-passiġġieri, filwaqt li jiġi żgurat li jinżamm b'mod adegwat il-livell ta' sigurtà.

(7) Bil-ħsieb li jiżdiedu ċ-ċarezza u l-konsistenza legali, u b'hekk jiżdied il-livell ta' sikurezza, jenħtieġ li għadd ta' definizzjonijiet u referenzi jiġu aġġornati u allinjati aktar mar-regoli internazzjonali jew tal-Unjoni relatati. Biex dan iseħħ, jenħtieġ tingħata attenzjoni speċjali biex ma jinbidilx il-kamp ta' applikazzjoni eżistenti tad-Direttiva 2009/45/KE. B'mod partikolari, jenħtieġ li d-definizzjoni ta' vapur tradizzjonali tiġi allinjata aħjar mad-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), filwaqt li jiġu ppreservati l-kriterji attwali tas-sena tal-bini u t-tip ta' materjal. Jenħtieġ li d-definizzjoni ta' jott u inġenju tal-baħar għal skopijiet ta' divertiment tiġi allinjata aħjar mal-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar tal-1974 (il-Konvenzjoni SOLAS tal-1974).

(8) Fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalità, ir-rekwiżiti preskrittivi attwali li joħorġu mill-Konvenzjoni SOLAS tal-1974 wrew li huma diffiċli biex jiġu adattati għal vapuri tal-passiġġieri żgħar ta' taħt l-24 metru fit-tul. Barra minn hekk, vapuri żgħar huma primarjament mibnija b'materjali oħra għajr l-azzar. Għalhekk, numru limitat ħafna biss minn dawn il-vapuri ġie għalhekk iċċertifikat skont id-Direttiva 2009/45/KE. Fin-nuqqas ta' tħassib speċifiku dwar is-sigurtà u standards adegwati previsti mid-Direttiva 2009/45/KE, il-vapuri ta' taħt l-24 metru fit-tul jenħtieġ għalhekk jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva u jenħtieġ li jkunu soġġetti għal standards speċifiċi ta' sigurtà determinati mill-Istati Membri, li jkunu f'pożizzjoni aħjar biex jivvalutaw il-limitazzjonijiet lokali dwar in-navigazzjoni għal dawk il-vapuri f'termini ta' distanza sal-kosta jew il-port u l-kondizzjonijiet tat-temp. Fid-determinazzjoni ta' dawk l-istandards, jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu kont tal-linji gwida li ser jiġu ppubblikati mill-Kummissjoni. Jenħtieġ li dawk il-linji gwida jqisu kwalunkwe ftehim u konvenzjoni internazzjonali mill-OMI, kif xieraq, u jevitaw li jdaħħlu rekwiżiti addizzjonali li jmorru lil hinn mir-regoli internazzjonali eżistenti. Il-Kummissjoni hija mistiedna tadotta tali linji gwida kemm jista' jkun malajr.

(9) Biex jiġu ssimplifikati aktar id-definizzjonijiet taż-żoni tal-baħar previsti mid-Direttiva 2009/45/KE u biex jiġi mminimizzat il-piż fuq l-Istati Membri, jenħtieġ li kriterji bla użu jew inadegwati jitneħħew. Filwaqt li jinżamm il-livell ta' sikurezza, jenħtieġ li d-definizzjoni ta' żoni tal-baħar li fiha jistgħu joperaw vapuri tal-Klassi C u D tiġi ssimplifikata billi jitneħħa l-kriterju ta' "fejn in-nawfragi jkunu jistgħu jilħqu l-art" u billi titneħħa d-"distanza sal-lok ta' rifuġju" għall-finijiet tad-definizzjoni taż-żoni tal-baħar. L-adegwatezza ta' kosta partikolari bħala lok ta' rifuġju hija parametru dinamiku li jista' jiġi vvalutat biss fuq bażi ta' każ b'każ mill-Istati Membri. Fejn meħtieġ, jenħtieġ li kwalunkwe restrizzjoni operazzjonali għal vapur partikolari relatata mad-distanza tiegħu minn lok ta' rifuġju titniżżel fiċ-Ċertifikat tas-Sigurtà ta' Vapur tal-Passiġġieri.

(10) Minħabba l-karatteristiċi ġeografiċi u klimatiċi speċifiċi u l-għadd kbir ta' gżejjer li jenħtieġ li jiġu moqdija b'mod regolari u ta' spiss fil-Greċja, kemm mal-kontinent jew bejniethom, u minħabba l-għadd kbir ta' konnessjonijiet marittimi possibbli li jirriżultaw, jenħtieġ li l-Greċja titħalla tidderoga mir-rekwiżit li tistabbilixxi żoni tal-baħar. Minflok, jenħtieġ li l-Greċja titħalla tikklassifika vapuri tal-passiġġieri skont ir-rotta tal-baħar speċifika li fiha joperaw, filwaqt li żżomm l-istess kriterji għal klassijiet ta' vapuri tal-passiġġieri u l-istess standards ta' sigurtà

(11) Biex jiġu evitati l-konsegwenzi negattivi mhux intenzjonati tad-dispożizzjonijiet attwali, li skonthom vapuri tal-merkanzija konvertiti jistgħu ma jitqisux bħala vapuri ġodda tal-passiġġieri, jenħtieġ ikun ikkjarifikat li r-rekwiżiti tal-konverżjoni japplikaw mhux biss għal vapuri tal-passiġġieri eżistenti iżda għal kwalunkwe vapur.

([1]) Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/75/KEE (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 10).

(12) Peress li, f'konformità mad-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), Stat tal-port jista' jispezzjona vapur tal-passiġġieri jew inġenji tal-baħar ta' veloċità għolja għall-passiġieri li jtajru bandiera li mhix il-bandiera tal-Istat tal-port, meta joperaw fuq vjaġġi domestiċi, id-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2009/45/KE ma jkunux aktar meħtieġa u jenħtieġ jitħassru.

(13) Minħabba d-differenzi fl-approċċ bejn ir-rekwiżiti tal-Konvenzjoni SOLAS tal-1974 dwar l-istabbiltà tad-dannu u r-rekwiżiti speċifiċi tal-Unjoni tal-istabbiltà tal-ħsara għall-vapuri tal-passiġġieri ro-ro mniżżla fid-Direttiva 2003/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), jenħtieġ li l-ħtieġa tad-Direttiva 2003/25/KE u l-valur miżjud tagħha jiġu vvalutati abbażi ta' jekk dawk ir-rekwiżiti tal-Konvenzjoni SOLAS tal-1974 jiżgurawx l-istess livell ta' sikurezza.

(14) Biex tiżdied it-trasparenza u tiġi ffaċilitata n-notifika ta' eżenzjonijiet, ekwivalenzi u miżuri addizzjonali ta' sikurezza mill-Istati Membri, jenħtieġ li l-bażi ta' data jiġi stabbilit u miżmum mill-Kummissjoni. Jenħtieġ li jinkludi l-miżuri notifikati fil-forma ta' abbozz u adottata tagħhom. Jenħtieġ li l-miżuri adottati jsiru aċċessibbli pubblikament.

(15) Fid-dawl tat-tibdil li ġab miegħu t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), jenħtieġ li s-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni biex timplimenta d-Direttiva 2009/45/KE jiġu aġġornati skont dan. Jenħtieġ li l-atti implimentattivi jiġu adottati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(16) Sabiex jitqiesu l-iżviluppi fil-livell internazzjonali u l-esperjenza u biex tiżdied it-trasparenza, jenħtieġ li s-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-TFUE tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-fatt li ma jiġux applikati, għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, emendi għall-istrumenti internazzjonali, jekk meħtieġ, u tal-aġġornament tar-rekwiżiti tekniċi. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell espert, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, biex tkun żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess waqt bħall-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess b'mod sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

(17) Peress li r-referenzi speċifiċi fl-Artikolu 14 għall-ħidma li għaddejja fl-OMI saru obsoleti, jenħtieġ li dak l-Artikolu jitħassar. Madankollu, l-objettivi ġenerali tal-azzjoni internazzjonali biex tittejjeb is-sikurezza tal-vapuri tal-passiġġieri u biex jiġu stabbiliti kondizzjonijiet ekwi għadhom rilevanti u jenħtieġ li jiġu segwiti, f'konformità mat-Trattati. Għal dak il-għan, l-Istati Membri u l-Kummissjoni jenħtieġ li jaħdmu fi ħdan il-qafas tal-OMI biex jirrieżaminaw u biex jtejbu r-regolamenti tal-Konvenzjoni SOLAS tal-1974.

(18) Huwa importanti li kwalunkwe piena stabbilita mill-Istati Membri tiġi implimentata kif suppost u tkun effettiva, proporzjonata u dissważiva.

(19) Fid-dawl taċ-ċiklu sħiħ ta' monitoraġġ taż-żjarat tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA), jenħtieġ li l-Kummissjoni tevalwa l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/45/KE sal-21 ta' Diċembru 2026 u tippreżenta rapport dwarha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Jenħtieġ li l-Istati Membri jikkooperaw mal-Kummissjoni biex jiġbru l-informazzjoni kollha li hija meħtieġa għal dik l-evalwazzjoni.

(20) Sabiex ma jiġix impost piż amministrattiv sproporzjonat fuq Stati Membri mingħajr kosta li ma jkollhomx portijiet marittimi u li ma jkollhom l-ebda vapur itajjar il-bandiera tagħhom li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, dawn l-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew jidderogaw mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva. Dan ifisser li sakemm dawk il-kundizzjonijiet ikunu sodisfatti, mhumiex obbligati jittrasponu din id-Direttiva.

(21) L-element uman huwa parti fundamentali mis-sikurezza tal-vapuri u l-proċeduri relatati magħha. Sabiex jinżamm livell għoli ta' sikurezza, huwa neċessarju li titqies ir-rabta bejn is-sikurezza, l-għajxien abbord il-vapuri, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u t-taħriġ, inkluż taħriġ b'rabta mal-operazzjonijiet ta' salvataġġ u ta' emerġenza transkonfinali f'konformità mar-rekwiżiti internazzjonali. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għalhekk jenħtieġ li jaqdu rwol proattiv f'livell internazzjonali sabiex isir monitoraġġ tad-dimensjoni soċjali għall-baħħara abbord bastimenti u sabiex din tittejjeb.

---

([1]) Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 57).

([2]) Direttiva 2003/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' April 2003 dwar il-ħtiġiet ta' stabbiltà speċifiċi għall-vapuri tal-passiġġieri ro-ro (ĠU L 123, 17.5.2003, p. 22).

([3]) Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(22) Sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess ta' implimentazzjoni, jenħtieġ li l-EMSA tappoġġa lill-Kummissjoni u l-Istati Membri f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(23) Jenħtieġ għalhekk li d-Direttiva 2009/45/KE tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Emendi għad-Direttiva 2009/45/KE**

Id-Direttiva 2009/45/KE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) "Konvenzjonijiet Internazzjonali" tfisser il-konvenzjonijiet li ġejjin, inklużi l-Protokolli u l-emendi għalihom, fil-verżjonijiet aġġornati tagħhom:

(i) il-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar tal-1974 (il-Konvenzjoni SOLAS tal-1974); u

(ii) il-Konvenzjoni Internazzjonali tal-1966 dwar il-Linji ta' Tagħbija;";

(b) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) "Kodiċi ta' Stabilità Intatta" tfisser il-"Kodiċi dwar Stabilità Intatta għat-tipi kollha ta' vapuri koperti bl-Istrumenti IMO" kontenuta fir-Riżoluzzjoni tal-Assemblea OMI A.749(18) tal-4 ta' Novembru 1993, jew il-"Kodiċi Internazzjonali dwar Stabilità Intatta, 2008" kontenuta fir-Riżoluzzjoni tal-OMI MSC.267(85) tal-4 ta' Diċembru 2008, fil-verżjonijiet aġġornati tagħhom;";

(c) il-punt (g)(ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(ii) il-veloċità massima tagħhom, kif iddefinita fir-Regolament 1.4.30 tal-1994 tal-Kodiċi ta' Inġenji tal-Baħar ta' Veloċità Għolja u r-Regolament 1.4.38 tal-Kodiċi ta' Inġenji tal-Baħar ta' Veloċità Għolja tal-2000, hija inqas minn 20 knot;";

(d) il-punt (m) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(m) "l-għoli tal-pruwa" tfisser l-għoli tal-pruwa kif definit fir-Regolament 39 tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar Linji tat-Tagħbija tal-1966;";

(e) fil-punt (q), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(q) "żona tal-baħar" tfisser kwalunkwe żona tal-baħar jew rotta tal-baħar stabbilita skont l-Artikolu 4;";

(f) il-punt (r) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(r) "żona ta' port" tfisser żona apparti minn żona tal-baħar stabbilita skont l-Artikolu 4, definita mill-Istati Membri li għandhom ġurisdizzjoni fuqha, li testendi mix-xogħlijiet l-aktar 'il barra ta' port permanenti li jifforma parti integrali mis-sistema tal-port, jew tal-linji definiti mill-karatteristiċi naturali ġeografiċi li jipproteġu estwarju jew żona similarment protetta;";

(g) il-punt (s) jitħassar;

(h) il-punt (u) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(u) "Stat tal-port" tfisser Stat Membru li vapur jew inġenju tal-baħar, li jtajjar bandiera li ma tkunx il-bandiera ta' dak l-Istat Membru, iwettaq vjaġġi domestiċi lejn jew mill-port jew portijiet tiegħu;";

(i) il-punt (v) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(v) "organizzazzjoni rikonoxxuta" ifisser organizzazzjoni rikonoxxuta skont ir-Regolament (KE) Nru 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*);

(*) Regolament (KE) Nru 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 11).";

([1]) Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1).

(j) il-punt (y) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(y) "persuni b'mobbiltà mnaqqsa" tfisser persuni li jkollhom diffikultà partikolari meta jużaw it-trasport pubbliku, inklużi l-persuni anzjani, il-persuni b'diżabilità, il-persuni b'debbolezzi sensorji u l-utenti tas-siġġijiet tar-roti, in-nisa tqal u l-persuni li jakkumpanjaw tfal żgħar;"

(k) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(z) "vapur bil-qlugħ" tfisser vapur imħaddem bil-qlugħ anke jekk mgħammar bi propulsjoni mekkanika għal skopijiet awżiljari u ta' emerġenza;

(za) "materjal ekwivalenti" tfisser liga tal-aluminju jew kwalunkwe materjal ieħor li ma jaqbadx li, minnu nnifsu jew minħabba l-insulazzjoni pprovduta, iżomm karatteristiċi strutturali u ta' integrità ekwivalenti għall-azzar fl-aħħar tal-esponiment applikabbli għat-test standard tan-nar;

(zb) "test standard tan-nar" tfisser test li fih il-kampjuni tal-paratiji jew tal-gverti rilevanti jiġu esposti f'forn tat-test għal temperaturi li jikkorrispondu bejn wieħed u ieħor għall-kurva standard tal-ħin mat-temperatura skont il-metodu tat-test speċifikat fil-Kodiċi Internazzjonali tal-2010 tal-Proċeduri għall-Applikazzjoni tat-Test tan-Nar, li jinsab fir-Riżoluzzjoni tal-OMI MSC.307(88) tat-3 ta' Diċembru 2010, fil-verżjoni aġġornata tagħha;

(zc) "vapur tradizzjonali" tfisser kull xorta ta' vapur tal-passiġġieri storiku ddisinjat qabel l-1965 u kopji tiegħu mibnija b'mod predominanti bil-materjali oriġinali, inkluż dawk iddisinjati biex jinkoraġġixxu u jippromwovu s-snajja' u l-kompetenzi tradizzjonali tal-baħar, li flimkien iservu bħala monumenti kulturali ħajja, li jitħaddmu skont il-prinċipji tradizzjonali tat-tbaħħir u tat-teknika;

(zd) "jott għal skopijiet ta' divertiment jew inġenju tal-baħar għal skopijiet ta' divertiment" tfisser bastiment mhux involut fil-kummerċ, irrispettivament mill-mezz tal-propulsjoni;

(ze) "tender" tfisser dgħajsa li tinġarr fuq vapur użata għat-trasferiment ta' aktar minn 12-il passiġġier minn vapur tal-passiġġieri wieqaf lejn ix-xatt u lura;

(zf) "vapur ta' servizz fuq il-baħar" tfisser vapur użat biex jittrasporta u jakkomoda persunal tal-industrija li ma jagħmilx ħidma abbord li hija essenzjali għan-negozju tal-vapur;

(zg) "inġenju tal-baħar ta' servizz fuq il-baħar" tfisser inġenju tal-baħar użat biex jittrasporta u jakkomoda persunal tal-industrija li ma jagħmilx ħidma abbord li hija essenzjali għan-negozju tal-inġenju tal-baħar;

(zh) "tiswijiet, alterazzjonijiet u modifiki ta' karattru estensiv" tfisser kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

— kull tibdil li jbiddel sostanzjalment id-dimensjonijiet ta' vapur, bħal li jtawlu billi jżidu parti minn nofs ġdida,

— kull tibdil li jbiddel sostanzjalment il-kapaċità ta' vapur li jġorr il-passiġġieri, bħal li jikkonverti gverta tal-karrozzi f'akkomodazzjoni għall-passiġġieri,

— kull tibdil li jżid b'mod sinifikattiv il-ħajja tal-bastiment fis-servizz, bħal li jġedded l-akkomodazzjoni tal-passiġġieri fuq gverta waħda sħiħa,

— kull konverżjoni ta' kwalunkwe tip ta' vapur f'vapur tal-passiġġieri.";

(2) l-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Din id-Direttiva tapplika għal vapuri tal-passiġġieri u inġenji tal-baħar, li ġejjin hawn taħt, tkun xi tkun il-bandiera tagħhom, meta jitħaddmu fuq vjaġġi domestiċi:

(a) vapuri ġodda u eżistenti tal-passiġġieri ta' tul ta' 24 metru jew aktar;

(b) inġenji tal-baħar ta' veloċità għolja għall-passiġġieri.

Kull Stat Membru, fil-kapaċità tiegħu bħala Stat tal-port, għandu jassigura li l-vapuri tal-passiġġieri u inġenji tal-baħar ta' veloċità għolja għall-passiġġieri, li jtajru l-bandiera ta' Stat li ma jkunx Stat Membru, jkunu konformi bis-sħiħ mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva, qabel ma jkunu jistgħu jitħaddmu fuq vjaġġi domestiċi f'dak l-Istat Membru.

2. Din id-Direttiva ma tapplikax għal:

(a) vapuri tal-passiġġieri li huma:

(i) vapuri tal-gwerra u vapuri tat-truppi;

(ii) vapur bil-qlugħ;

(iii) vapuri li ma jitħaddmux b'mezzi mekkaniċi;

(iv) vapuri li nbnew b'materjal ieħor li mhux azzar jew l-ekwivalenti u li mhumiex koperti bl-istandards li jikkonċernaw Inġenji tal-Baħar ta' Veloċità Għolja (Riżoluzzjoni MSC 36(63) jew MSC.97 (73)) jew Inġenji tal-Baħar Sostnuti b'mod Dinamiku (Riżoluzzjoni A.373 (X));

(v) vapuri tal-injam ta' binja primittiva;

(vi) vapuri tradizzjonali;

(vii) jottijiet għal skopijiet ta' divertiment;

(viii) vapuri mħaddma esklużivament f'żoni tal-port;

(ix) vapuri ta' servizz fuq il-baħar; jew

(x) tenders;

(b) inġenji tal-baħar ta' veloċità għolja għall-passiġġieri li huma:

(i) inġenji tal-baħar tal-gwerra jew inġenji tal-baħar tat-truppi;

(ii) inġenji tal-baħar għal skopijiet ta' divertiment;

(iii) inġenji tal-baħar imħaddma esklużivament f'żoni tal-port; jew

(iv) inġenji tal-baħar ta' servizz fuq il-baħar.

3. L-Istati Membri li ma għandhomx portijiet marittimi u li ma għandhomx vapuri tal-passiġġieri jew inġenji tal-baħar li jtajru l-bandiera tagħhom li jaqgħu fil-kamp ta;' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jistgħu jidderogaw mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva bl-eċċezzjoni tal-obbligu stabbilit fit-tieni subparagrafu.

Dawk l-Istati Membri li jkun beħsiebhom li jagħmlu użu minn din id-deroga għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-21 ta' Diċembru 2019 jekk il-kundizzjonijiet ikunu ssodisfati u għandhom jinformaw lill-Kummissjoni annwalment minn hemm' il quddiem bi kwalunkwe bidla sussegwenti. Dawn l-Istati Membri ma jistgħux jippermettu li vapuri tal-passiġġieri jew inġenji tal-baħar li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jtajru l-bandiera tagħhom qabel ma jkunu ttrasponew u implimentaw din id-Direttiva.";

(3) l-Artikolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

**Kategorizzazzjoni taż-żoni tal-baħar u klassijiet ta' vapuri tal-passiġġieri**

1. Iż-żoni tal-baħar jinqasmu fil-kategoriji li ġejjin:

| | |
|---|---|
| "Żona A" | tfisser żona tal-baħar barra miż-żoni B, C u D. |
| "Żona B" | tfisser żona tal-baħar, li l-koordinati ġeografiċi tagħha fl-ebda punt ma huma aktar minn 20 mil mil-linja tal-kosta, li tikkorrispondi għall-għoli medju tal-marea, iżda li hija barra miż-żoni C u D. |
| "Żona Ċ" | tfisser żona tal-baħar, li l-koordinati ġeografiċi tagħha fi kwalunkwe punt mhumiex aktar minn 5 mili mil-linja tal-kosta, li tikkorrispondi għall-għoli medju tal-marea, iżda barra miż-żona tal-baħar D jekk ikun hemm.<br>Barra minn hekk, il-probabbiltà tal-għoli sinifikanti tal-mewġ li jaqbeż iż-2,5 metri għandha tkun inqas minn 10 % għal perijodu ta' sena għall-ħidma matul is-sena kollha, jew għal perijodu speċifiku għall-ħidma staġjonali, bħall-ħidma tal-perijodu sajfi. |
| "Żona D" | tfisser żona tal-baħar, li l-koordinati ġeografiċi tagħha fi kwalunkwe punt mhumiex aktar minn 3 mili mil-linja tal-kosta, li tikkorrispondi għall-għoli medju tal-marea.<br>Barra minn hekk, il-probabbiltà tal-għoli sinifikanti tal-mewġ li jaqbeż il-1,5 metru għandha tkun inqas minn 10 % għal perijodu ta' sena għall-ħidma matul is-sena kollha, jew għal perijodu speċifiku għall-ħidma staġjonali, bħall-ħidma tal-perijodu sajfi. |

2. Kull Stat Membru għandu:

(a) jistabbilixxi, u jaġġorna meta meħtieġ, lista taż-żoni tal-baħar fi ħdan il-ġurisdizzjoni tiegħu;

(b) jiddetermina l-konfini interni taż-żona tal-baħar li huma l-eqreb tal-kosta tiegħu;

(c) jippubblika l-lista f'bażi ta' data pubblika disponibbli fuq is-sit tal-Internet tal-awtorità marittima kompetenti;

(d) jinnotifika lill-Kummissjoni bil-lokazzjoni ta' din l-informazzjoni, u meta jsiru l-modifiki għal-lista.

3. B'deroga mill-obbligu li tistabbilixxi lista ta' żoni tal-baħar, il-Greċja tista' tistabbilixxi, u meta meħtieġ għandha taġġorna, lista ta' rotot tal-baħar li tkopri r-rotot tal-baħar fil-Greċja, billi tuża l-kriterji korrispondenti għall-kategoriji stabbiliti fil-paragrafu 1.

4. Il-vapuri tal-passiġġieri jitqassmu fil-klassijiet li ġejjin abbażi taż-żona tal-baħar li joperaw fiha:

| | |
|---|---|
| "Klassi A" | tfisser vapur tal-passiġġieri ingaġġat fuq vjaġġi domestiċi fiż-Żoni A, B, C u D. |
| "Klassi B" | tfisser vapur tal-passiġġieri ingaġġat fuq vjaġġi domestiċi fiż-Żoni B, C u D. |
| "Klassi C" | tfisser vapur tal-passiġġieri ingaġġat fuq vjaġġi domestiċi fiż-Żoni C u D. |
| "Klassi D" | tfisser vapur tal-passiġġieri ingaġġat fuq vjaġġi domestiċi fiż-Żona D. |

5. Għall-inġenji tal-baħar ta' veloċità għolja għall-passiġġieri, għandhom japplikaw il-kategoriji definiti fil-Kapitolu 1 (1.4.10) u (1.4.11) tal-Kodiċi għall-Inġenji tal-Baħar ta' Veloċità Għolja tal-1994, jew il-Kapitolu 1 (1.4.12) u (1.4.13) tal-Kodiċi tal-Inġenji tal-Baħar ta' Veloċità Għolja tal-2000.";

(4) l-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Kull Stat Membru, waqt li jaġixxi fil-kapaċità tiegħu ta' Stat port, għandu jagħraf iċ-Ċertifikat ta' Sigurtà ta' Inġenji tal-Baħar ta' Veloċità Għolja u l-Permess għall-Operat maħruġ minn Stat Membru ieħor għall-inġenji tal-baħar ta' veloċità għolja għall-passiġġieri, meta operati fuq vjaġġi domestiċi, jew iċ-Ċertifikat tas-Sigurtà ta' Vapur tal-Passiġġieri li għalih jirriferi l-Artikolu 13 maħruġ minn Stat Membru ieħor għall-vapuri tal-passiġġieri meta operati fuq vjaġġi domestiċi.";

(b) il-paragrafu 3 jitħassar;

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-apparat marittimu li jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti skont id-Direttiva 2014/90/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) għandu jitqies li huwa konformi mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

(*) Direttiva 2014/90/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar tagħmir tal-baħar u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/98/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 146).";

(5) l-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) il-bini u l-manutenzjoni tal-qoxra, il-makkinarju prinċipali u awżiljarju, l-impjanti elettriċi u awtomatiċi għandhom jikkonformaw mal-istandards speċifikati għall-klassifikazzjoni bir-regoli ta' organizzazzjoni rikonoxxuta, jew regoli ekwivalenti użati minn amministrazzjoni taħt l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2009/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*);

(*) Direttiva 2009/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri u għall-attivitajiet rilevanti tal-amministrazzjonijiet marittimi (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 47).";

(ii) il-punt (c) jitħassar;

(b) fil-punt (b) tal-paragrafu 2,

— jitħassar il-punt (ii);

— il-punt (iii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(iii) minkejja l-punt (i), vapuri ġodda tal-passiġġieri tal-Klassi D huma eżentati mir-rekwiżit tal-għoli minimu tal-pruwa stabbilit fil-Konvenzjoni Internazzjonali tal-1966 dwar il-Linji tat-tagħbija;"

(c) il-paragrafu 3 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punti (c) u (d) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(c) vapuri eżistenti tal-passiġġieri tal-Klassijiet Ċ u D għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti speċifiċi rilevanti f'din id-Direttiva u, fir-rigward ta' materji mhux koperti b'dawk ir-rekwiżiti mar-regoli tal-Amministrazzjoni tal-Istat tal-bandiera; dawk ir-regoli għandhom jipprovdu livell ekwivalenti ta' sikurezza bħal dawk tal-Kapitoli II-1 u II-2 tal-Anness I, waqt li jingħata akkont tal-kondizzjonijiet speċifiċi lokali ta' operazzjoni relatati maż-żoni tal-baħar li fihom il-vapuri ta' dawk il-klassijiet jingħataw permess sabiex joperaw; qabel ma vapuri eżistenti tal-passiġġieri tal-Klassijiet Ċ u D jistgħu joperaw fuq vjaġġi domestiċi regolari fi Stat tal-port, l-Amministrazzjoni tal-Istat tal-bandiera għandha tikseb qbil mill-Istat tal-port rigward tali regoli;

(d) fejn Stat Membru jkun tal-fehma li r-regoli meħtieġa mill-Amministrazzjoni tal-Istat tal-port taħt il-punt (c) ta' dan il-paragrafu ma jkunux raġonevoli, għandu minnufih javża lill-Kummissjoni b'dan. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni, li jkun fihom id-deċiżjoni tagħha dwar jekk dawk ir-regoli humiex raġonevoli. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 11(2).";

(ii) il-punti (e) u (f) jitħassru;

(d) il-paragrafu 4 huwa emendat kif ġej:

(i) fil-punt (a), it-tielet inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

"— jikkonformaw bis-sħiħ mar-rekwiżiti tal-Kodiċi tas-Sigurtà għal Inġenji tal-Baħar Sostnuti b'mod Dinamiku (Kodiċi DSC) fir-Riżoluzzjoni A.373(10) tal-OMI, fil-verżjoni aġġornata tagħha;";

(ii) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) il-bini u l-manutenzjoni ta' inġenji tal-baħar ta' veloċità għolja għall-passiġġieri u l-apparat tagħhom għandhom ikunu konformi mar-regoli tal-klassifikazzjoni għall-inġenji tal-baħar ta' veloċità għolja ta' organizzazzjoni rikonoxxuta, jew regoli ekwivalenti użati minn Amministrazzjoni taħt l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2009/15/KE.";

(e) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"5. Fir-rigward ta' vapuri ġodda u eżistenti, tiswijiet, alterazzjonijiet u modifikazzjonijiet ta' natura estensiva u l-forniment relatat magħhom għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' vapuri ġodda stabbiliti fil-punt (a) tal-paragrafu 2; alterazzjonijiet magħmula fuq vapur li huma maħsuba unikament biex jinkiseb standard għola ta' sopravivenza m'għandhomx ikunu meqjusa bħala modifikazzjonijiet ta' karattru estensiv.

6. Il-vapuri mibnija b'materjal ekwivalenti qabel l-20 ta' Diċembru 2017 għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva sat-22 ta' Diċembru 2025.

7. Permezz ta' deroga minn din id-Direttiva, Stat Membru b'aktar minn 60 vapur tal-passiġġieri mibnija mil-liga tal-aluminju li jtajru l-bandiera tiegħu fl-20 ta' Diċembru 2017 jista' jeżenta mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva lill-vapuri tal-passiġġieri li ġejjin għall-perijodi li ġejjin,

(a) il-vapuri tal-passiġġieri tal-Klassi B, C u D mibnijin mil-liga tal-aluminju wara l-20 ta' Diċembru 2017, għal perijodu ta' 10 snin wara dik id-data; u

(b) il-vapuri tal-passiġġieri tal-Klassi B, C u D mibnijin mil-liga tal-aluminju qabel l-20 ta' Diċembru 2017, għal perijodu ta' 12-il sena wara dik id-data,

dment li dawk il-vapuri jaħdmu esklużivament bejn il-portijiet ta' dak l-Istat Membru.

Kwalunkwe Stat Membru li jkun jixtieq jagħmel użu minn din id-deroga għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tiegħu li jagħmel dan sal-21 ta' Diċembru 2019 u għandu jinforma lill-Kummissjoni bil-kontenut ukoll. Huwa għandu wkoll jikkomunika lill-Kummissjoni kwalunkwe bidla sussegwenti. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra f'konformità mal-Artikolu 9(4).";

(6) l-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-vapuri ro-ro tal-passiġġieri tal-Klassi C, li l-primi tagħhom ġew imqiegħda jew li kienu fi stadju simili fil-bini fl-1 ta' Ottubru 2004 jew wara, u l-vapuri ro-ro tal-passiġġieri kollha tal-Klassi A u B għandhom jikkonformaw mal-Artikoli 6, 8 u 9 tad-Direttiva 2003/25/KE.";

(b) il-paragrafu 2 jitħassar;

(7) l-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 3, jitħassar it-tieni subparagrafu;

(b) il-paragrafu 4 jitħassar;

(8) l-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Stat Membru jista', bla ħsara għall-proċedura stabbilita fil-paragrafu 4, jadotta miżuri li jippermettu ekwivalenzi għal ċerti rekwiżiti speċifiċi ta' din id-Direttiva, sakemm dawk l-ekwivalenzi jkunu tal-anqas effettivi daqs dawk ir-rekwiżiti.";

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Stat Membru li jagħżel li jagħmel użu mid-drittijiet mogħtija mill-paragrafu 1, 2 jew 3 għandu jipproċedi konformement mat-tieni sas-seba' subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

L-Istat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bil-miżuri li jkollu l-ħsieb jadotta, u għandu jinkludi, ma' tali notifika, partikolaritajiet suffiċjenti biex jikkonferma li l-livell ta' sikurezza huwa miżmum adegwatament.

Jekk, f'perijodu ta' sitt xhur minn notifikazzjoni, il-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni li jinkludu d-deċiżjoni tagħha li l-miżuri proposti mhumiex iġġustifikati, l-imsemmi Stat Membru jista' jkun meħtieġ li jemenda jew ma jadottax il-miżuri proposti. Dawk l-atti implimentattivi għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 11(2).

Il-miżuri adottati għandhom ikun speċifikati fil-leġislazzjoni nazzjonali rilevanti u kkomunikati lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra.

Kwalunkwe tali miżura għandha tkun applikata għall-vapuri tal-passiġġieri kollha tal-istess Klassi jew għall-inġenji tal-baħar meta joperaw bl-istess kondizzjonijiet speċifiċi, mingħajr diskriminazzjoni fir-rigward tal-bandiera tagħhom jew tan-nazzjonalità jew tal-post fejn ikun stabbilit l-operatur tagħhom.

Il-miżuri li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 3 għandhom japplikaw biss sa kemm il-vapur jew l-inġenju tal-baħar joperaw bil-kondizzjonijiet speċifikati.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-miżuri msemmija fit-tieni u fir-raba' subparagrafu lill-Kummissjoni permezz ta' bażi ta' data stabbilita u miżmuma mill-Kummissjoni għal dan il-għan, u li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandu jkollhom aċċess għalih. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-miżuri adottati disponibbli fuq sit web aċċessibbli pubblikament.";

(c) fil-paragrafu 5, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jinkludu d-deċiżjoni tagħha jekk id-deċiżjoni ta' dak l-Istat Membru li jissospendi l-operat ta' dak il-vapur jew inġenju tal-baħar jew li jimponi miżuri addizzjonali tkunx iġġustifikata jew le għal raġunijiet ta' periklu serju għas-sikurezza tal-ħajja jew tal-proprjetà, jew tal-ambjent u, jekk is-sospensjoni jew l-impożizzjoni tal-miżuri addizzjonali ma tkunx iġġustifikata, tali atti jinkludu d-deċiżjoni tagħha li tirrikjedi li l-Istat Membru kkonċernat jirtira s-sospensjoni jew il-miżuri. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 11(2).";

(9) l-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) ir-referenzi speċifiċi għall-"Konvenzjonijiet Internazzjonali" u r-riżoluzzjonijiet tal-OMI imsemmija fil-punti (g), (m), (q), u (zb) tal-Artikolu 2, il-punt (a) tal-Artikolu 3(2), il-punt (b) tal-Artikolu 6(1) u l-punt (b) tal-Artikolu 6(2).";

(b) fil-paragrafu 2,

(i) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) jiġu aġġustati l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li jinsabu fl-emendi magħmula għall-Konvenzjonijiet Internazzjonali għall-vapuri fil-klassijiet B, C u D u l-inġenji tal-baħar, fid-dawl tal-esperjenza;";

(ii) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(c) jiġu ssimplifikati u ċċarati l-elementi tekniċi, fid-dawl ta' esperjenza miksuba mill-implimentazzjoni tagħhom;

(d) jiġu aġġornati r-referenzi għal strumenti oħra tal-Unjoni applikabbli għal vapuri tal-passiġġieri domestiċi.";

(c) il-paragrafi 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"3. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 10a sabiex tadotta l-emendi f'din id-Direttiva msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu.

4. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, fejn ikun debitament ġustifikat b'analiżi adatta mill-Kummissjoni u sabiex tiġi evitata theddida serja u inaċċettabbli għas-sikurezza marittima, għas-saħħa, għall-għajxien abbord jew kondizzjonijiet tax-xogħol jew għall-ambjent tal-baħar, jew sabiex tiġi evitata inkompatibbiltà tal-leġislazzjoni marittima tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10a, li jemenda din id-Direttiva sabiex ma tapplikax, għall-finijiet ta' din id-Direttiva, emenda għall-istrumenti internazzjonali msemmija fl-Artikolu 2.

Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati tal-inqas tliet xhur qabel l-iskadenza tal-perijodu stabbilit internazzjonalment għall-aċċettazzjoni taċita tal-emenda kkonċernata jew id-data prevista għad-dħul fis-seħħ ta' din l-emenda. Fil-perijodu ta' qabel id-dħul fis-seħħ ta' att delegat bħal dan, l-Istati Membri għandhom joqogħdu lura minn kwalunkwe inizjattiva maħsuba biex tintegra l-emenda fil-leġislazzjoni nazzjonali jew biex tapplika l-emenda għall-istrument internazzjonali kkonċernat.";

(10) jiżdied l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 10a*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 10(3) u 10(4) hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikoli 10(3) u 10(4) għandha tiġi kkonferita lill-Kummissjoni għal perijodu ta' seba' snin mill-20 ta' Diċembru 2017. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar id-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perijodu ta' seba' snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perijodi ta' żmien identiċi sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

3. Id-delegazzjoni tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 10(3) u 10(4) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att iddelegat adottat skont l-Artikoli 10(3) jew 10(4) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun tqajmet l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jagħlaq dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux ser joġġezzjonaw. Dak il-perijodu jkun estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.";

(11) l-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

(*) Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).";

(b) il-paragrafu 3 jitħassar;

(12) l-Artikolu 12 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Kull vapur tal-passiġġieri għandu jkun suġġett mill-Amministrazzjoni tal-Istat tal-bandiera għall-istħarriġ speċifikat fil-punti (a), (b) u (c):

(a) stħarriġ inizjali qabel il-vapur jitqiegħed fis-servizz;

(b) stħarriġ perjodiku darba kull 12-il xahar; u

(c) stħarriġ addizzjonali, skont ma tkun il-ħtieġa.";

(b) il-paragrafu 2 jitħassar;

(13) l-Artikolu 13 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-vapuri kollha tal-passiġġieri ġodda u eżistenti, li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva, għandhom ikunu pprovduti b'Ċertifikat tas-Sigurtà ta' Vapur tal-Passiġġieri konformement ma' din id-Direttiva. Iċ-ċertifikat għandu jkun fil-format stabbilit fl-Anness II. Dan iċ-ċertifikat għandu jinħareġ mill-Amministrazzjoni tal-Istat tal-bandiera wara li jkun twettaq stħarriġ inizjali, kif deskritt fil-punt (a) tal-Artikolu 12(1).";

(b) fil-paragrafu 3, it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Qabel ma jinħareġ il-Permess għall-Operat għal inġenji tal-baħar ta' veloċità għolja għall-passiġġieri li joperaw fuq vjaġġi domestiċi fi Stat tal-port, l-Amministrazzjoni tal-Istat tal-bandiera għandha tiftiehem mal-Istat tal-port dwar il-kondizzjonijiet operazzjonali assoċjati mal-operat tal-inġenji tal-baħar f'dak l-Istat. Kull waħda minn dawk il-kondizzjonijiet għandha titniżżel mill-Amministrazzjoni tal-Istat tal-bandiera fuq il-Permess għall-Operat.";

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Miżuri ta' sikurezza addizzjonali, ekwivalenzi u eżenzjonijiet mogħtija lill-vapuri jew inġenji tal-baħar permezz ta' u skont l-Artikolu 9(1), (2) u (3) għandhom ikunu mniżżla fuq iċ-ċertifikat tal-vapur jew tal-inġenju tal-baħar.";

(14) l-Artikolu 14 jitħassar;

(15) jiżdied l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 16a*

**Rieżami**

Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u tissottometti r-riżultati tal-evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sat-22 ta' Diċembru 2026.";

(16) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 13.1 tal-Parti A tal-Kapitolu II-2, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"F'kull vapur l-arranġamenti ġenerali għandhom jintwerew fuq bażi permanenti għat-tmexxija tal-uffiċjali tal-vapur, li juru b'mod ċar għal kull gverta l-istazzjonijiet tal-kontroll, is-sezzjonijiet varji tan-nar magħluqa b'qasmiet tal-klassi "A", is-sezzjonijiet magħluqa b'qasmiet tal-klassi "B" flimkien mad-dettalji tas-sistemi tad-detectors tan-nirien u tal-allarm tan-nirien, l-installazzjoni tal-bexxixiet, it-tagħmir li jitfi n-nirien, il-mezzi tal-aċċess għall-kompartimenti differenti, gverti, eċċ u s-sistema tal-ventilazzjoni li tinkludi dettalji tal-pożizzjonijiet tal-kontroll tal-fann, il-pożizzjonijiet tal-umidifikaturi u n-numri tal-identifikazzjoni tal-fannijiet li jivventilaw li jservu kull taqsima. Alternattivament id-dettalji msemmija hawn fuq jistgħu jitniżżlu f'fuljett, li għandha tingħata kopja tiegħu lil kull uffiċjal, u kopja waħda għandha l-ħin kollu tkun disponibbli abbord f'kull post aċċessibbli. Il-pjanti u l-fuljetti għandhom jinżammu aġġornati, u kull tibdil għandu jiġi rreġistrat mill-aktar fis li jkun prattiku. Id-deskrizzjonijiet f'tali pjanti u fuljetti għandhom ikunu fil-lingwa uffiċjali tal-Istat tal-bandiera. Jekk il-lingwa mhix la l-Ingliż u lanqas il-Franċiż, għandha tiġi inkluża traduzzjoni f'waħda minn dawn il-lingwi. Fil-każ li l-vapur ikun qed jitħaddem fuq vjaġġi domestiċi fi Stat Membru ieħor, għandha tiġi inkluża traduzzjoni fil-lingwa uffiċjali ta' dak l-Istat tal-port, jekk din il-lingwa la tkun l-Ingliż u lanqas il-Franċiż.";

(b) fl-ewwel paragrafu tan-nota 1 f'qiegħ il-paġna għat-tabella fil-paragrafu 2 tal-Kapitolu III, il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Inġenji tal-baħar tas-sopravivenza jistgħu jkunu dgħajjes tas-sopravivenza jew ċattri tas-sopravivenza jew kombinazzjoni tat-tnejn f'konformità mar-Regolament III/2.2. Meta jkun ġustifikat min-natura mkennija tal-vjaġġi u/jew mill-kundizzjonijiet klimatiċi favorevoli taż-żona tal-operat, b'konsiderazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet fl-IMO MSC/Circ.1046, l-Amministrazzjoni tal-Istat tal-bandiera tista' taċċetta, jekk dan ma jiġix irrifjutat mill-Istat Membru tal-port:".

*Artikolu 2*

**Traspożizzjoni**

1. Sal-21 ta' Diċembru 2019, l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw,miżuri meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni f'dak ir-rigward.

Huma għandhom japplikaw dawk il-miżuri mill-21 ta' Diċembru 2019.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom jinkludu dik ir-referenza meta jiġu pubblikati uffiċjalment. Il-metodi ta' kif issir dik ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jaddottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, il-15 ta' Novembru 2017.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| A. TAJANI | M. MAASIKAS |

# DIRETTIVA (UE) 2017/2109 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tal-15 ta' Novembru 2017**

**li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 98/41/KE dwar ir-reġistrazzjoni ta' persuni li jbaħħru abbord vapuri tal-passiġġieri li joperaw lejn jew minn portijiet tal-Istati Membri tal-Komunità u d-Direttiva 2010/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-formalitajiet ta' rappurtar għal bastimenti li jaslu fi u/jew jitilqu minn portijiet tal-Istati Membri**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) L-informazzjoni preċiża u f'waqtha dwar in-numru ta' persuni abbord vapur jew dwar l-identità tagħhom hija essenzjali għat-tħejjija u l-effettività tal-operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ. Fil-każ ta' inċident fuq il-baħar, il-kooperazzjoni sħiħa u kompleta bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-istat jew stati involuti, l-operatur tal-vapur u l-aġenti tagħhom tista' tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-effettività tal-operazzjonijiet. Ċerti aspetti ta' dik il-kooperazzjoni huma regolati mid-Direttiva tal-Kunsill 98/41/KE ([3]).

(2) Ir-riżultati tal-kontroll tal-idoneità tal-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT) u l-esperjenza miksuba tul l-implimentazzjoni tad-Direttiva 98/41/KE żvelaw li l-informazzjoni dwar persuni abbord mhix dejjem tkun disponibbli faċilment għall-awtoritajiet kompetenti meta jkollhom bżonnha. Sabiex tiġi indirizzata din is-sitwazzjoni, jenħtieġ li r-rekwiżiti attwali tad-Direttiva 98/41/KE jinġiebu f'konformità mar-rekwiżiti li d-data tiġi rappurtata elettronikament, u b'hekk iwasslu għal aktar effiċjenza. Id-diġitalizzazzjoni ser tagħmel ukoll possibbli li jiġi ffaċilitat l-aċċess għal informazzjoni rigward numru sinifikanti ta' passiġġieri fil-każ ta' emerġenza jew wara inċident fuq il-baħar.

(3) Matul l-aħħar 17-il sena, sar progress teknoloġiku sinifikanti fir-rigward tal-mezzi ta' komunikazzjoni u l-ħżin ta' data dwar il-movimenti tal-vapuri. Numru ta' sistemi obbligatorji ta' rappurtar ta' vapuri ġew stabbiliti tul ix-xtut tal-Ewropa, f'konformità mar-regoli rilevanti adottati mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI). Kemm id-dritt tal-Unjoni kif ukoll il-liġi nazzjonali jiżguraw li l-vapuri jikkonformaw mar-rekwiżiti tar-rappurtar fis-seħħ skont dawk is-sistemi. Issa jenħtieġ li jsir progress fir-rigward tal-innovazzjoni teknoloġika, billi wieħed jibni fuq ir-riżultati miksuba s'issa, inkluż fil-livell internazzjonali, u billi jiġi żgurat li tibqa' tinżamm dejjem in-newtralità teknoloġika.

(4) Il-ġbir, it-trasmissjoni u l-kondiviżjoni tad-data relatata mal-vapuri ġew permessi, issimplifikati u armonizzati mis-"single window" nazzjonali msemmija fid-Direttiva 2010/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) u s-Sistema tal-Unjoni ta' Skambju ta' Informazzjoni Marittima (SafeSeaNet) imsemmija fid-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]). L-informazzjoni dwar il-persuni abbord mitluba bid-Direttiva 98/41/KE għalhekk jenħtieġ li tiġi rrappurtata fis-"single window" nazzjonali li tippermetti lill-awtorità kompetenti sabiex

([1]) ĠU C 34, 2.2.2017, p. 172.

([2]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Ottubru 2017 (għandha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2017.

([3]) Direttiva tal-Kunsill 98/41/KE tat-18 ta' Ġunju 1998 dwar ir-reġistrazzjoni ta' persuni li jbaħħru abbord vapuri tal-passiġġieri li joperaw lejn jew minn portijiet tal-Istati Membri tal-Komunità (ĠU L 188, 2.7.1998, p. 35).

([4]) Direttiva 2010/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar il-formalitajiet ta' rappurtar għal bastimenti li jaslu fi u/jew jitilqu minn portijiet tal-Istati Membri u li tħassar id-Direttiva 2002/6/KE (ĠU L 283, 29.10.2010, p. 1).

([5]) Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/75/KEE (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 10).

taċċedi faċilment id-data fil-każ ta' emerġenza jew wara inċident fuq il-baħar. Jenħtieġ li n-numru ta' persuni abbord ikun rappurtat fis-"single window" nazzjonali bl-użu ta' mezzi tekniċi adatti, li jenħtieġ jitħallu għad-diskrezzjoni tal-Istati Membri. Alternattivament, jenħtieġ li dan jiġi rrappurtat lill-awtorità nnominata permezz ta' Sistema ta' Identifikazzjoni Awtomatika.

(5) Sabiex jiġu ffaċilitati l-għoti u l-iskambju ta' informazzjoni rappurtata skont din id-Direttiva u jitnaqqas il-piż amministrattiv, jenħtieġ li l-Istati Membri jużaw il-formalitajiet ta' rappurtar armonizzati stabbiliti bid-Direttiva 2010/65/UE. F'każ ta' inċident li jolqot aktar minn Stat Membru wieħed, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu informazzjoni disponibbli għal Stati Membri oħra permezz tas-sistema SafeSeaNet.

(6) Sabiex jingħata żmien biżżejjed lill-Istati Membri biex iżidu funzjonalitajiet ġodda mas-"single windows" nazzjonali, hu adatt li jkun ipprovdut perijodu transizzjonali li matulu l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jżommu s-sistema attwali għar-reġistrazzjoni ta' persuni abbord vapuri tal-passiġġieri.

(7) Jenħtieġ li l-progress li jsir fl-iżvilupp ta' "single windows" nazzjonali jservi ta' bażi għat-transizzjoni lejn ambjent ta' "single window" Ewropea fil-futur.

(8) Jenħtieġ li l-Istati Membri jinkoraġġixxu lill-operaturi, u b'mod partikolari lil operaturi iżgħar, biex jużaw is-"single window" nazzjonali. Madankollu, sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jeżentaw, taħt kondizzjonijiet speċifiċi, operaturi iżgħar li għadhom ma jużawx is-"single window" nazzjonali u li joperaw l-aktar fuq vjaġġi domestiċi qosra ta' anqas minn 60 minuta mill-obbligu li jirrapportaw fis-"single window" nazzjonali in-numru ta' persuni abbord.

(9) Sabiex tittieħed inkunsiderazzjoni l-pożizzjoni ġeografika speċifika tal-gżejjer ta' Heligoland u Bornholm, u n-natura tal-konnessjonijiet tat-trasport tagħhom mal-kontinent, jenħtieġ li l-Ġermanja, id-Danimarka u l-Iżvezja jingħataw żmien addizzjonali biex jiġbru l-lista tal-persuni abbord u, matul perijodu transizzjonali, biex jużaw is-sistema attwali biex jikkomunikaw din l-informazzjoni.

(10) Jenħtieġ li l-Istati Membri jibqa' jkollhom il-possibbilta' li jnaqqsu l-limitu ta' 20 mil għar-reġistrazzjoni u r-rappurtar tal-lista ta' persuni abbord. Dan id-dritt jinkludi vjaġġi fejn il-vapuri tal-passiġġieri li jġorru għadd kbir ta' passiġġieri jagħmlu waqfiet suċċessivi bejn portijiet f'distanza ta' anqas minn 20 mil matul vjaġġ uniku itwal. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jbaxxu l-limitu ta' 20 mil sabiex ikun possibbli li l-informazzjoni mitluba minn din id-Direttiva tiġi rreġistrata fir-rigward ta' passiġġieri abbord li telgħu abbord fl-ewwel port jew fil-portijiet intermedjarji.

(11) Biex il-qraba jiġu pprovduti informazzjoni affidabbli u f'waqtha fil-każ ta' inċident, biex jitnaqqas id-dewmien bla bżonn fl-għajnuna konsulari u servizzi oħra, u biex jiġu ffaċilitati l-proċeduri ta' identifikazzjoni, jenħtieġ li d-data kkomunikata tinkludi informazzjoni dwar in-nazzjonalità tal-persuni abbord. Jenħtieġ li l-lista tal-entrati tad-data meħtieġa għal vjaġġi ta' aktar minn 20 mil tiġi ssimplifikata, iċċarata u, kemm jista' jkun, allinjata mar-rekwiżiti ta' rappurtar għas-"single window" nazzjonali.

(12) Minħabba fil-progress li sar fil-mezzi elettroniċi għar-reġistrazzjoni tad-data, u b'kont meħud tal-fatt li d-data personali tinġabar qabel it-tluq tal-vapur, jenħtieġ li d-dewmien ta' 30 minuta attwalment previst mid-Direttiva 98/41/KE jitnaqqas għal 15-il minuta.

(13) Huwa importanti li l-istruzzjonijiet ċari li għandhom jiġu segwiti fil-każ ta' emerġenza jiġu pprovduti lil kull persuna abbord, skont ir-rekwiżiti internazzjonali.

(14) Biex tiżdied iċ-ċarezza legali u titjieb il-konsistenza ma' leġislazzjoni tal-Unjoni relatata, u b'mod partikolari mad-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), jenħtieġ li numru ta' referenzi mhux aġġornati, ambigwi u li joħolqu konfużjoni jiġu aġġornati jew imħassra. Jenħtieġ li d-definizzjoni ta' "vapur tal-passiġġieri" tiġi allinjata ma' leġislazzjoni oħra tal-Unjoni, b'tali mod u manjiera li ma tmurx lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Jenħtieġ li d-definizzjoni ta' "żona tal-baħar protetta" tiġi ssostitwita minn kunċett li jiġi allinjat mad-Direttiva 2009/45/KE għall-finijiet tal-eżenzjonijiet taħt din id-Direttiva, biex b'hekk tiġi żgurata l-prossimità tal-faċilitajiet ta' tiftix u salvataġġ. Jenħtieġ li d-definizzjoni ta' "reġistratur tal-passiġġieri" tiġi emendata biex tirrifletti d-dmirijiet il-ġodda li ma għadhomx jinkludu ż-żamma ta' informazzjoni. Jenħtieġ li d-definizzjoni ta' "awtorità nnominata" tkopri l-awtoritajiet kompetenti li għandhom aċċess dirett jew indirett għall-informazzjoni mitluba minn din id-Direttiva. Jenħtieġ li r-rekwiżiti korrispondenti għas-sistemi ta' reġistrazzjoni tal-passiġġieri tal-kumpanniji jitħassru.

([1]) Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri (ĠU L 163, 25.6.2009, p. 1).

(15) Jenħtieġ li din id-Direttiva ma tapplikax għal jottijiet għal skopijiet ta' divertiment jew inġenji tal-baħar għal skopijiet ta' divertiment. B'mod partikolari, jenħtieġ li hija ma tapplikax għal jottijiet għal skopijiet ta' divertiment jew inġenji tal-baħar għal skopijiet ta' divertiment meta jinkrew mingħajr ekwipaġġ u mhux sussegwentement involuti f'kummerċ għall-finijiet ta' ġarr ta' passiġġieri.

(16) Jenħtieġ li l-Istati Membri jibqgħu responsabbli biex jiżguraw il-konformità mar-rekwiżiti tar-reġistrazzjoni tad-data skont id-Direttiva 98/41/KE, jiġifieri fir-rigward tar-reġistrazzjoni preċiża u f'waqtha tad-data. Sabiex tkun żgurata l-konsistenza tal-informazzjoni, jenħtieġ li jkun possibbli li jitwettqu kontrolli mingħajr regola partikolari.

(17) Sa fejn il-miżuri previsti fid-Direttivi 98/41/KE u 2010/65/UE jinvolvu l-ipproċessar ta' data personali, jenħtieġ li dak l-ipproċessar isir f'konformità mal-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ta' data personali, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]). B'mod partikolari u mingħajr preġudizzju għal obbligi legali oħra f'konformità mal-liġi dwar il-protezzjoni tad-data, jenħtieġ li data personali miġbura f'konformità mad-Direttiva 98/41/KE ma tiġix ipproċessata jew użata għal kwalunkwe skop ieħor u m'għandhiex tinżamm aktar milli meħtieġ għall-finijiet tad-Direttiva 98/41/KE. Jenħtieġ, għaldaqstant, li d-data personali titħassar awtomatikament u mingħajr dewmien bla bżonn ladarba l-vjaġġ tal-vapur ikun intemm għalkollox b'mod sikur jew, skont il-każ, meta jkunu ġew konklużi investigazzjoni jew proċediment ġudizzjarju li jsiru wara li jkunu seħħew xi inċident jew xi emerġenza.

(18) Filwaqt li tieħu kont tal-aktar teknoloġija avvanzata u l-ispiża tal-implimentazzjoni, jenħtieġ li kull kumpannija timplimenta miżuri tekniċi u organizzattivi adatti sabiex tipproteġi d-data personali pproċessata skont din id-Direttiva mid-distruzzjoni jew it-telf aċċidentali jew illegali kif ukoll tibdil, żvelar jew aċċess mhux awtorizzat, f'konformità mal-leġislazzjoni tal-Unjoni u dik nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-data.

(19) Fid-dawl tal-prinċipju tal-proporzjonalità u billi huwa fl-aħjar interess tal-passiġġier li tingħata informazzjoni ġenwina, il-mezzi attwali tal-ġbir tad-data personali abbażi tal-awtodikjarazzjoni mill-passiġġieri hija biżżejjed għall-finijiet tad-Direttiva 98/41/KE. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-mezzi elettroniċi tar-reġistrazzjoni u l-verifika tad-data jiżguraw li informazzjoni unika tiġi rreġistrata għal kull persuna abbord.

(20) Biex tiżdied it-trasparenza u tiġi ffaċilitata n-notifika mill-Istati Membri ta' eżenzjonijiet u talbiet għal derogi, jenħtieġ li tiġi stabbilita u tinżamm bażi ta' data għal dak il-għan mill-Kummissjoni. Jenħtieġ li tinkludi l-miżuri notifikati fil-forma ta' abbozz u dik adottata tagħhom. Jenħtieġ li l-miżuri adottati jkunu aċċessibbli pubblikament.

(21) Jenħtieġ li d-data relatata man-notifika tal-eżenzjonijiet u tat-talbiet għal derogi mill-Istati Membri tiġi armonizzata u kkoordinata kif meħtieġ sabiex jiġi żgurat li l-użu ta' tali data jkun kemm jista' jkun effettiv.

(22) Fid-dawl tal-bidliet li ġab miegħu t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), jenħtieġ li s-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni biex timplimenta d-Direttiva 98/41/KE jiġu aġġornati b'mod korrispondenti. Jenħtieġ li l-atti ta' implimentazzjoni jiġu adottati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(23) Sabiex jittieħed kont tal-iżviluppi fil-livell internazzjonali u tiżdied it-trasparenza, jenħtieġ li s-setgħa biex jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward li jekk għall-finijiet ta' din id-Direttiva, ikun jeħtieġ li ma jiġux applikati emendi għall-istrumenti internazzjonali. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adatti matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. Biex tkun żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, b'mod partikolari, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess waqt bħall-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom sistematikament aċċess għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

([1]) Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

([2]) Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dak id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

([3]) Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(24) Fid-dawl taċ-ċiklu sħiħ ta' monitoraġġ taż-żjarat tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, jenħtieġ li l-Kummissjoni tevalwa l-implimentazzjoni tad-Direttiva 98/41/KE sat-22 ta' Diċembru 2026 u tirrapporta dwarha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Jenħtieġ li l-Istati Membri jikkooperaw mal-Kummissjoni biex jiġbru l-informazzjoni kollha meħtieġa għal dik l-evalwazzjoni.

(25) Biex jiġu riflessi l-bidliet fid-Direttiva 98/41/KE, jenħtieġ li l-informazzjoni dwar il-persuni abbord tiġi inkluża fil-lista ta' formalitajiet ta' rappurtar imsemmija fil-Parti A tal-Anness għad-Direttiva 2010/65/UE.

(26) Sabiex ma jiġix impost piż amministrattiv sproporzjonat fuq Stati Membri mingħajr kosta li m'għandhomx portijiet marittimi u li m'għandhomx vapuri tal-passiġġieri li jtajru l-bandiera tagħhom u li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li tali Stati Membri jitħallew jidderogaw mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva. Dan ifisser li dment li din il-kondizzjoni tiġi ssodisfata, dawn mhumiex obbligati li jittrasponu din id-Direttiva.

(27) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-data ġie kkonsultat skont l-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 u pprovda kummenti formali fid-9 ta' Diċembru 2016.

(28) Għalhekk jenħtieġ li d-Direttivi 98/41/KE u 2010/65/UE jiġu emendati kif meħtieġ,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Emendi għad-Direttiva 98/41/KE**

Id-Direttiva 98/41/KE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) it-tieni inċiż jinbidel b'dan li ġej:

"— 'vapur tal-passiġġieri' għandha tfisser vapur jew opra tal-baħar ta' veloċità għolja li ġġorr aktar minn 12-il passiġġier,";

(b) is-sitt inċiż jinbidel b'dan li ġej:

"— 'reġistratur tal-passiġġieri' għandha tfisser il-persuna responsabbli nnominata minn kumpannija sabiex tissodisfa l-obbligi, fejn applikabbli, tal-Kodiċi ISM jew persuna nnominata minn kumpannija bħala responsabbli għat-trasmissjoni ta' informazzjoni dwar persuni li jkunu imbarkaw fuq vapur tal-passiġġieri tal-kumpannija,";

(c) is-seba' inċiż jinbidel b'dan li ġej:

"— 'awtorità nnominata' għandha tfisser l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru responsabbli għat-tiftix u s-salvataġġ jew ikkonċernata mill-konsegwenzi segwenti ta' inċident, li jkollha aċċess għall-informazzjoni meħtieġa skont din id-Direttiva,";

(d) id-disa' inċiż jitħassar;

(e) fl-għaxar inċiż, il-frażi tal-bidu tinbidel b'dan li ġej:

"— 'servizz regolari' għandha tfisser sensiela ta' vjaġġi ta' vapuri operati biex jaqdu traffiku bejn l-istess żewġ portijiet jew iżjed, jew sensiela ta' vjaġġi minn u lejn l-istess port mingħajr waqfiet intermedjarji, jew:";

(f) jiżdied l-inċiż li ġej:

"— 'żona ta' port' għandha tfisser żona kif definita fil-punt (r) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/45/KE,";

(g) jiżdied l-inċiż li ġej:

"— 'jott għal skopijiet ta' divertiment/inġenju tal-baħar għal skopijiet ta' divertiment' għandha tfisser bastiment li mhux involut fil-kummerċ, irrispettivament mill-mezz tal-propulsjoni tiegħu.";

(2) l-Artikolu 3 jinbidel b'dan li ġej:

"*L-Artikolu 3*

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-vapuri tal-passiġġieri, bl-eċċezzjoni ta':

— vapuri tal-gwerra u vapuri tat-truppi,

— jottijiet u inġenji tal-baħar għal skopijiet ta' divertiment,

— bastimenti esklużivament involuti f'żoni tal-port jew passaġġi fuq l-ilma interni.

2. L-Istati Membri li m'għandhomx portijiet marittimi u li m'għandhomx vapuri tal-passiġġieri li jtajru l-bandiera tagħhom li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, jistgħu jidderogaw mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva bl-eċċezzjoni tal-obbligu stabbilit fit-tieni subparagrafu.

Dawk l-Istati Membri li jkun beħsiebhom jagħmlu użu minn deroga bħal din għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-21 ta' Diċembru 2019 dwar jekk il-kondizzjonijiet ikunux issodisfati u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni annwalment minn hemm 'il quddiem bi kwalunkwe bidla sussegwenti. Dawn l-Istati Membri m'għandhomx jippermettu li vapuri tal-passiġġieri li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jtajru l-bandiera tagħhom sakemm ma jkunx ittrasponew u implimentaw din id-Direttiva.";

(3) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Qabel ma l-vapur tal-passiġġieri jitlaq, il-kaptan tal-vapur għandu jiġi mgħarraf bin-numru ta' persuni abbord, u dan in-numru għandu jiġi rappurtat permezz ta' mezzi tekniċi adatti fis-"single window" stabbilita skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2010/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), jew, jekk l-Istat Membru jagħżel hekk, dan in-numru għandu jiġi mgħarraf lill-awtorità nominata permezz tas-Sistema ta' Identifikazzjoni Awtomatika.

Għal perijodu transizzjonali ta' sitt snin mill-20 ta' Diċembru 2017, l-Istati Membri jistgħu jkomplu jippermettu li dik l-informazzjoni tiġi kkomunikata lir-reġistratur tal-passiġġieri tal-kumpannija jew fis-sistema tal-kumpannija bbażata fuq l-art li tagħmel l-istess funzjoni, minflok ma jenħtieġu li din tiġi rrappurtata fis-"single window" jew lill-awtorità nominata permezz tas-Sistema ta' Identifikazzjoni Awtomatika.

(*) Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2010/65/UE tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar il-formalitajiet ta' rappurtar għal vapuri li jaslu fi u/jew jitilqu minn portijiet tal-Istati Membri u li tħassar id-Direttiva 2002/6/KE (ĠU L 283, 29.10.2010, p. 1).";

(4) l-Artikolu 5 jinbidel b'dan li ġej:

"*L-Artikolu 5*

1. Fejn vapur tal-passiġġieri jitlaq minn port li jinsab fi Stat Membru sabiex jagħmel vjaġġ fejn id-distanza mbaħħra mill-punt tat-tluq sal-port ta' żjara li jmiss taqbeż l-20 mil, l-informazzjoni li ġejja għandha tiġi rreġistrata:

— il-kunjomijiet tal-persuni abbord, l-ewwel ismijiet tagħhom, is-sess tagħhom, in-nazzjonalità tagħhom,id-dati tat-twelid tagħhom,

— fuq għażla ta' passiġġier, l-informazzjoni dwar il- ħtieġa ta' kura jew għajnuna speċjali li tista' tkun meħtieġa f' sitwazzjoni ta' emerġenza,

— jekk l-Istat Membru jagħżel hekk, fuq għażla tal-passiġġier, numru ta' kuntatt f'każ ta' emerġenza.

2. L-informazzjoni elenkata fil-paragrafu 1 għandha tinġabar qabel it-tluq tal-vapur tal-passiġġieri u għandha tiġi rrappurtata fis-"single window" stabbilita skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2010/65/UE mat-tluq tal-vapur tal-passiġġieri imma f'ebda każ mhux aktar tard minn 15-il minuta wara t-tluq tiegħu.

3. Għal perijodu transizzjonali ta' sitt snin mill-20 ta' Diċembru 2017, l-Istati Membri jistgħu jkomplu jippermettu li dik l-informazzjoni tiġi komunikata lir-reġistratur tal-passiġġieri tal-kumpannija jew fis-sistema tal-kumpannija bbażata fuq l-art li tagħmel l-istess funzjoni, minflok ma jenħtieġu li din tiġi rappurtata fis-"single window".

4. Mingħajr preġudizzju għal obbligi legali oħra li jikkonformaw mal-leġislazzjoni tal-Unjoni u dik nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-data, id-data personali miġbura għall-finijiet ta' din id-Direttiva m'għandha tiġi pproċessata u użata għall-ebda skop ieħor. Data personali bħal din għandha dejjem tiġi ttrattata f'konformità mal-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data u l-privatezza, u għandha titħassar awtomatikament u mingħajr dewmien żejjed ladarba ma tkunx għadha meħtieġa.";

(5) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Kull Stat Membru, fir-rigward ta' kull vapur tal-passiġġieri li jtajjar il-bandiera ta' pajjiż terz, li jitlaq minn port li jinsab 'il barra mill-Unjoni u li jkun destinat lejn port li jinsab f'dak l-Istat Membru, għandu jeħtieġ li l-kumpannija tassigura li l-informazzjoni speċifikata fl-Artikoli 4(1) u 5(1) tingħata f'konformità mal-Artikoli 4(2) u 5(2).";

(6) l-Artikolu 8 jinbidel b'dan li ġej:

"*L-Artikolu 8*

1. Kull kumpannija li tassumi responsabbiltà għall-operazzjoni ta' vapur tal-passiġġieri għandha, fejn meħtieġ taħt l-Artikoli 4 u 5 ta' din id-Direttiva, taħtar reġistratur tal-passiġġieri responsabbli għar-rappurtar tal-informazzjoni msemmija f'dawk id-dispożizzjonijiet fis-"single window" stabbilita skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2010/65/UE jew lill-awtorità nominata permezz tas-Sistema ta' Identifikazzjoni Awtomatika.

2. Id-data personali miġbura f'konformità mal-Artikolu 5 ta' din id-Direttiva għandha tinżamm mill-kumpannija għal mhux aktar żmien milli huwa meħtieġ għall-finijiet ta' din id-Direttiva, u fi kwalunkwe każ sal-mument biss li l-vjaġġ tal-vapur inkwistjoni jkun tlesta b'mod sikur u d-data tkun ġiet irrappurtata fis-"single window" stabbilita skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2010/65/UE. Mingħajr preġudizzju għal obbligi legali speċifiċi oħra skont id-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali, inkluż għal finijiet ta' statistika, ladarba l-informazzjoni ma tibqax meħtieġa għal dan il-għan, din għandha titħassar awtomatikament u mingħajr dewmien żejjed.

3. Kull kumpannija għandha tiżgura li l-informazzjoni dwar il-passiġġieri li jkunu ddikjaraw ħtieġa għal kura jew assistenza speċjali f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza tiġi rreġistrata u kkomunikata korrettament lill-kaptan qabel ma jsalpa l-vapur tal-passiġġieri.";

(7) l-Artikolu 9 jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

— jitħassar il-punt (a);

— il-punti (b) u (c) jinbidlu b'dan li ġej:

"2. Stat Membru li mill-port tiegħu jsalpa vapur tal-passiġġieri jista' jeżentah mill-obbligu li jirrapporta n-numru ta' passiġġieri abbord fis-"single window" stabbilita skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2010/65/UE, taħt il-kundizzjoni li l-vapur ikkonċernat ma huwiex inġenju tal-baħar ta' veloċità għolja, li jopera servizzi regulari ta' inqas minn siegħa bejn portijiet tal-waqfa, jopera esklużivament fiż-żona tal-baħar D stabbilita skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2009/45/KE u tiġi żgurata l-prossimità tal-faċilitajiet tat-tiftix u s-salvataġġ f'dik iż-żona tal-baħar.

Stat Membru jista' jeżenta vapuri tal-passiġġieri li jbaħħru bejn żewġ portijiet jew minn u lejn l-istess port mingħajr waqfiet intermedjarji mill-obbligi stipulati fl-Artikolu 5 ta' din id-Direttiva, taħt il-kundizzjoni li l-vapur ikkonċernat jopera esklużivament fiż-żona tal-baħar D stabbilita skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2009/45/KE, u tiġi żgurata l-prossimità tal-faċilitajiet tat-tiftix u s-salvataġġ f'dik iż-żona tal-baħar.";

— jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"B'deroga mill-Artikolu 5(2) u mingħajr preġudizzju għall-perijodu ta' transizzjonali stabbilit fl-Artikolu 5 (3), l-Istati Membri li ġejjin għandu jkollhom id-dritt li japplikaw l-eżenzjonijiet li ġejjin:

(i) Il-Ġermanja tista' testendi l-perijodi għall-ġbir u r-rappurtar tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(1) sa siegħa wara t-tluq fil-każ ta' vapuri tal-passiġġieri li joperaw minn u lejn il-gżira ta' Heligoland, u

(ii) Id-Danimarka u l-Iżvezja jistgħu jestendu l-perijodi għall-ġbir u r-rappurtar tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(1) sa siegħa wara t-tluq fil-każ ta' vapuri tal-passiġġieri li joperaw minn u lejn il-gżira ta' Bornholm.";

(b) fil-paragrafu 3, il-punti (a) u (b) jinbidlu b'dan li ġej:

"(a) l-Istat Membru għandu mingħajr dewmien jinnotifika lill-Kummissjoni dwar id-deċiżjoni tiegħu li jagħti eżenzjoni mill-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 5, u għandu jagħti r-raġunijiet sostantivi tiegħu għal dan. Din in-notifika għandha titwettaq permezz ta' bażi ta' data stabbilita u miżmuma mill-Kummissjoni għal dak il-għan, u li għaliha l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandu jkollhom aċċess. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli l-miżuri adottati fuq website aċċessibbli pubblikament;

(b) jekk fi żmien sitt xhur minn tali notifika l-Kummissjoni tikkunsidra li l-eżenzjoni ma tkunx ġustifikata jew li jista' jkollha effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jitolbu lill-Istat Membru jemenda jew jirtira d-deċiżjoni tiegħu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 13(2).";

(c) fil-paragrafu 4, it-tielet subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"It-talba għandha tintbagħat lill-Kummissjoni permezz tal-bażi ta' data msemmija fil-paragrafu 3. Jekk fi żmien sitt xhur minn din it-talba l-Kummissjoni tikkunsidra li d-deroga ma tkunx ġustifikata jew jista' jkollha effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jitolbu li l-Istat Membru jemenda jew li ma jadottax id-deċiżjoni proposta. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 13(2).";

(8) l-Artikolu 10 jinbidel b'dan li ġej:

"*L-Artikolu 10*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kumpanniji jkollhom proċedura ta' reġistrazzjoni ta' data attwata li tiggarantixxi li l-informazzjoni mitluba minn din id-Direttiva tiġi rrappurtata b'mod preċiż u fil-ħin.

2. Kull Stat Membru għandu jinnomina l-awtorità li ser ikollha aċċess għall-informazzjoni meħtieġa skont din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fil-każ ta' emerġenza jew wara inċident, dik l-awtorità nnominata jkollha aċċess immedjat għall-informazzjoni meħtieġa skont din id-Direttiva.

3. Id-data personali miġbura skont l-Artikolu 5 għandha tinżamm mill-Istati Membri mhux aktar milli meħtieġ għall-finijiet ta' din id-Direttiva u fi kwalunkwe każ, mhux iżjed minn:

(a) sal-mument li l-vjaġġ tal-vapur inkwistjoni jintemm b'mod sikur, iżda f'kull każ mhux iżjed minn 60 jum wara t-tluq tal-vapur; jew

(b) fil-każ ta' emerġenza jew wara inċident, sakemm ikunu ntemmu kwalunkwe investigazzjoni jew proċedimenti ġudizzjarji.

4. Mingħajr preġudizzju għal obbligi legali speċifiċi oħra skont id-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali, inkluż obbligi għal finijiet ta' statistika, ladarba l-informazzjoni ma tibqax meħtieġa għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, din għandha titħassar awtomatikament u mingħajr dewmien żejjed.";

(9) l-Artikolu 11 jinbidel b'dan li ġej:

"*L-Artikolu 11*

1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva d-data meħtieġa għandha tinġabar u tiġi reġistrata b'tali mod li ebda dewmien żejjed ma jiġi kkawżat għal passiġġieri li jimbarkaw jew jiżbarkaw minn fuq il-bastiment.

2. Multipliċità ta' ġbir ta' data dwar l-istess rotot jew dwar rotot simili għandha tkun evitata.";

(10) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*L-Artikolu 11a*

1. L-ipproċessar tad-data personali skont din id-Direttiva għandu jsir f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

2. L-ipproċessar tad-data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni skont din id-Direttiva, bħal pereżempju fis-"Single Window" u fis-SafeSeaNet, għandu jsir skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**).

(*) Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

(**) Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).";

(11) l-Artikolu 12 jinbidel b'dan li ġej:

"*L-Artikolu 12*

1. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, fejn ikun debitament ġustifikat b'analiżi adatta mill-Kummissjoni u sabiex tiġi evitata theddida serja u inaċċettabbli għas-sikurezza marittima jew inkompatibbiltà mal-leġislazzjoni marittima tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 12a, li jemenda din id-Direttiva sabiex għall-finijiet ta' din id-Direttiva, ma tiġix applikata emenda għall-istrumenti internazzjonali msemmija fl-Artikolu 2.

2. Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati tal-anqas tliet xhur qabel l-iskadenza tal-perijodu stabbilit internazzjonalment għall-aċċettazzjoni taċita tal-emenda konċernata jew id-data prevista għad-dħul fis-seħħ ta' din l-emenda. Fil-perijodu ta' qabel id-dħul fis-seħħ ta' tali att delegat, l-Istati Membri għandhom joqogħdu lura minn kwalunkwe inizjattiva maħsuba biex tintegra l-emenda f'leġislazzjoni nazzjonali jew biex tapplika l-emenda għall-istrument internazzjonali konċernat.";

(12) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*L-Artikolu 12a*

1. Is-setgħa li jiġu adottati l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 12 tingħata lill-Kummissjoni soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li jiġu adottati l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 12 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perijodu ta' seba' snin mill-20 ta' Diċembru 2017. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar id-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perijodu ta' seba' snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perijodi ta' tul ta' żmien identiku, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma joġġezzjonawx għal din l-estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 12 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat li jiġi adottat skont l-Artikolu 12 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn ikunu informaw lill-Kummissjoni li mhux ser joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.".

(13) l-Artikolu 13 jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Fejn ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

---

(*) Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).";

(b) il-paragrafu 3 jitħassar;

(14) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*L-Artikolu 14a*

Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u tissottometti r-riżultati tal-evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sat-22 ta' Diċembru 2026.

Sat-22 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport interim lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.".

*Artikolu 2*

**Emendi għall-Anness tad-Direttiva 2010/65/UE**

Fil-Parti A tal-Anness tad-Direttiva 2010/65/UE, għandu jiżdied il-punt li ġej:

"7. Informazzjoni dwar persuni abbord

L-Artikoli 4(2) u 5(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 98/41/KE tat-18 ta' Ġunju 1998 dwar ir-reġistrazzjoni ta' persuni li jbaħħru abbord vapuri tal-passiġġieri li joperaw lejn jew minn portijiet tal-Istati Membri tal-Komunità (ĠU L 188, 2.7.1998, p. 35).".

*Artikolu 3*

**Traspożizzjoni**

1. Sal-21 ta' Diċembru 2019, l–Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-miżuri meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni f'dak ir-rigward.

Għandhom japplikaw dawk il-miżuri mill-21 ta' Diċembru 2019.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom jinkludu dik ir-referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. Il-metodi ta' kif issir dik ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jaddottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 4*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 5*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, il-15 ta' Novembru 2017.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| A. TAJANI | M. MAASIKAS |

# DIRETTIVA (UE) 2017/2110 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-15 ta' Novembru 2017

## dwar sistema ta' spezzjonijiet għall-operazzjoni bla periklu ta' vapuri ro-ro tal-passiġġieri u inġenji ta' veloċità għolja għall-passiġġieri f'servizz regolari u li temenda d-Direttiva 2009/16/KE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 1999/35/KE

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) Il-liġi tal-Unjoni relatata ma' sistema ta' stħarriġ obbligatorju għall-operazzjoni bla periklu ta' servizzi ta' vapuri ro-ro tal-passiġġieri u ta' iġenji tal-baħar ta' veloċità għolja għall-passiġġieri tmur lura għall-1999. Jenħtieġ issa li jsir aġġornament sabiex tqis il-progress li sar fl-implimentazzjoni tas-sistema tal-kontroll tal-Istat tal-port li ddaħħlet fis-seħħ mid-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) kif ukoll l-esperjenza miksuba matul l-operazzjoni tal-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port, iffirmat f'Pariġi fis-26 ta' Jannar 1982.

(2) Il-kontroll tal-idoneità tal-Programm dwar l-Idoneità tar-Regolamentazzjoni u Prestazzjoni (REFIT) juri li l-qafas legali tal-Unjoni għas-sikurezza tal-vapuri tal-passiġġieri rriżulta f'livell komuni ta' sikurezza għall-vapuri tal-passiġġieri fl-Unjoni. Huwa juri wkoll li, bħala riżultat tal-mod kif żviluppat maż-żmien il-liġi tal-Unjoni dwar is-sikurezza tal-passiġġieri b'reazzjoni għal domandi u sitwazzjonijiet differenti, hemm ċertu livell ta' duplikazzjoni li jista' u għandu jiġi ssimplifikat biex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq is-sidien tal-vapuri kif ukoll biex jiġi razzjonalizzat l-isforz rikjest mill-amministrazzjonijiet marittimi tal-Istati Membri.

(3) Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, fejn possibbli, diġà jikkombinaw stħarriġ obbligatorju għall-operazzjoni bla periklu ta' vapuri ro-ro regolari tal-passiġġieri ma' tipi oħra ta' stħarriġ u spezzjonijiet, jiġifieri stħarriġ tal-Istat tal-bandiera u spezzjonijiet ta' kontroll tal-Istat tal-port. Biex ikompli jitnaqqas l-isforz ta' spezzjoni u biex jiġi mmassimizzat il-ħin li fih il-vapur jew l-inġenju jkun jista' jiġi sfruttat kummerċjalment, filwaqt li jkomplu jiġu żgurati standards għoljin ta' sikurezza, jenħtieġ għalhekk li bastimenti soġġetti għal spezzjonijiet ta' kontroll tal-Istat tal-port jiġu ttrasferiti biex jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/16/KE. Jenħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jiġi limitat għal vapuri li jipprovdu servizzi regolari ta' vapuri ro-ro tal-passiġġieri u inġenji ta' veloċità għolja għall-passiġġieri bejn portijiet fi Stat Membru jew bejn port fi Stat Membru u port f'pajjiż terz fejn il-bandiera tal-bastiment tkun l-istess bħal tal-Istat Membru inkwistjoni. F'dak li għandu x'jaqsam ma' bastimenti li jagħtu servizzi regolari ta' vapuri ro-ro tal-passiġġieri u ta' inġenji ta' veloċità għolja għall-passiġġieri bejn Stat Membru u pajjiż terz, jenħtieġ li d-Direttiva 2009/16/KE tapplika jekk il-bandiera ma tkunx l-istess bħall-bandiera tal-Istat Membri inkwistjoni.

(4) Il-kunċett tal-"Istat ospitanti" ġie introdott mid-Direttiva tal-Kunsill 1999/35/KE ([4]) sabiex jiffaċilita l-kooperazzjoni ma' pajjiżi qabel it-tkabbir tal-Unjoni tal-2004. Dan il-kunċett m'għadux rilevanti aktar u għalhekk jenħtieġ li jitneħħa.

---

([1]) ĠU C 34, 2.2.2017, p. 176.

([2]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Ottubru 2017 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2017.

([3]) Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 57).

([4]) Direttiva tal-Kunsill 1999/35/KE tad-29 ta' April 1999 dwar sistema ta' stħarriġ obbligatorju għall-operazzjoni bla perikolu ta' laneċ ro-ro regolari u servizzi tal-inġenji tal-baħar ta' veloċità kbira għall-passiġġieri (ĠU L 138, 1.6.1999, p. 1).

(5) Id-Direttiva 1999/35/KE kienet tipprovdi li darba f'kull perijodu ta' 12-il xahar l-Istati ospitanti jwettqu stħarriġ speċifiku u stħarriġ waqt is-servizz regolari mil. Minkejja li l-għan ta' dan ir-rekwiżit kien li jiżgura li dawk iż-żewġ spezzjonijiet jitwettqu b'biżżejjed intervall bejniethom, il-kontroll tal-idoneità tar-REFIT wera li dan mhuwiex dejjem il-każ. Sabiex tiġi kkjarifikata s-sistema ta' spezzjoni u biex jiġi żgurat li jkun hemm qafas ta' spezzjoni armonizzat li jiżgura livell għoli ta' sikurezza, filwaqt li jqis il-ħtiġijiet komuni tas-servizzi għall-passiġġieri, għandu jiġi kkjarifikat li ż-żewġ spezzjonijiet annwali għandhom isehhu regolarment, f'intervalli ta' madwar sitt xhur. Jenħtieġ li jekk il-bastiment ikun qed jaħdem, dawn l-ispezzjonijiet konsekuttivi jsiru mhux inqas minn erba' xhur u mhux aktar minn tmien xhur 'il bogħod minn xulxin.

(6) Id-Direttiva 1999/35/KE tirreferi għal "stħarriġ" pjuttost milli "spezzjonijiet". Il-kelma stħarriġ tintuża f'konvenzjonijiet internazzjonali biex tindika l-obbligu tal-Istati tal-bandiera li jissorveljaw il-konformità tal-vapuri mal-istandards internazzjonali u joħorġu jew iġeddu, fejn rilevanti, ċertifikati. Madankollu, is-sistema speċjali ta' spezzjoni għal vapuri ro-ro tal-passiġġieri u inġenji ta' veloċità għolja għall-passiġġieri f'servizz regolari ma tistax titqies bħala stħarriġ u l-formoli rilevanti tal-ispezzjoni mhumiex u ma jistgħux jitqiesu bħala ċertifikati tal-istat ta' navigabbiltà. Għalhekk, it-terminu "stħarriġ" għandu jinbidel bi "spezzjoni" meta ssir referenza għal stħarriġ speċifiku kif previst bħalissa fid-Direttiva 1999/35/KE.

(7) Meta wieħed iqis il-profil tar-riskju speċifiku tagħhom, vapuri ro-ro tal-passiġġieri u inġenji ta' veloċità għolja għall-passiġġieri jenħtieġ li jiġu spezzjonati regolarment bħala kwistjoni ta' prijorità. Jenħtieġ li kull spezzjoni ta' vapuri ro-ro tal-passiġġieri u inġenji ta' veloċità għolja għall-passiġġieri li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/16/KE jiġu inklużi fl-għadd totali ta' spezzjonijiet annwali mwettqa minn kull Stat Membru.

(8) Spejjeż relatati ma' spezzjonijiet li jwasslu għall-projbizzjoni tat-tluq ta' bastimenti jenħtieġ li jitħallsu mill-kumpanija.

(9) Sabiex jitqiesu l-iżviluppi fuq livell internazzjonali u l-esperjenza miksuba, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tan-non-applikazzjoni, għall-finijiet ta' din id-Direttiva, ta' emendi għall-istrumenti internazzjonali jekk meħtieġ u tal-aġġornament tal-ispeċifikazzjonijiettekniċi. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti,u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([1]). B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(10) Id-Direttiva 2009/16/KE jenħtieġ li tiġi emendata biex jiġi żgurat li jinżammu l-kontenut u l-frekwenza tal-ispezzjonijiet ta' vapuri ro-ro tal-passiġġieri u ta' inġenji ta' veloċità għolja għall-passiġġieri. Id-dispożizzjonijiet speċifiċi għal spezzjonijiet u verifiki ta' vapuri ro-ro tal-passiġġieri u inġenji ta' veloċità għolja għall-passiġġieri f'servizz regolari eliġibbli għall-kontroll tal-Istat tal-port jenħtieġ għalhekk li jiġu ttrasferiti għad-Direttiva 2009/16/KE.

(11) Meta l-ispezzjonijiet isiru skont id-Direttiva 2009/16/KE, jenħtieġ li jsiru l-isforzi kollha possibbli biex jiġi evitat li vapur jinżamm jew jiddewwem mingħajr ħtieġa.

(12) Huwa importanti li jitqiesu l-kondizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien abbord tal-ekwipaġġ u t-taħriġ u l-kwalifiki tal-membri tiegħu, peress li s-saħħa, is-sikurezza u l-kunsiderazzjonijiet soċjali huma marbutin mill-qrib ma' xulxin.

(13) Fid-dawl taċ-ċiklu sħiħ ta' monitoraġġ taż-żjarat tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, jenħtieġ li l-Kummissjoni tevalwa l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva mhux aktar tard minn seba' snin wara d-data ta' skadenza għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva u tirrapporta dwarha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Jenħtieġ li l-Istati Membri jikkooperaw mal-Kummissjoni biex jiġbru l-informazzjoni kollha meħtieġa għal din l-evalwazzjoni.

(14) Sabiex ma jiġix sfurzat piż amminstrattiv sproporzjonat fuq Stati Membri mdawrin bl-art, jenħtieġ li regola de minimis tippermetti lil tali Stati Membri jidderogaw mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, li jfisser li tali Stati Membri, sakemm jilħqu ċertu kriterji, mhumiex obbligati li jittrasponu din id-Direttiva.

(15) Minħabba li l-għanijiet ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-iżgurar tat-tħaddim sikur ta' vapuri ro-ro tal-passiġġieri u inġenji ta' veloċità għolja għall-passiġġieri f'servizz regolari, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħidhom, iżda jistgħu minħabba d-dimensjoni tas-suq intern tat-trasport marittimu tal-passiġġieri u

([1]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

n-natura transkonfinali tat-tħaddim ta' dawn il-vapuri u inġenji fl-Unjoni u fil-livell internazzjonali, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni billi jiġi stabbilit livell komuni ta' sikurezza u tiġi evitata d-distorsjoni tal-kompetizzjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Konformement mall-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.

(16) Biex jiżdiedu ċ-ċarezza u l-konsistenza legali u fid-dawl tan-numru ta' emendi kkonċernati, jenħtieġ li d-Direttiva 1999/35/KE titħassar u li d-Direttiva 2009/16/KE tiġi emendata kif xieraq,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Din id-Direttiva tapplika għal vapuri ro-ro tal-passiġġieri u inġenji ta' veloċità għolja għall-passiġġieri li joperaw:

(a) f'servizz regolari bejn port ta' Stat Membru u port ta' pajjiż terz fejn il-bandiera tal-bastiment hija l-istess bħal dik tal-Istat Membru inkwistjoni; jew

(b) f'servizz regolari fuq vjaġġi domestiċi f'żoni tal-baħar li fihom il-vapuri ta' Klassi A jistgħu joperaw f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

2. Din id-Direttiva ma tapplikax għal vapuri ro-ro tal-passiġġieri u inġenji ta' veloċità għolja għall-passiġġieri li jaqgħu taħt id-Direttiva 2009/16/KE.

3. L-Istati Membri jistgħu japplikaw din id-Direttiva għal vapuri ro-ro tal-passiġġieri u inġenji ta' veloċità għolja għall-passiġġieri li joperaw f'servizz regolari fuq vjaġġi domestiċi f'żoni tal-baħar għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 1(b).

4. L-Istati Membri li ma għandhomx portijiet marittimi u li jistgħu jivverifikaw li min-numru totali ta' bastimenti individwali li jidħlu annwalment matul perijodu tat-tliet snin ta' qabel fil-portijiet tax-xmajjar tagħhom, inqas minn 5 % jkunu vapuri tal-passiġġieri jew inġeniji ta' veloċità għolja għall-passiġġieri koperti minn din id-Direttiva, jistgħu jidderogaw mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva ħlief għall-obbligu stipulat fit-tieni subparagrafu.

Dawk l-Istati Membri li ma għandhomx portijiet marittimi jenħtieġ li jikkomunikaw lill-Kummissjoni sal-21 ta' Diċembru 2019 in-numru totali ta' bastimenti u n-numru ta' vapuri ro-ro tal-passiġġieri u inġenji ta' veloċità għolja għall-passiġġieri li jidħlu fil-portijiet tagħhom waqt il-perijodu ta' tliet snin imsemmi fl-ewwel subparagrafu u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni kull sena dwar kull bidla sussegwenti għaċ-ċifri msemmijin hawn fuq.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "vapur ro-ro tal-passiġġieri" tfisser vapur bil-faċilitajiet li jippermettu li vetturi tat-triq jew tal-ferrovija jitilgħu u jinżlu mill-bastiment, u li jġorr iżjed minn 12-il passiġġier;

(2) "inġenju ta' veloċità għolja għall-passiġġieri" tfisser inġenju kif definit fir-Regolament 1 tal-Kapitolu X tas-SOLAS 74, u li jġorr iżjed minn 12-il passiġġier;

(3) "SOLAS 74" tfisser il-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Sigurtà tal-Ħajja fuq il-Baħar tal-1974, inklużi l-Protokolli u l-emendi tagħha, fil-verżjoni aġġornata tagħha;

([1]) Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri (ĠU L 163, 25.6.2009, p. 1).

(4) "Kodiċi għall-Inġenji ta' Veloċità Għolja" tfisser il-"Kodiċi Internazzjonali għas-Sikurezza ta' Inġenji ta' Veloċità Għolja" li jinsab fir-Riżoluzzjoni MSC 36 (63) tal-Kumitat għas-Sikurezza Marittima tal-IMO tal-20 ta' Mejju 1994 jew il-Kodiċi Internazzjonali għas-Sikurezza ta' Inġenji ta' Veloċità Għolja, 2000 (Kodiċi HSC tal-2000), li jinsab fir-Riżoluzzjoni MSC.97(73) tal-IMO ta' Diċembru 2000, fil-verżjoni aġġornata tiegħu;

(5) "HSSC" tfisser il-Linji Gwida tal-Istħarriġ tal-IMO skont is-Sistema Armonizzata tal-Istħarriġ u ċ-Ċertifikazzjoni, fil-verżjoni aġġornata tagħha;

(6) "servizz regolari" tfisser sensiela ta' qsim b'vapuri ro-ro tal-passiġġieri jew inġenji ta' veloċità għolja għall-passiġġieri mħaddma sabiex jaqdu t-traffiku bejn l-istess żewġ portijiet jew iżjed, jew sensiela ta' vjaġġi minn u lejn l-istess port mingħajr waqfiet intermedjarji, jew:

(a) skont skeda taż-żmien ippubblikata;

(b) bi qsim tant regolari jew ta' spiss illi jikkostitwixxu sensiela sistematika li tista' tingħaraf;

(7) "żona tal-baħar" tfisser kull żona tal-baħar jew rotta tal-baħar stabbilita skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2009/45/KE;

(8) "ċertifikati" tfisser:

(a) għal vapuri ro-ro tal-passiġġieri u inġenji ta' veloċità għolja għall-passiġġieri ingaġġati fuq vjaġġi internazzjonali, iċ-ċertifikati ta' sigurtà maħruġa skont is-SOLAS 74 jew skont il-Kodiċi għall-Inġenji ta' Veloċità Għolja rispettivament, flimkien mar-reġistri rilevanti tat-tagħmir mehmuża;

(b) għal vapuri ro-ro tal-passiġġieri u għal inġenji ta' veloċità għolja għall-passiġġieri ingaġġati fuq vjaġġi domestiċi, iċ-ċertifikati ta' sigurtà maħruġa skont id-Direttiva 2009/45/KE flimkien mar-rekords rilevanti tat-tagħmir mehmuża;

(9) "amministrazzjoni tal-Istat tal-bandiera" tfisser l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat li l-vapuri ro-ro tal-passiġġieri jew l-inġenji ta' veloċità għolja għall-passiġġieri huma intitolati jtajru l-bandiera tiegħu;

(10) "vjaġġ domestiku" tfisser vjaġġ f'żoni tal-baħar minn port ta' Stat Membru lejn l-istess port jew port ieħor f'dak l-Istat Membru;

(11) "kumpanija" tfisser l-organizzazzjoni jew il-persuna li jkunu qablu li jieħdu f'idejhom id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet kollha imposti mill-Kodiċi Internazzjonali ta' Ġestjoni għall-Operazzjoni Sikura tal-Bastimenti u għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis (il-Kodiċi ISM) fil-verżjoni aġġornata tiegħu jew, f'każijiet fejn il-Kapitolu IX tas-SOLAS 74 ma japplikax, is-sid tal-vapur ro-ro tal-passiġġieri jew tal-inġenju ta' veloċità għolja għall-passiġġieri jew kull organizzazzjoni jew persuna oħra bħall-maniġer, jew in-nolleġġatur tal-bastiment vojt, li jkunu assumew ir-responsabbiltà għall-operazzjoni tal-vapur ro-ro tal-passiġġieri jew l-inġenju ta' veloċità għolja għall-passiġġieri mingħand sidu;

(12) "spettur" tfisser ħaddiem tas-settur pubbliku jew persuna oħra, awtorizzat kif xieraq mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru biex jagħmel l-ispezzjonijiet previsti f'din id-Direttiva, li hu responsabbli lejn dik l-awtorità kompetenti u li jissodisfa l-kriterji minimi speċifikati fl-Anness XI tad-Direttiva 2009/16/KE;

(13) "awtorità kompetenti tal-Istat Membru" tfisser l-awtorità maħtura mill-Istat Membru taħt din id-Direttiva u responsabbli biex twettaq il-kompiti assenjati lilha minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

**Spezzjonijiet ta' qabel il-bidu**

1. Qabel ma vapur ro-ro tal-passiġġieri jew inġenju ta' veloċità għolja jibda jopera b'servizz regolari kopert minn din id-Direttiva, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jenħtieġ li jwettqu spezzjoni ta' qabel il-bidu, magħmula minn:

(a) verifika tal-konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness I; u

(b) spezzjoni, skont l-Anness II, biex jissodisfaw ruħhom li l-vapur ro-ro tal-passiġġieri jew l-inġenju ta' veloċità għolja għall-passiġġieri jissodisfa r-rekwiżiti meħtieġa għall-operazzjoni sikura ta' servizz regolari.

2. L-ispezzjoni ta' qabel il-bidu jenħtieġ li ssir minn spettur.

3. Meta jintalbu dan minn Stat Membru, il-kumpaniji għandhom jipprovdu evidenza tal-konformità mar-rekwiżiti tal-Anness I minn qabel imma mhux aktar kmieni minn xahar qabel l-ispezzjoni ta' qabel il-bidu.

*Artikolu 4*

**Eċċezzjonijiet għall-obbligu tal-ispezzjoni ta' qabel il-bidu**

1. Fil-każ ta' spezzjonijiet ta' qabel il-bidu, Stat Membru jista' jiddeċiedi li ma japplikax ċerti rekwiżiti jew proċeduri tal-Annessi I u II rilevanti għal kwalunkwe stħarriġ jew spezzjoni annwali mwettqa mill-Istat tal-bandiera fis-sitt xhur ta' qabel, sakemm ġew segwiti il-proċeduri u l-linji gwida rilevanti għall-istħarriġ speċifikati fl-HSSC jew proċeduri mfassla biex jinkiseb l-istess għan. L-Istati Membri għandhom jittrasferixxu l-informazzjoni rilevanti għall-bażi tad-data tal-ispezzjonijiet skont l-Artikolu 10.

2. Meta vapur ro-ro tal-passiġġieri jew inġenju ta' veloċità għolja għall-passiġġieri jkun ser jiġi ingaġġat f'servizz regolari ieħor, l-Istat Membru jista' jqis l-ispezzjonijiet u l-istħarriġ li jkunu saru qabel fir-rigward ta' dak il-vapur ro-ro tal-passiġġieri jew inġenju ta' veloċità għolja għall-passiġġieri għall-operazzjoni f'servizz regolari ieħor kopert minn din id-Direttiva. Dejjem jekk l-Istat Membru jkun sodisfatt b'dawn l-ispezzjonijiet u stħarriġ preċedenti u jekk ikunu rilevanti għall-kondizzjonijiet operazzjonali ġodda, l-ispezzjonijiet previsti fl-Artikolu 3(1) ma jeħtiġx li jiġu applikati qabel ma l-vapur ro-ro tal-passiġġieri jew l-inġenju ta' veloċità għolja għall-passiġġieri jibdew joperaw fis-servizz regolari l-ġdid.

3. Fuq talba ta' kumpanija, l-Istati Membri jistgħu jikkonfermaw minn qabel li jaqblu li l-ispezzjonijiet u l-istħarriġ preċedenti huma rilevanti għall-kondizzjonijiet operazzjonali l-ġodda.

4. Fejn, minħabba ċirkostanzi mhux previsti, ikun hemm ħtieġa urġenti tal-introduzzjoni rapida ta' vapur ro-ro tal-passiġġieri jew inġenju ta' veloċità għolja għall-passiġġieri ta' sostituzzjoni biex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz, u l-paragrafu 2 ma japplikax, l-Istat Membru jista' jħalli lill-vapur ro-ro jew l-inġenju tal-passiġġieri jibda topera sakemm jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) spezzjoni bil-għajn u kontroll tad-dokumenti ma jqajmu ebda tħassib li l-vapur ro-ro tal-passiġġieri jew l-inġenju ta' veloċità għolja għall-passiġġieri ma jissodisfawx ir-rekwiżiti meħtieġa għal operazzjoni bla periklu; u

(b) l-Istat Membru jlesti l-ispezzjoni ta' qabel il-bidu prevista fl-Artikolu 3(1) fi żmien xahar.

*Artikolu 5*

**Spezzjonijiet regolari**

1. L-Istati Membri għandhom, darba f'kull perijodu ta' 12-il xahar, jagħmlu:

(a) spezzjoni, skont l-Anness II; u

(b) spezzjoni matul is-servizz regolari, li ssir mhux qabel erba' xhur imma mhux aktar tard minn tmien xhur wara l-ispezzjoni msemmija fil-punt (a) u li tkopri l-punti elenkati fl-Anness III u dak,li skont il-ġudizzju professjonali tal-ispettur, jikkostitwixxi għadd suffiċjenti tal-punti elenkati fl-Annessi I u II biex jiġi żgurat li l-vapuri ro-ro tal-passiġġieri jew l-inġenji ta' veloċità għolja għall-passiġġieri jkomplu jissodisfaw ir-rekwiżiti meħtieġa kollha għal operazzjoni bla periklu.

Spezzjoni ta' qabel il-bidu skont l-Artikolu 3 għandha titqies bħala spezzjoni għall-finijiet tal-punt (a).

2. L-ispezzjoni msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 tista', bid-diskrezzjoni tal-Istat Membru, issir fl-istess ħin jew flimkien mal-istħarriġ annwali tal-Istat tal-bandiera sakemm jiġu segwiti l-proċeduri u l-linji gwida rilevanti għall-istħarriġ kif speċifikat fl-HSSC jew proċeduri mfassla biex jintlaħaq l-istess għan.

3. L-Istati Membri għandhom iwettqu spezzjoni skont l-Anness II kull darba li l-vapur ro-ro tal-passiġġieri jew l-inġenju ta' veloċità għolja għall-passiġġieri jsirulhom tiswijiet, tibdil u modifiki kbar, jew meta jkun hemm bidla fil-ġestjoni, jew trasferiment ta' klassi. Madankollu, f'każ ta' bidla fil-ġestjoni, jew trasferiment ta' klassi, l-Istat Membru jista', wara li jqis l-ispezzjonijiet li jkunu saru qabel fir-rigward tal-vapur ro-ro tal-passiġġieri jew l-inġenju ta' veloċità għolja għall-passiġġieri, u sakemm l-operazzjoni bla periklu tal-vapur ro-ro jew l-inġenju tal-passiġġieri ma tintlaqatx minn din il-bidla jew trasferiment, teżenta l-vapur ro-ro tal-passiġġieri jew l-inġenju ta' veloċità għolja għall-passiġġieri mill-ispezzjoni meħtieġa mill-ewwel sentenza ta' dan il-paragrafu.

*Artikolu 6*

**Rapport tal-ispezzjoni**

1. Meta tintemm kwalunkwe spezzjoni mwettqa skont din id-Direttiva, l-ispettur għandu jfassal rapport skont l-Anness IX tad-Direttiva 2009/16/KE.

2. L-informazzjoni li jkun hemm fir-rapport għandha tiġi kkomunikata lill-bażi tad-data għall-ispezzjonijiet prevista fl-Artikolu 10. Il-kaptan għandu jingħata wkoll kopja tar-rapport tal-ispezzjoni.

*Artikolu 7*

**Rettifika tan-nuqqasijiet, projbizzjoni tat-tluq u sospensjoni tal-ispezzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe nuqqas ikkonfermat jew żvelat minn spezzjoni mwettqa skont din id-Direttiva jiġi rettifikat.

2. Fejn in-nuqqasijiet huma b'mod ċar perikolużi għas-saħħa jew għas-sikurezza jew joħolqu periklu immedjat għas-saħħa jew il-ħajja, għall-vapur ro-ro tal-passiġġieri jew għall-iġenju tal-baħar ta' veloċità għolja għall-passiġġieri, għall-ekwipaġġ u għall-passiġġieri tagħha, l-awtorita' kompetenti tal-Istat Membru għandu jiżgura li l-vapur ro-ro tal-passiġġieri jew il-iġenju tal-baħar ta' veloċità għolja għall-passiġġieri jkun soġġett għal ordni li tipprojbixxi t-tluq tiegħu ("ordni ta' projbizzjoni tat-tluq"). Il-kaptan għandu jingħata kopja ta' dik l-ordni.

3. L-ordni ta' projbizzjoni tat-tluq m'għandhiex titneħħa sakemm in-nuqqas ma jkunx ġie rettifikat u l- ma jkunx tneħħa l-periklu għas-sodisfazzjoni tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru jew sakemm l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ma tkunx stabbiliet li l-vapur jew inġenju jista', soġġett għal kwalunkwe kondizzjoni meħtieġa, jipproċedi lejn il-baħar jew titkompla l-operazzjoni mingħajr riskju għas-sikurezza u s-saħħa tal-passiġġieri jew l-ekwipaġġ, jew riskju għall-vapur ro-ro tal-passiġġieri jew l-iġenju tal-baħar ta' veloċità għolja għall-passiġġieri jew vapuri oħra.

4. Jekk in-nuqqas imsemmi fil-paragrafu 2 ma jkunx jista' jiġi rettifikat faċilment fil-port li fih ikun ġie kkonfermat jew żvelat in-nuqqas, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru jista' jaqbel li l-vapur jew inġenju jitħalla jipproċedi lejn tarzna xierqa fejn in-nuqqas ikun jista' jiġi rettifikat faċilment.

5. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, fejn il-kundizzjoni globali ta' vapur ro-ro tal-passiġġieri jew ta' iġenju tal-baħar ta' veloċità għolja għall-passiġġieri tkun ta' standard manifestament inferjuri, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru jista' jissospendi l-ispezzjoni ta' dak il-vapur jew iġenju tal-baħar sakemm il-kumpanija tiegħu l-passi meħtieġa biex tiżgura li l-vapur ro-ro tal-passiġġieri jew il-iġenju tal-baħar ta' veloċità għolja għall-passiġġieri ma jkunux għadhom ta' periklu ċar għas-sigurtà jew is-saħħa jew ma jippreżentawx iżjed periklu immedjat għall-ħajja tal-ekwipaġġ u tal-passiġġieri tagħhom jew biex tiżgura li jikkonformaw mar-rekwiżiti rilevanti tal-konvenzjonijiet internazzjonali applikabbli.

6. Meta l-awtorita' kompetenti tal-Istat Membru jissospendi l-ispezzjoni skont il-paragrafu 5, il-vapur ro-ro tal-passiġġieri jew il-iġenju tal-baħar ta' veloċità għolja għall-passiġġieri għandhom awtomatikament jitqiegħdu taħt ordni ta' projbizzjoni tat-tluq. L-ordni ta' projbizzjoni tat-tluq għandha titneħħa meta l-ispezzjoni tkun tkompliet u ntemmet b'suċċess u fejn ikun hemm konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 9(2).

7. Sabiex tittaffa l-konġestjoni tal-port, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tista' tippermetti li vapur ro-ro tal-passiġġieri jew iġenju tal-baħar ta' veloċità għolja għall-passiġġieri soġġetti għal ordni ta' projbizzjoni tat-tluq jiċċaqalqu għal parti oħra tal-port jekk ikun sikur li jsir dan. Madankollu, ir-riskju tal-konġestjoni tal-port m'għandux ikun konsiderazzjoni għad-deċiżjoni dwar l-impożizzjoni jew it-tneħħija ta' ordni ta' projbizzjoni tat-tluq. L-awtoritajiet jew il-korpi tal-port għandhom jiffaċilitaw l-akkomodazzjoni ta' dawn il-vapuri.

*Artikolu 8*

**Dritt ta' appell**

1. Il-kumpanija għandu jkollha dritt ta' appell kontra ordni ta' projbizzjoni tat-tluq maħruġa mill-awtorita' kompetenti tal-Istat Membru. L-appell m'għandux jissospendi l-ordni ta' projbizzjoni tat-tluq, sakemm ma jittiħdux miżuri interim skont il-liġi nazzjonali. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jżommu proċeduri xierqa għal dan l-iskop skont il-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom.

2. L- awtorita' kompetenti tal-Istati Membri għandha tinforma lill-kaptan tal-vapur ro-ro tal-passiġġieri jew tal-iġenju tal-baħar ta' veloċità għolja għall-passiġġieri li tkun soġġetta għal ordni ta' projbizzjoni tat-tluq dwar id-dritt tal-appell u l-proċeduri applikabbli. Meta, b'riżultat ta' appell, l-ordni ta' projbizzjoni tat-tluq tiġi rrevokata jew emendata, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bażi tad-data għall-ispezzjonijiet prevista fl-Artikolu 10 tiġi aġġoranta kif xieraq mingħajr dewmien.

*Artikolu 9*

**Spejjeż**

1. Fejn l-ispezzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 3 u 5 jikkonfermaw jew jiżvelaw nuqqasijiet li jiġġustifikaw l-ordni ta' projbizzjoni tat-tluq, l-ispejjeż kollha relatati mal-ispezzjonijiet għandhom ikunu koperti mill-kumpanija.

2. L-ordni ta' projbizzjoni tat-tluq m'għandhiex titneħħa sakemm ma jsirx il-ħlas sħiħ jew tingħata garanzija suffiċjenti għar-rimborż tal-ispejjeż.

*Artikolu 10*

**Bażi tad-data għall-ispezzjonijiet**

1. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa, iżżomm u taġġorna bażi tad-data għall-ispezzjonijiet li l-Istati Membri kollha għandhom ikunu konnessi magħha u li jkun fiha l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni tas-sistema tal-ispezzjoni prevista minn din id-Direttiva. Din il-bażi tad-data ser tkun ibbażata fuq il-bażi tad-data ta' spezzjoni msemmija fl-Artikolu 24 tad-Direttiva 2009/16/KE u għandha jkollha funzjonalitajiet simili għal dik il-bażi tad-data.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni relatata mal-ispezzjonijiet imwettqa skont din id-Direttiva, inkluż informazzjoni dwar nuqqasijiet u ordnijiet ta' projbizzjoni tat-tluq, tiġi ttrasferita mingħajr dewmien għall-bażi tad-data għall-ispezzjonijiet hekk kif jitlesta r-rapport tal-ispezzjoni jew titneħħa l-ordni ta' projbizzjoni tat-tluq. Fir-rigward tad-dettalji tal-informazzjoni, id-dispożizzjonijiet tal-Anness XIII għad-Direttiva 2009/16/KE għandhom japplikaw mutatis mutandis.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni ttrasferita għall-bażi tad-data għall-ispezzjonijiet tiġi vvalidata għall-finijiet ta' pubblikazzjoni fi żmien 72 siegħa.

4. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-bażi tad-data għall-ispezzjonijiet tagħmilha possibbli li tiġi rkuprata kwalunkwe data rilevanti li tikkonċerna l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva abbażi tad-data tal-ispezzjonijiet ipprovduta mill-Istati Membri.

5. L-Istati Membri għandhom ikollhom aċċess għall-informazzjoni kollha rreġistrata fil-bażi tad-data għall-ispezzjonijiet li tkun rilevanti għall-implimentazzjoni tas-sistema tal-ispezzjoni prevista f'din id-Direttiva u fid-Direttiva 2009/16/KE.

*Artikolu 11*

**Penalitajiet**

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar penalitajiet applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżguraw li dawk il-penalitajiet jiġu implimentati. Il-penalitajiet previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

*Artikolu 12*

**Proċedura għal emenda**

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 13, li jemendaw l-Annessi ta' din id-Direttiva sabiex jitqiesu l-iżviluppi fil-livell internazzjonali, b'mod partikolari fl-IMO, u jittejbu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tagħhom fid-dawl tal-esperjenza miksuba.

2. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, fejn ikun debitament ġustifikat minn analiżi adatta mill-Kummissjoni u sabiex tiġi evitata theddida serja u inaċċettabbli lis-sikurezza marittima, is-saħħa, l-għajxien abbord il-bastiment jew il-kondizzjonijiet tax-xogħol jew l-ambjent tal-baħar, jew biex tiġi evitata inkompatibbiltà mal-leġislazzjoni marittima tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13, li jemendaw din id-Direttiva sabiex ma tiġix applikata, għall-finijiet ta' din id-Direttiva, emenda għall-istrumenti internazzjonali msemmija fl-Artikolu 2.

Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati minn tal-inqas tliet xhur qabel l-iskadenza tal-perijodu stabbilit internazzjonalment għall-aċċettazzjoni taċita tal-emenda kkonċernata jew id-data prevista għad-dħul fis-seħħ ta' tali emenda. Fil-perijodu ta' qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawk l-att delegati, l-Istati Membri għandhom joqogħdu lura minn kwalunkwe inizjattiva maħsuba biex tintegra l-emenda fil-leġislazzjoni nazzjonali jew biex tapplika l-emenda għall-istrument internazzjonali kkonċernat.

*Artikolu 13*

**Eżerċizju tad-delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 12 hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 12 hija mogħtija lill-Kummissjoni lill-Kummissjoni għal perijodu ta' seba' snin mill-20 ta' Diċembru 2017. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' seba' snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 12 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma' tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti innominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 12 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 14*

**Emendi għad-Direttiva 2009/16/KE**

Id-Direttiva 2009/16/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"25. "vapur ro-ro tal-passiġġieri" tfisser vapur bil-faċilitajiet li jippermettu li vetturi tat-triq jew tal-ferrovija jitilgħu u jinżlu mill-bastiment, u li jġorru iżjed minn 12-il passiġġier;

26. "iġenju tal-baħar ta' veloċità għolja għall-passiġġieri" tfisser inġenju kif definit fir-Regolament 1 tal-Kapitolu X tas-SOLAS 74, u li jġorr iżjed minn 12-il passiġġier;

27. "servizz regolari" tfisser serje ta' qsim b'vapuri ro-ro tal-passiġġieri jew iġenji tal-baħar ta' veloċità għolja għall-passiġġieri mħaddma biex jaqdu t-traffiku bejn l-istess żewġ portijiet jew iżjed, jew serje ta' vjaġġi minn u lejn l-istess port mingħajr waqfiet intermedjarji:

(i) skont skeda taż-żmien ippubblikata; jew

(ii) bi qsim tant regolari jew ta' spiss illi jikkostitwixxu serje sistematika li tista' tingħaraf;"

(2) fl-Artikolu 3(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Din id-Direttiva għandha tapplika wkoll għal spezzjonijiet ta' vapuri ro-ro tal-passiġġieri u iġenji tal-baħar ta' veloċità għolja għall-passiġġieri mwettqa barra mill-port jew lil hinn minn ankraġġ matul servizz regolari skont l-Artikolu 14a.";

(3) fl-Artikolu 13, il-frażi introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li vapuri magħżulin għal spezzjoni f'konformità mal-Artikolu 12 jew l-Artikolu 14a huma soġġetti għal spezzjoni inizjali jew spezzjoni aktar dettaljata kif ġej:"

(4) jiżdied l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 14a*

**Spezzjoni ta' vapuri ro-ro tal-passiġġieri u iġenji tal-baħar ta' veloċità għolja għall-passiġġieri f'servizz regolari**

1. Vapuri ro-ro tal-passiġġieri u iġenji tal-baħar ta' veloċità għolja għall-passiġġieri li joperaw f'servizz regolari huma eliġibbli għal spezzjonijiet f'konformità mal-perijodu ta' żmien u rekwiżiti oħra stabbiliti fl-Anness XVII.

2. L-Istati Membri għandhom, meta jippjanaw spezzjonijiet ta' vapur ro-ro tal-passiġġieri jew iġenju tal-baħar ta' veloċità għolja għall-passiġġieri, iqisu kif xieraq l-iskeda operazzjonali u tal-manutenzjoni tal-vapur ro-ro tal-passiġġieri jew tal-iġenju tal-baħar ta' veloċità għolja għall-passiġġieri.

3. Meta vapur ro-ro tal-passiġġieri jew iġenju tal-baħar ta' veloċità għolja għall-passiġġieri jkunu soġġetti għal spezzjoni f'konformità mal-Anness XVII, tali spezzjoni għandha tkun rekordjata fil-bażi ta' data għall-ispezzjonijiet, u għandha titqies għall-finijiet tal-Artikoli 10, 11 u 12 u għall-kalkolu tat-twettiq tal-impenn ta' spezzjoni ta' kull Stat Membru. L-ispezzjoni għandha tiġi inkluża fl-għadd totali ta' spezzjonijiet annwali għal kull Stat Membru, kif previst fl-Artikolu 5.

4. L-Artikolu 9(1), l-Artikolu 11(a) u l-Artikolu 14 m' għandhomx japplikaw għal vapuri ro-ro tal-passiġġieri u iġenji tal-baħar ta' veloċità għolja għall-passiġġieri f'servizz regolari spezzjonati skont dan l-Artikolu.

5. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-vapuri ro-ro tal-passiġġieri u l-iġenji tal-baħar ta' veloċità għolja għall-passiġġieri li huma soġġetti għal spezzjoni addizzjonali skont l-Artikolu 11(b) jintgħażlu għal spezzjoni skont l-Anness I, Parti II 3 A(c) u 3B(c). L-ispezzjonijiet imwettqa skont dan il-paragrafu ma għandhomx jaffettwaw l-intervall ta' spezzjoni previsti fil-paragrafu 2 tal-Anness XVII.

6. L-ispettur tal-awtorità kompetenti tal-Istat tal-port jista' jaqbel li jkun akkumpanjat, matul spezzjoni ta' vapur ro-ro tal-passiġġieri jew inġenju ta' veloċità għolja għall-passiġġieri, minn spettur tal-Istat tal-port ta' Stat Membru ieħor li jaġixxi bħala osservatur. Meta l-bandiera tal-bastiment tkun dik ta' Stat Membru, l-Istat tal-port għandu, fuq talba, jistieden rappreżentant tal-Istat tal-bandiera biex jakkumpanja l-ispezzjoni bħala osservatur.";

(5) fl-Artikolu 15, jitħassar il-paragrafu 3;

(6) fl-Artikolu 16, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Stat Membru għandu jirrifjuta l-aċċess għall-portijiet u l-ankraġġi tiegħu lil kwalunkwe vapur li:

— itajjar il-bandiera ta' Stat li r-rata ta' detenzjoni tiegħu taqa' fil-lista s-sewda, adottata skont il-MtQ ta' Pariġi fuq il-bażi ta' informazzjoni rreġistrata fil-bażi tad-data għall-ispezzjonijiet u kif ippubblikata kull sena mill-Kummissjoni, u li jkun inżamm aktar minn darbtejn matul is-36 xahar preċedenti f'port jew ankraġġ ta' Stat Membru jew ta' Stat firmatarju tal-MtQ ta' Pariġi, jew

— itajjar il-bandiera ta' Stat li r-rata ta' detenzjoni tiegħu taqa' fil-lista l-griża, adottata skont il-MtQ ta' Pariġi fuq il-bażi ta' informazzjoni rreġistrata fil-bażi tad-data għall-ispezzjonijiet u ippubblikata kull sena mill-Kummissjoni, u li jkun inżamm aktar minn darbtejn matul l-24 xahar preċedenti f'port jew ankraġġ ta' Stat Membru jew ta' Stat firmatarju tal-MtQ ta' Pariġi.

L-ewwel subparagrafu m'għandux japplika għas-sitwazzjonijiet deskritti fl-Artikolu 21(6).

Iċ-ċaħda għall-aċċess għandha tkun applikabbli malli l-vapur iħalli l-port jew l-ankraġġ fejn ikun ġie soġġett għat-tielet detenzjoni u fejn tkun inħarġet ordni ta' ċaħda ta' aċċess.";

(7) Jiżdied l-Anness li ġej:

"*ANNESS XVII*

Spezzjoni ta' vapuri ro-ro tal-passiġġieri u iġenji tal-baħar ta' veloċità għolja għall-passiġġieri f'servizz regolari

1.1. Qabel vapur ro-ro tal-passiġġieri jew inġenju ta' veloċità għolja għall-passiġġieri ma jibda jopera f'servizz regolari kopert minn din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom iwettqu spezzjoni, skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva (UE) 2017/2110 (*), biex jiżguraw li dawk il-vapur ro-ro tal-passiġġieri jew l-inġenju ta' veloċità għolja għall-passiġġieri jissodisfaw ir-rekwiżiti meħtieġa għall-operazzjoni sikura ta' servizz regolari.

1.2. Meta vapur ro-ro tal-passiġġieri jew inġenju ta' veloċità għolja għall-passiġġieri jkunu ser jiġu ingaġġati f'servizz regolari ieħor, l-Istat Membru kkonċernat jista' jqis l-ispezzjonijiet imwettqa minn Stat Membru ieħor matul it-tmien xhur preċedenti fir-rigward ta' dak il-vapur ro-ro tal-passiġġieri jew dak l-inġenju ta' veloċità għolja għall-passiġġieri għal operazzjonijiet f'servizz regolari ieħor kopert minn din id-Direttiva, dment li l-Istat Membru jkun sodisfatt f'kull każ li dawk l-ispezzjonijiet preċedenti jkunu rilevanti għall-kondizzjonijiet il-ġodda ta' operazzjoni u li matul dawk l-ispezzjonijiet kienu sodisfatti l-ħtiġijiet neċessarji għall-operazzjoni bla periklu ta' servizz regolari. L-ispezzjonijiet previsti fil-punt 1.1 ma għandhomx għalfejn jiġu applikati qabel ma l-vapur ro-ro tal-passiġġieri jew l-inġenju ta' veloċità għolja għall-passiġġieri jibda jopera fis-servizz regolari l-ġdid.

1.3. Fejn, minħabba ċirkostanzi mhux previsti jkun hemm ħtieġa urġenti tal-introduzzjoni rapida ta' vapur ro-ro tal-passiġġieri jew inġenju ta' veloċità għolja għall-passiġġieri ta' sostituzzjoni biex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz, u l-punt 1.2 ma jkunx applikabbli, l-Istat Membru jista' jippermetti li l-vapur tal-passiġġieri jew l-inġenju għall-passiġġieri jibdew joperaw sakemm jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) spezzjoni viżwali u kontroll tad-dokumenti ma jqajmu ebda tħassib li l-vapur ro-ro tal-passiġġieri jew l-inġenju ta' veloċità għolja għall-passiġġieri ma jissodisfawx ir-rekwiżiti meħtieġa għall-operazzjoni bla periklu;

(b) l-Istat Membru jwettaq l-ispezzjoni prevista fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva (UE) 2017/2110 fi żmien xahar.

2. L-Istati Membri għandhom, darba fis-sena, iżda mhux qabel erba' xhur u mhux iktar tard minn tmien xhur wara l-ispezzjoni preċedenti, iwettqu:

(a) spezzjoni, inkluż ir-rekwiżiti tal-Anness II għad-Direttiva (UE) 2017/2110 u tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 428/2010 (**) kif applikabbli; u

(b) spezzjoni matul servizz regolari. Din l-ispezzjoni għandha tkopri l-punti elenkati fl-Anness III għad-Direttiva (UE) 2017/2110 u dak li, skont il-ġudizzju professjonali tal-ispettur, jikkostitwixxi għadd suffiċjenti tal-punti elenkati fl-Annessi I u II għad-Direttiva (UE) 2017/2110, biex ikun żgurat li l-vapuri ro-ro tal-passiġġieri jew il-iġenji tal-baħar ta' veloċità għolja għall-passiġġieri jkomplu jissodisfaw ir-rekwiżiti meħtieġa kollha għall-operazzjoni bla periklu.

3. Fejn vapur ro-ro tal-passiġġieri jew inġenju ta' veloċità għolja għall-passiġġieri ma jkunux ġew spezzjonati f'konformità mal-punt 2, il-vapur ro-ro tal-passiġġieri jew il-l-inġenju ta' veloċità għolja għall-passiġġieri għandhom jitqiesu bħala Prijorità I.

4. Spezzjoni f'konformità mal-punt 1.1. għandha titqies bħala spezzjoni għall-finijiet tal-punt 2(a) ta' dan l-Anness.

(*) Direttiva (UE) 2017/2110 tal-15 ta' Novembru 2017 dwar sistema ta' spezzjonijiet għall-operazzjoni bla periklu ta' vapuri ro-ro tal-passiġġieri u inġenji ta' veloċità għolja għall-passiġġieri f'servizz regolari u li temenda d-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 1999/35/KE (ĠU L 315, 30.11.2017, p. 61).

(**) Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 428/2010 tal-20 ta' Mejju 2010 li jimplimenta l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ispezzjonijiet estiżi tal-bastimenti (ĠU L 125, 21.5.2010, p. 2)."

*Artikolu 15*

**Tħassir**

Id-Direttiva 1999/35/KE hija imħassra.

Referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness IV.

*Artikolu 16*

**Reviżjoni**

Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u tissottometti r-riżultati tal-evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-21 ta' Diċembru 2026.

*Artikolu 17*

**Traspożizzjoni**

1. Sal-21 ta' Diċembru 2019, l-Istati membri għandhom jaddottaw u jippubblikaw, il-miżuri meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Huma għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.

Għandhom japplikaw dawk il-miżuri mill-21 ta' Diċembru 2019.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, huma għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir din ir-referenza għandha tiġi stipulata milll-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jaddottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 18*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 19*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, il-15 ta' Novembru 2017.

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*
A. TAJANI

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
M. MAASIKAS

*ANNESS I*

**REKWIŻITI SPEĊIFIĊI GĦALL-BASTIMENTI F'SERVIZZ REGOLARI**

**(kif imsemmi fl-Artikoli 3 u 5)**

Dan li ġej għandu jkun verifikat:

1. li l-kaptan ikun ipprovdut b'informazzjoni xierqa dwar id-disponibbiltà ta' sistemi ta' gwida għan-navigazzjoni bbażati fuq il-kosta u skemi oħrajn ta' informazzjoni li jgħinuh fit-twettiq bla periklu tal-vjaġġi, qabel ma l-vapur ro-ro tal-passiġġieri jew l-inġenju b'veloċità għolja għall-passiġġieri jibdew ibaħħru, u li jagħmel użu minn skemi ta' informazzjoni u gwida għan-navigazzjoni stabbiliti mill-Istati Membri;

2. li d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-paragrafi 2 sa 6 taċ-Ċirkolari 699/MSC tas-17 ta' Lulju 1995 "Linji gwida riveduti għal struzzjonijiet ta' sikurezza tal-passiġġieri" jiġu applikati;

3. li jitpoġġa elenku bl-arranġamenti ta' xogħol abbord il-vapur f'post faċilment aċċessibbli, u li jkun fih:

   (a) l-iskeda tas-servizz fuq il-baħar u tas-servizz fil-port, u

   (b) is-sigħat massimi ta' xogħol jew is-sigħat minimi ta' serħan meħtieġa għal dawk li joqogħdu għassa;

4. li l-kaptan ma jinżammx milli jieħu kwalunkwe deċiżjoni, li fil-ġudizzju professjonali tal-kaptan tkun meħtieġa għan-navigazzjoni u operazzjoni mingħajr periklu, b'mod partikolari f'maltemp kbir u f'ibħra qawwijin;

5. li l-kaptan iżomm rekord tal-attivitajiet u tal-inċidenti tan-navigazzjoni li huma ta' importanza għas-sikurezza tan-navigazzjoni;

6. li kull ħsara, jew kull għafsa permanenti fil-bibien tal-qoxra u tal-pjanċi assoċjati tal-qoxra li jistgħu jaffettwaw l-integrità vapur ro-ro tal-passiġġieri jew inġenju ta' veloċità għolja għall-passiġġieri, u kull nuqqas fl-arranġamenti tal-imblukkar ta' dawn il-bibien, għandhom jiġu rrapportati minnufih kemm lill-amministrazzjoni tal-Istat tal-bandiera kif ukoll lill-Istat tal-port u għandhom jissewwew minnufih għas-sodisfazzjon tagħhom;

7. li jkun disponibbli pjan aġġornat tal-vjaġġ qabel it-tluq tal-vapur ro-ro tal-passiġġieri jew tal-inġenju ta' veloċità kbira għall-passiġġieri, u li waqt li jkun qed jitħejja l-pjan tal-vjaġġ, jiġu kkunsidrati bis-sħiħ il-linji gwida stabbiliti fir-Riżoluzzjoni A.893(21) tal-Assemblea tal-IMO tal-25 ta' Novembru 1999 "Linji gwida għall-ippjanar ta' vjaġġi";

8. li informazzjoni ġenerali dwar is-servizzi u l-assistenza disponibbli għall-persuni anzjani jew għall-persuni b'diżabbiltà abbord tingħata lill-passiġġieri u tkun disponibbli f'format xieraq għal persuni li jbatu biex jaraw.

*ANNESS II*

**PROĊEDURI GĦALL-ISPEZZJONIJIET**

**(kif imsemmi fl-Artikoli 3 u 5)**

1. L-ispezzjonijiet għandhom jiżguraw li r-rekwiżiti statutorji maħruġa minn jew f'isem l-Istat tal-bandiera, b'mod partikolari dawk relatati mal-kostruzzjoni, is-suddiviżjoni u l-istabbiltà, il-makkinarju u l-installazzjonijiet elettriċi, it-tagħbija u l-istabbiltà, il-protezzjoni kontra n-nirien, in-numru massimu ta' passiġġieri, l-apparat tas-salvataġġ u l-ġarr ta' oġġetti perikolużi, ir-radjukomunikazzjonijiet u n-navigazzjoni huma ssodisfati. Għal dak il-għan, l-ispezzjonijiet għandhom jinkludu:
   - l-istartjar tal-ġeneratur ta' emerġenza,
   - spezzjoni tad-dawl ta' emerġenza,
   - spezzjoni tas-sors ta' enerġija ta' emerġenza għall-installazzjonijiet tar-radju,
   - test tas-sistema li biha jiġi indirizzat il-pubbliku,
   - taħriġ kontra n-nirien, inkluż dimostrazzjoni tal-ħila li jintuża lbies ta' dawk inkarigati mit-tifi tan-nar,
   - it-tħaddim tal-pompa tan-nar ta' emerġenza b'żewġ manki mqabbdin mal-linja maġġuri tan-nar li tkun qiegħda titħaddem,
   - l-ittestjar tal-kontrolli ta' waqfien remot f'każ ta' emerġenza għall-provvista ta' karburanti għall-bojlers, magni ewlenin u awżiljari, u għall-fannijiet tal-ventilazzjoni,
   - l-ittestjar tal-kontrolli remoti u dawk lokali għall-għeluq ta' regolaturi tal-arja għan-nar,
   - l-ittestjar ta' sistemi ta' detezzjoni tan-nar u ta' allarm,
   - l-ittestjar ta' jekk jingħalqux sew il-bibien li jirreżistu n-nar,
   - it-tħaddim ta' pompi tas-sentina,
   - l-għeluq ta' bibien tal-paratija li ma jidħolx ilma minnhom; kemm mill-pożizzjoni ta' kontroll lokali kif ukoll minn dik remota,
   - turija li l-membri tal-ekwipaġġ ewlenin jafu dwar il-pjan ta' kontroll ta' ħsara,
   - it-tniżżil ta' mill-inqas dgħajsa waħda tas-salvataġġ u ta' dgħajsa tas-sopravivenza fl-ilma, it-tqabbid u l-ittestjar tas-sistema ta' propulsjoni u tat-tmun tagħhom, u l-irkuprar tagħhom mill-ilma għall-pożizzjoni tal-ħżin tagħhom abbord,
   - il-verifika li d-dgħajjes tas-sopravivenza u d-dgħajjes tas-salvataġġ kollha jikkorrispondu għall-inventarju,
   - l-ittestjar tal-apparat li jidderieġi l-vapur jew l-inġenju kif ukoll l-ittestjar tal-apparat awżiljarju li jidderieġi.

2. L-ispezzjonijiet għandhom jiffokaw fuq il-familjarizzazzjoni tal-membri tal-ekwipaġġ, u l-effikaċja tagħhom fil-proċeduri tas-sikurezza, fil-proċeduri tal-emerġenza, fil-manutenzjoni, fil-prattiki tax-xogħol, fis-sikurezza tal-passiġġieri, fil-proċeduri f'każ ta' pontijiet u f'operazzjonijiet relatati mat-tagħbija ta' merkanzija u ma' vetturi. Il-ħila tal-baħħara li jifhmu u, fejn xieraq, jagħtu ordnijiet u struzzjonijiet u li jirrapportaw lura bil-lingwa komuni tax-xogħol, kif imniżżla fil-ġurnal ta' abbord għandha tiġi vverifikata. L-evidenza dokumentata li membri tal-ekwipaġġ ikunu segwew taħriġ speċjali b'suċċess għandha tiġi vverifikata, b'mod partikolari fir-rigward ta':
   - taħriġ dwar il-kontroll ta' folol,
   - taħriġ ta' familjarizzazzjoni,
   - taħriġ tas-sikurezza għall-persunal li jipprovdi assistenza diretta ta' sikurezza lil passiġġieri fi spazji tal-passiġġieri, u b'mod partikolari lil persuni anzjani jew b'diżabbiltà f'emerġenza, u
   - taħriġ fil-ġestjoni ta' kriżijiet u taħriġ fl-imġiba tal-bniedem.

   L-ispezzjoni għandha tinkludi evalwazzjoni dwar jekk is-sistema ta' roster hijiex tikkawża għeja mhux raġonevoli b'mod partikolari għal persunal li joqgħod għassa.

3. Iċ-ċertifikati ta' kompetenza tal-membri tal-ekwipaġġ li jaħdmu abbord bastimenti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

---

([1]) Direttiva 2008/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara (ĠU L 323, 3.12.2008, p. 33).

*ANNESS III*

**PROĊEDURI BIEX JITWETTQU SPEZZJONIJIET MATUL SERVIZZ REGOLARI**

**(kif imsemmi fl-Artikolu 5)**

Meta jitwettqu ispezzjonijiet matul servizz regolari, għandu jiġi kkontrollat dan li ġej:

1. Informazzjoni dwar il-passiġġieri

Li ma jkunx inqabeż in-numru ta' passiġġieri li għalih il-vapur ro-ro tal-passiġġieri jew l-inġenju ta' veloċità kbira għall-passiġġieri (il-"vapur") ikun ċertifikat, u li r-reġistrazzjoni tal-informazzjoni dwar il-passiġġieri jikkonformaw mad-Direttiva tal-Kunsill 98/41/KE ([1]). Kif l-informazzjoni dwar in-numru totali ta' passiġġieri tingħadda lill-kaptan u, jekk xieraq, kif il-passiġġieri li jaqsmu darbtejn mingħajr ma jinżlu fuq ix-xatt għandhom jiġu inklużi fit-total għall-vjaġġ ta' ritorn.

2. Informazzjoni dwar tagħbija u stabbiltà

Li, fejn applikabbli, jinsabu mmuntati strumenti affidabbli ta' kejl tal-fond u li dawn jintużaw. Li jittieħdu miżuri sabiex jiġi żgurat li l-vapur ma jkunx mgħobbi żżejjed u li l-linja tat-tagħbija subdiviżorja xierqa ma tkunx taħt l-ilma. Li l-evalwazzjoni tat-tagħbija u tal-istabbiltà titwettaq kif meħtieġ. Li vetturi tal-merkanzija u vetturi oħrajn li jġorru t-tagħbijiet jintiżnu meta dan ikun meħtieġ u li ċ-ċifri jingħaddu lill-vapur għall-użu fl-evalwazzjoni tat-tagħbija u tal-istabbiltà. Li jkunu esibiti b'mod permanenti pjanijiet dwar il-kontroll tal-ħsara u li jiġu pprovduti lill-uffiċjali tal-vapur kotba żgħar li jkun fihom informazzjoni dwar il-kontroll tal-ħsara.

3. Sigurtà għat-tbaħħir

Li l-proċedura sabiex jiġi żgurat li l-vapur huwa sigur għat-tbaħħir qabel ma jitlaq mill-irmiġġ, li għandha tinkludi proċedura ta' rapportar pożittiv li l-bibien tal-qoxra kollha li huma protetti kontra l-ilma u kontra t-temp huma magħluqin tiġi segwita. Li l-bibien kollha tal-gverta tal-vetturi huma magħluqin qabel ma l-vapur jitlaq mill-irmiġġ jew jibqgħu miftuħin biss ħalli jkun hemm biżżejjed ħin sabiex tkun tista' tingħalaq il-viżiera tal-pruwa, l-arranġamenti ta' għeluq għall-bibien tal-pruwa, tal-poppa u tal-ġenb, u l-provvediment ta' dwal indikaturi u sorveljanza televiżiva sabiex jintwera l-istatus tagħhom fuq il-pont tan-navigazzjoni. Kull diffikultà bit-tħaddim tad-dwal indikaturi, b'mod partikolari s-swiċċijiet tal-bibien, għandha tiġi vverifikata u rapportata.

4. Avviżi tas-sikurezza

Li l-forma tal-avviżi tas-sikurezza ta' rutina u l-impustar tal-istruzzjonijiet u tal-linji gwida dwar proċeduri f'każ ta' emerġenza ssir bil-lingwa jew il-lingwi xierqa. Li l-avviż tas-sikurezza ta' rutina jsir fil-bidu tal-vjaġġ u li jkun jista' jinstema' fl-ispazji pubbliċi kollha, inkluż il-gverti tal-bastiment, li l-passiġġieri għandhom aċċess għalihom.

5. Entrati fil-ġurnal ta' abbord

Li dak il-ġurnal ta' abbord jiġi eżaminat sabiex jiġi żgurat li jkunu qegħdin isiru l-entrati fir-rigward tal-għeluq tal-bibien tal-pruwa, tal-poppa u ta' bibien oħrajn li ma jidħolx ilma minnhom u li jipproteġu mit-temp, taħriġ dwar bibien tas-suddiviżjoni li ma jidħolx ilma minnhom, ittestjar ta' tagħmir tan-navigazzjoni, eċċ. Ukoll li l-pixki, il-bords u l-istabbiltà jkunu qegħdin jiġu rrekordjati kif ukoll il-lingwa komuni tax-xogħol għall-ekwipaġġ.

6. Oġġetti perikolużi

Li kull tagħbija ta' oġġetti perikolużi jew li jniġġsu tinġarr b'mod konformi mar-regolamenti rilevanti u, b'mod partikolari, li tiġi pprovduta dikjarazzjoni dwar oġġetti perikolużi jew li jniġġsu flimkien ma' manifest jew pjan ta' stivar li juri fejn jinsabu abbord, li l-ġarr tat-tagħbija partikolari hija permessa fuq vapuri tal-passiġġieri, u li l-oġġetti perikolużi jew li jniġġsu jkunu mmarkati, ittikkettati, stivati, protetti u segregati kif suppost.

Li vetturi li jġorru oġġetti perikolużi jew li jniġġsu jkollhom avviż xieraq u jkunu protetti. Li, meta jinġarru oġġetti perikolużi jew li jniġġsu, tkun disponibbli fuq ix-xatt, kopja tal-manifest jew tal-pjan ta' stivar rilevanti. Li l-kaptan

([1]) Direttiva tal-Kunsill 98/41/KE tat-18 ta' Ġunju 1998 dwar ir-reġistrazzjoni ta' persuni li jbaħħru abbord vapuri tal-passiġġieri li joperaw lejn jew minn portijiet tal-Istati Membri tal-Komunità (ĠU L 188, 2.7.1998, p. 35).

ikun jaf bir-rekwiżiti ta' notifika skont id-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u bl-istruzzjonijiet dwar il-proċeduri ta' emerġenza li jridu jiġu segwiti u bl-għoti tal-ewwel għajnuna jekk jinqala' xi inċident li jinvolvi l-oġġetti perikolużi jew li jniġġsu l-baħar. Li l-mezz ta' kif għandhom jiġu ventilati l-gverti tal-vettura jintuża f'kull ħin, jiżdied meta l-magni tal-vetturi jkunu mqabbdin u li jkun hemm xi forma ta' indikazzjoni fuq il-pont biex juri li l-ventilazzjoni tal-gverta tal-vetturi tkun qiegħda taħdem.

7. Irbit ta' vetturi tat-trasport tal-merkanzija

Kif għandhom jintrabtu l-vetturi tat-trasport tal-merkanzija, pereżempju, jekk hux permezz ta' stivar fi blokok jew bi rbit individwali. Jekk ikunux disponibbli biżżejjed postijiet ta' rbit b'saħħithom. L-arranġamenti biex jiġu protetti vetturi tal-merkanzija meta jkun hemm jew ikun mistenni l-maltemp. Il-metodu ta' rbit għal kowċijiet u muturi, jekk ikun hemm. Li l-vapur ikollu manwal għall-protezzjoni tal-merkanzija.

8. Gverti tal-vetturi

Jekk spazji ta' kategoriji speċjali u ro-ro jkunux mgħassa jew sorveljati kontinwament minn sistema ta' kontroll televiżiva sabiex il-moviment ta' vetturi f'maltemp u d-dħul mhux awtorizzat ta' passiġġieri jkun jista' jiġi osservat. Li l-bibien u d-daħliet kontra n-nar jinżammu magħluqa u li jintbagħtu avviżi sabiex il-passiġġieri jinżammu 'l bogħod mill-gverti tal-vetturi waqt li l-vapur ikun qed ibaħħar.

9. Għeluq ta' bibien li ma jidħolx ilma minnhom

Li l-politika stabbilita fl-istruzzjonijiet operazzjonali tal-vapur għall-bibien subdiviżorji li ma jidħolx ilma minnhom tiġi segwita. Li jsir it-taħriġ meħtieġ. Li l-kontroll tal-pont għall-bibien li ma jidħolx ilma minnhom jinżamm, meta jkun possibbli, fuq kontroll "lokali". Li l-bibien jinżammu magħluqin meta jkun hemm viżibilità ristretta jew f'kull sitwazzjoni perikoluża oħra. Li l-ekwipaġġ jingħata struzzjonijiet fir-rigward ta' kif għandhom jitħaddmu l-bibien u li jkun jaf bil-perikli jekk ma jintużawx sew.

10. Għassa għan-nar

Li tkun qiegħda tinżamm għassa effiċjenti ħalli jekk ikun hemm xi nar dan jiġi skopert immedjatament. Din għandha tinkludi spazji ta' kategoriji speċjali fejn ma jkunx hemm sistema fissa ta' detezzjoni tan-nar u tal-allarm. Dawk l-ispazji jistgħu jiġu mgħassa kif indikat fil-punt 8.

11. Komunikazzjonijiet f'emerġenza

Li jkun hemm biżżejjed membri tal-ekwipaġġ skont il-lista tal-persunal biex jassistu lill-passiġġieri f'każ ta' emerġenza u li jkunu jistgħu jiġu identifikati malajr u li jkunu kapaċi jikkomunikaw mal-passiġġieri f'każ ta' emerġenza, waqt li tiġi kkunsidrata kombinazzjoni xierqa u adegwata tal-fatturi li ġejjin:

(a) il-lingwa jew lingwi xierqa għan-nazzjonalitajiet prinċipali tal-passiġġieri ttrasportati fuq rotta partikolari;

(b) il-probabbiltà li l-abbiltà li jintuża vokabularju elementari Ingliż għall-istruzzjonijiet bażiċi tista' tipprovdi mezz ta' komunikazzjoni ma' passiġġier li jkollu bżonn ta' għajnuna jekk il-passiġġier u l-membru tal-ekwipaġġ ma jkollhomx lingwa komuni;

(c) il-ħtieġa possibbli li ssir komunikazzjoni waqt emerġenza permezz ta' mezzi oħrajn (eż. b'dimostrazzjoni, sinjali bl-idejn, jew billi tinġibed l-attenzjoni għal fejn ikunu jinsabu l-istruzzjonijiet, l-istazzjonijiet tal-miġemgħa, it-tagħmir tas-salvataġġ jew ir-rotot ta' evakwazzjoni meta komunikazzjoni verbali ma tkunx prattika);

(d) jekk l-istruzzjonijiet tas-sikurezza kompluti jkunu ġew ipprovduti lill-passiġġieri bil-lingwa jew lingwi nattivi tagħhom;

(e) il-lingwi li bihom jistgħu jixxandru avviżi ta' emerġenza waqt emerġenza jew taħriġ sabiex tingħata gwida kritika lill-passiġġieri u sabiex jiġi ffaċilitat ix-xogħol tal-membri tal-ekwipaġġ waqt li dawn jassistu lill-passiġġieri.

12. Lingwa komuni tax-xogħol bejn il-membri tal-ekwipaġġ

Li tkun ġiet stabbilita lingwa tax-xogħol sabiex tiġi assigurata prestazzjoni effettiva tal-ekwipaġġ fi kwistjonijiet ta' sikurezza u li din il-lingwa tax-xogħol tkun irreġistrata fil-ġurnal ta' abbord tal-vapur.

([1]) Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/75/KEE (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 10).

13. Tagħmir ta' sikurezza

Li qed jinżamm tagħmir ta' salvataġġ u ta' protezzjoni kontra n-nar, inkluż bibien ta' kontra n-nar u oġġetti oħrajn tal-ħarsien strutturali kontra n-nar li jistgħu jiġu spezzjonati malajr. Li jiġu esibiti pjanijiet ta' kontroll tan-nar b'mod permanenti jew li jiġu pprovduti kotba żgħar li jkun fihom l-informazzjoni ekwivalenti għall-informazzjoni tal-uffiċjali tal-vapur. Li l-istivar tal-ġkieket tas-salvataġġ ikun xieraq u li l-istivar ta' ġkieket tas-salvataġġ tat-tfal ikun jista' jiġi identifikat malajr. Li t-tagħbija ta' vetturi ma twaqqafx l-operazzjoni tal-kontrolli tan-nar, tat-tifi f'każ ta' emerġenza, tal-kontrolli għall-valvi tat-tempesti, eċċ, li jistgħu jkunu jinsabu fuq il-gverti tal-vetturi.

14. Apparat tan-navigazzjoni u tar-radju

Li l-apparat tan-navigazzjoni u tal-komunikazzjoni bir-radju, inkluż is-sinjali tar-radju li jindikaw il-pożizzjoni f'każ ta' emerġenza (EPIRBs) ikunu jaħdmu.

15. Dawl supplimentari ta' emerġenza

Li jkun immuntat dawl supplimentari ta' emerġenza, meta meħtieġ mir-regolamenti, u li jinżamm rekord tan-nuqqasijiet.

16. Mezzi ta'evakwazzjoni

Li l-mezzi ta' evakwazzjoni, inklużi r-rotot ta' evakwazzjoni, huma mmarkati, b'mod konformi mal-ħtiġiet applikabbli, u mdawla, kemm mill-għajn prinċipali tal-enerġija kif ukoll minn dak tal-emerġenza. Dawk il-miżuri jittieħdu sabiex il-vetturi jinżammu lil hinn mir-rotot ta' evakwazzjoni meta dawk ir-rotot ta' evakwazzjoni jaqsmu jew jgħaddu mill-gverti tal-vetturi. Li l-passaġġi tal-ħruġ, b'mod partikolari ħruġ minn ħwienet mingħajr dazju, li jkunu nstabu li kienu mblukkati minħabba eċċess ta' oġġetti, jinżammu liberi.

17. Indafa fil-kamra tal-magna

Li l-kamra tal-magna tinżamm f'kundizzjoni nadifa b'mod konformi mal-proċeduri ta' manutenzjoni.

18. Rimi ta' żibel

Li l-arranġament għall-irfigħ u r-rimi taż-żibel ikunu sodisfaċenti.

19. Manutenzjoni ppjanata

Li l-kumpaniji kollha jkollhom ordnijiet permanenti speċifiċi, b'sistema ta' manutenzjoni ppjanata, għaż-żoni kollha relatati mas-sikurezza inklużi bibien tal-pruwa u tal-poppa u fetħiet mal-ġnub, flimkien mal-arranġamenti ta' għeluq tagħhom, iżda li jkopru wkoll il-manutenzjoni tal-kamra tal-magna u l-apparat tas-sikurezza. Li jkun hemm pjanijiet għall-kontroll perjodiku tal-punti kollha sabiex l-istandards tas-sikurezza jinżammu fl-ogħla livell. Li jkun hemm proċeduri għall-irrekordjar ta' nuqqasijiet u sabiex jiġi kkonfermat li dawn ikunu ġew rettifikati sew sabiex il-kaptan u l-persuna nnominata fuq ix-xatt fl-istruttura ta' tmexxija tal-kumpanija jkunu jafu bin-nuqqasijiet u jiġu nnotifikati meta dawn jiġu rettifikati fi żmien speċifikat. Li l- kontroll perjodiku tat-tħaddim tal-arranġamenti tal-għeluq tal-bibien ta' barra u ta' ġewwa tal-pruwa għandhom jinkludi l-indikaturi, l-apparat ta' kontroll u kull toqba fl-ispazji bejn il-viżiera tal-pruwa u l-bieb ta' ġewwa u speċjalment il-mekkaniżmi tal-għeluq u s-sistemi idrawliċi relattivi tagħhom.

20. Meta jsir vjaġġ

Meta jsir vjaġġ għandha tittieħed l-opportunità sabiex jiġi kontrollat jekk hemmx iffullar żejjed, inkluż id-disponibbiltà ta' siġġijiet u jekk il-passaġġi, it-turġien u l-ħruġ ta' emerġenza humiex imblukkati minn bagalji jew minn passiġġieri li ma jistgħux isibu fejn ipoġġu bilqiegħda. Huwa meħtieġ li jiġi kkontrollat ukoll li ma jkunx hemm passiġġieri fuq il-gverta tal-vetturi qabel ma jitlaq il-vapur u li lanqas ma jkollhom aċċess iha ħlief immedjatament qabel ma jitrakka.

*ANNESS IV*

**TABELLA TA' KORRELAZZJONI**

| Direttiva 1999/35/KE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| Artikolu 1 | — |
| Artikolu 2, punti (a), (b), (d), (e), (f), (g), (h), (j), (m), (o), (r) | Artikolu 2, punti (1), (2), (3), (4), (6), (7), (8), (9), (10), (11), (12) |
| Artikolu 2, punti (c), (i), (k), (l), (n), (p), (q), (s) | — |
| Artikolu 3 | Artikolu 1 |
| Artikolu 4 | — |
| Artikolu 5, punt (1)(a) | Artikolu 3 |
| Artikolu 5, punti (1)(b), (2) | — |
| Artikolu 6 | Artikolu 3 |
| Artikolu 7 | Artikolu 4 |
| Artikolu 8(1) | Artikolu 5(1) |
| Artikolu 8(2) | Artikolu 5(3) |
| Artikolu 8(3) | Artikolu 9(1) |
| Artikolu 9 | Artikolu 6 |
| Artikolu 10(1)(a), (b), (c), | Artikolu 7 |
| Artikolu 10(1)(d) | — |
| Artikolu 10(2) | Artikolu 7 |
| Artikolu 10(3) | Artikolu 8 |
| Artikolu 10(4) | — |
| Artikolu 11(1), (2), (3), (4), (5), (7), (8) | — |
| Artikolu 11(6) | Artikolu 6(1) |
| Artikolu 13(1), (2), (4), (5) | — |
| Artikolu 13(3) | Artikolu 6(2) u Artikolu 10 |
| Artikolu 14 | — |
| Artikolu 15 | — |
| Artikolu 16 | — |
| Artikolu 17 | Artikolu 12 |
| Artikolu 18 | Artikolu 11 |
| Artikolu 19 | Artikolu 17 |
| Artikolu 20 | Artikolu 16 |
| Artikolu 21 | Artikolu 18 |
| Artikolu 22 | Artikolu 19 |
| Anness I | Anness I |

# RETTIFIKA

## Rettifika tar-Regolament (UE) Nru 98/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prekursuri tal-isplussivi

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 39 tad-9 ta' Frar 2013)*

F'paġna 10, l-Anness I, it-tabella, in-nota (1) f'qiegħ il-paġna:

*minflok:* "([1]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 948/2009 (ĠU L 287, 31.10.2009, p. 1).",

*aqra:* "([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).";

F'paġna 11, l-Anness II, it-tabella, in-nota (1) f'qiegħ il-paġna:

*minflok:* "([1]) Regolament (KE) Nru 948/2009.",

*aqra:* "([1]) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87.".

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT